# IL-FESTA FIL-MARSA
# U
# L-GHAQDA FESTI ESTERNI
# SSma TRINITÀ



# Il-festa fil-Marsa u l-Ghaqda Festi Esterni SSma. Trinita'

Pawlu Dimech

Mitbugh fil-Print Right, Marsa

# WERREJ


| | |
|---|---|
| IL-FESTI FIL-PARROĊĊI | 1 |
| IL-FESTI FIL-MARSA | 7 |
| L-IŻVILUPP TAL-FESTA | 18 |
| IL-FESTA WARA L-GWERRA | 28 |
| IL-FESTA FI SNIN HAMSINIJIET | 35 |
| IL-FESTA THABBAT WIĊĊHA MA' DIFFIKULTAJIET KBAR | 43 |
| IT-TWAQQIF TA' L-GHAQDA FESTI ESTERNI SSma. TRINITA' | 53 |
| IL-MIĠJA TAL-VARA TITULARI U L-FESTI TA' WARA | 60 |
| IL-FESTI TAL-75 SENA U L-ĦEĠĠA TAŻ-ŻGHAŻAGH | 71 |
| PROĠETTI U OPRI ARTISTIĊI | 81 |
| IL-FESTI F'DAWN L-AHHAR SNIN | 87 |
| LEJN FUTUR B'OTTIMIŻMU | 100 |
| KARIGI FIL-GHAQDA FESTI ESTERNI SSma. TRINITA', MARSA | 102 |
| BANED LI NĠIEBU MILL-GHAQDA TAL-FESTI SSma. TRINITA' | 103 |
| ISMIJIET TA' MEMBRI F'DAWN L-AĦĦAR 25 SENA | 104 |
| INNU MARĊ LIT-TRINITA' QADDISA | 105 |
| INNU MARĊ GHAQDA FESTI ESTERNI SSMA. TRINITA' | 105 |
| INNU LIT-TRINITA' QADDISA | 106 |
| INNU LIS-SANTIISMA TRINITA' | 107 |
| INNU POPOLARI LIS-SSMA. TRINITA' | 109 |
| INFORMAZZJONI DWAR L-AWTUR | 110 |



Il-Festa tas-SSma Trinità fil-Marsa

# IL-FESTI FIL-PARROĊĊI

Il-festa tal-parroċċa hija l-akbar u l-aktar ġrajja mportanti li sseħħ ta' kull sena f'kull belt u raħal tal-gżejjer Maltin. Minkejja l-iżvilupp u l-progress li sar, anke f'dak li huwa divertiment tal-poplu, il-festa baqgħet l-avveniment ewlieni tal-parroċċi tagħna. Il-festa għalina hija xi ħaġa ħajja li l-poplu tagħna għadu jgħożż u jistennieha b'ħeġġa, interess u ħerqa. Għaliha jikkontribwixxi mhux biss il-finanzi neċessarji, iżda jieħu sehem attiv fiha. Fattur importanti li ma' jistax jitħalla barra huwa x-xogħol volontarju marbut maċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa. U alla ħares ma' kienx hekk, għaliex kieku l-festi ma jsirux.

## FESTI RELIĠJUŻI

Kull komunita' tħoss li l-festa hija tagħha u għalkemm tiġi ċċelebrata f'ġieh il-patruni tal-parroċċi toħroġ l-epressjoni ta' "Viva l-festa tagħna". B'din l-istqarrija l-poplu juri li l-festa hija tiegħu, bħal ma' jingħad għall-knejjes parrokkjali: "Il-knisja tagħna" u b'hekk tidher li hija parti minnu u għandu rabta f'għeruq fondi maġuna mal-karattru, il-kultura u l-identita' nisranija Maltija. Tinħass ukoll l-għaqda sħiħa mal-padruni tal-parroċċi tagħna. Il-festi reliġjużi huma ċċelebrati mill-festi tal-kalendarju liturġiku tal-knisja kattolika.

L-akbar festa għall-insara hija dik tal-Qawmien ta' Kristu mill-mewt, iżda l-Knisja tħeġġeġ billi nersqu lejn Kristu u permezz tiegħu, lejn Alla billi nħobbu u nagħmlu festi wkoll lill-qaddisin. Trid li permezz tal-festi nsara jiftakru fl-opra u l-frott tas-salvazzjoni ta' Ġesu' li jidhru wkoll fil-qaddisin tiegħu [1]. L-aspett reliġjuż huwa bir-raġun kollu l-qofol u bl-attenzjoni partikolari jkunu l-funzjonijiet li jsiru l-knisja. Din tkun mżejjna għal din l-okkażjoni skond id-drawwa ta' pajjiżna b'damask u opri ta' l-arti fil-fidda , rakkmu u tiżjin ieħor. Dan huwa xhieda qawwija tal-fidi tagħna u ta' missirijietna li b'tant sagrifiċċji kbar taw kull ma' kellhom għall-qima, ġieh u glorja t'Alla.

Il-programm tal-festi jinkludi ċelebrazzjonijiet solenni li wara tħejjija ta' ċerti ġranet jispiċċaw bil-qofol tal-purċissjoni bil-vara titulari fit-toroq u l-barka sagramentali fil-knisja. Meta dawn ikunu preparati sewwa, iħallu ġid spiritwali li l-Mulej biss jaf bih. Dawn il-funzjonijiet jistgħu jservu okkażjoni ta' tħeġġiġ u tiġdid fil-ħajja spiritwali ta' bosta nsara. Imma l-festa ma' tieqafx biss ġewwa l-ħitan tal-knisja, iżda toħroġ 'il barra mill-bibien tagħha. Għalkemm kulħadd jifhem li l-festa hija waħda nsibuha maqsuma fil-festa ta' ġewwa u l-festa ta' barra fejn dawn ġeneralment jikkumplimentaw lil xulxin. Bil-festa r-raħal jinbidel mil-lejl għan-nhar u narawh jilbes il-libsa tal-festa bħalma s-siġra fir-rebbiegħa tħaddar il-friegħi tagħha bil-weraq u l-ward. It-toroq, il-pjazez u l-isqaqien jinbiddlu f'atmosfera ta' kuluri mediterranji bil-mixgħela, it-tiżjin ta' l-antarjoli bil-bandalori, pavaljuni, trofejs bi bnadar, pedestalli bi statwi, li

flimkien mad-daqq tal-qniepen, baned u l-ħruq tal-logħob tan-nar isawru parti mill-folklor tal-festa Maltija.

## ORGANIZAZZJONI SERJA

Ix-xogħol kollu li titlob il-festa tinħtieġ li jkun hemm organizazzjoni serja u bil-galbu. Għal dan l-iskop insibu t-twaqqif ta' diversi għaqdiet u kumitati li jaħdmu qattieħ biex din il-manifestazzjoni reliġjuża popolari tkun suċċess f'kull attivita' li tkun organizzata. Min ikun responsabbli jmidd għonqu għax-xogħol b'sagrifiċċju personali u familjari, anki bil-ġbir minn għand il-parruċċani u l-partitarji meta l-armar bil-kemm ikun ġie merfugħ f'postu fil-festa li tkun għaddiet. Minn kmieni jibdew it-tħejjijiet għall-festa tas-sena li tkun ġejja b'bosta laqgħat u kummissjonijiet magħmula minn diversi kategoriji ta' nies: irġiel, żgħażagħ u nisa. Kull festa għandha l-organizazzjoni għaliha u f'xi postijiet il-festa ta' barra hija marbuta ma' xi fratellanza jew każin tal-banda li jkun hu li jieħu ħsieb dawn il-ħwejjeġ kollha, inkluż il-logħob tan-nar. Difatti, ħafna mill-kmamar tal-logħob tan-nar li nsibu f'pajjiżna huma propjeta' u responsabbilta' tal-każini tal-baned jew għaqdiet piroteknići, marbuta mal-festa tar-raħal. F'ibliet u rħula oħra, insibu għaqdiet tal-festi esterni li huma organizzati tant tajjeb u taħthom taqa' r-responsabbilta' tal-festa ta' barra.

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq, li jsir kull sforz possibbli biex il-festa tirnexxi f'kollox, għajr xi waqtiet it-temp li jħoll u jorbot, l-iktar fl-attivitajiet ta' barra. Kien għal din ir-raġuni li ħafna festi ġew trasferuti u sabu posthhom fis-sajf, fejn l-istaġun tal-festi jibda minn Mejju sa' Settembru. Dan għaliex, it-temp ikun aktar bnazzi u jippermetti s-suċċess tal-festi ta' barra. Il-festi jiġbdu lejhom lit-turisti u l-barranin li mhux biss jimpressjonaw irwieħhom b'dak kollu li jaraw, imma jitħalltu mal-poplu tagħna f'atmosfera ta' ħbiberija li tant togħġobhom u timpressjonhom. Hekk stqarr miegħi wieħed turist Ġermaniż li ltajt miegħu f'waħda mill-festi tagħna: "Tħossok qed tgħix għal ftit f'dinja tas-saħrijiet fejn jirrenja s-sliem u l-ferħ ġenwin. Dan minkejja l-istorbju tal-moti tal-qniepen mill-kampnari, il-ħoss qawwi tal-murtali u d-daqq ta' l-istrumenti mużikali mill-baned imħalltin ma' l-għajjat tal-bejjiegħa tradizzjonali tal-qubbajd, imqaret, u ġelati".

Kien hemm żmien meta minħabba l-ħajja moderna u divertiment ieħor ħasbu u beżgħu li l-festi ta' l-irħula tagħna ser jispiċċaw u forsi wkoll imutu b'mewta naturali.[2] Imma l-esperjenza wriet li l-festi flok naqsu kibru fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħhom, fl-organizazzjoni u saħansitra fit-tul tal-ġranet. Tant fejn il-festa qabel kienet tikkonsisti fit-tliet ijiem Tridu, lejlietha u nharha, illum tibda minn ħafna ġranet qabel. Il-festa emigrat ma' niesna l-iktar fl-Awstralja. Il-Maltin bdew jiċċelebrawhom f'dik l-art li fiha emigraw u waqqfu għaqdiet bħal ma' nsibu "Il-Holy Trinity Marsa Association " ta' New South Wales f'Sydney., l-Awstralja, fejn hemm jiċċelebraw il-festa tat-Trinita'

Qaddisa. Emigranti oħra jiġu jżuru lil qrabathom u jieħdu l-btala fostna fi żmien il-festa tar-raħal. Oħrajn jibgħatu kontribuzzjonijiet finanzjarji biex ikabbru l-festa, l-armar fil-knisja u l-każin tal-banda.

## ĊELEBRATI KIF XIERAQ

Biex ngħidu kollox, ġieli li f'xi festi f'pajjiżna tinbet ċerta pika bejn raħal u ieħor, parroċċa u oħra jew inkella bejn każin u ieħor kemm ta' l-istess festa jew festa sekondarja. Minħabba f'hekk jikber aktar l-entużjażmu li ħafna drabi jaqbeż il-limitu tiegħu u jħalli togħma morra ta' firda li jtebbgħu l-festi. L-awtoritajiet tal-knisja, l-Isqfijiet u l-Kappillani, kemm il-darba semmgħu leħenhom fuq hekk u ħeġġew biex il-festi jkunu ċċelebrati dejjem kif inhu xieraq, b'mod nisrani u wissew biex ma' tinżergħax u tikber il-firda, l-inkwiet u l-gwaj fost l-istess komunita. [3] Meta jiġri hekk isostnu l-Isqfijiet, lill-qaddisin inkunu qed inżebilħuhom, mhux inqimuhom. Il-ħsara ta' dan kollu mhux biss għaliex b'hekk flok okkażjoni ta' ferħ nisrani u għaqda nisranija, il-festi jinbidlu fi ġrajjiet ta' għajb għall-fidi tagħna u tal-poplu. [4]

Imma xi wħud li ma' jmiddu jdejhom għal xejn u li l-festi ma' jogħġbuhomx, jinqdew b'dawn ir-realtajiet u jkunu l-ewwel nies biex jikkritikaw biss l-aspetti negattivi u l-eseġerazzjonijiet li jsiru f'xi festi tagħna. Fost kollox, hemm l-imġieba f'ċerti marċi fis-saħna tal-fanatiżmu u fil-ħruq ta' kwantita' ta' logħob tan-nar li tajjeb ngħidu li kienu kkontrollati bil-ħnijiet. Hwejjeġ bħal dawn huma kkundannati minn kulħadd. Dawn it-talin bil-kritika distruttiva tagħhom jippruvaw itappnu dak kollu li huwa sabiħ u ma ' japprezzawx il-ħidma fejjieda flimkien ma' l-aspett reliġjuż, soċjali, kulturali kif ukoll ekonomiku li għandhom il-festi għall-poplu Malti. B'daqshekk mhux qed infisser li ma jistax ikun hemm titjib f'ċerti mġiebiet li jitolbu l-edukazzjoni u ħwejjeġ oħra li għandhom jiġu kkoreġuti. Hija responsabbilta' ta' kulħadd li nħarsu l-festi tagħna l-Maltin minn kull tingis li jista' jwassalhom għal xi falliment. Huwa ta' piż fuq spallejn kull individwu li jieħu sehem fil-festa biex ikun ta' eżempju bl-imġieba tiegħu lejn sħabu u lejn il-barranin li jkunu fostna. Dawn il-barranin jistgħu jiġġudikaw iktar minna dak li jaraw tajjeb, imma anke dak li hu ħażin. Fuq l-imġieba tagħna jkunu jistgħu jagħmlu ġudizzju kemm verament il-poplu Malti huwa poplu matur fil-fidi tiegħu mhux b'mod tradizzjonali biss, iżda b'konvinzjoni fit-twemmin nisrani tiegħu.

## L-ARTI SAGRA

Fil-festi jidher aspett ieħor li huma mportanti, dak tal-ħila ta' ħafna mill-artisti Maltin li ħallew diversi opri kemm fil-mużika, kif ukoll fit-tiżjin ta' ġewwa l-knejjes u l-armar fit-toroq u l-pjazez tagħna. Bl-opri kbar li ħallew fit-tiżjin tal-festi, kien għalihom mezz biex juru t-talenti u l-kapaċitajiet tagħhom fl-arti sagra. Għalkemm il-festi ta' l-irħula u l-ibliet fil-gżejjer Maltin



Il-Knisja mżejna b'opri artistiċi fil-Festa

jixxiebħu, iżda f'kull waħda għandek issib il-karatteristiċi tagħha. F'xi wħud hemm ċerti tradizzjonijiet u drawwiet li ntagħġnu tul is-snin. Il-festa rat żvilupp importanti l-iktar fis-seklu dsatax u għoxrin. F'ċerti rħula, l-iżjed qodma nafu li l-festa bdiet b'ċelebrazzjonijiet żgħar ta' xi funzjoni reliġjuża u soċjali. Eżempju ta' Għasar, quddiesa u tqassim tal-ħobż lill-foqra. Dan seħħ xi sekli ilu, imma kibret u rat tibdil tul iż-żminijiet. Ġara dan kollu għaliex sabet l-appoġġ tal-poplu li f'demmu jħobb il-festi u minn ħaġa żgħira lest li jagħmel festa biex jaqta' mir-rutina tal-ħajja ta' kuljum

Kull festa għandha l-istorja partikolari tagħha u l-mod kif żviluppat Sabiex waslet għall-istat li hija illum. L-istorja li ntisġet fil-ġrajjiet li sawru fil-knejjes, każini u l-għaqdiet Maltin jagħmlu unur lil dawk kollha li ħadmu u taw sehem fihom. Kien dan il-ħsieb li b'umilta' kollha se nipprova nwassal il-ġrajjiet u l-iżvilupp tal-festa li ssir fil-parroċċa tat-Trinita' Qaddisa li fiha twieldet l-Għaqda tal-Festi Esterni Santissima' Trinita' ta' raħal twelidi, il-Marsa. B'wiċċi minn quddiem ngħożż iż-żmien u l-ħidma tiegħi f'din il-għaqda, li flimkien ma' sħabi kollha ħajjin u mejtin ħdimna, stinkajna u fraħna f'dawn iż-żminijiet li sawwru l-istorja tagħha.

---

[1] Pastorali fuq il-festi 1994
[2] Fost dawn kien hemm il-Professur Jeremy Boissevan
[3] Diskors ta' l-Arċisqof lill-każini tal-baned (Seminar 14-3-1993)
[4] Ittra Pastorali, l-Erbgħa ta' l-ottava ta' l-Għid il-Kbir 1994



# IL-FESTI FIL-MARSA

Tul is-sena liturġika tal-knisja jiġu ċċelebrati l-festi tal-misterji qaddisa tas-salvazzjoni tagħna. Titfakkar b'imħabba speċjali l-Imqaddsa Verġni Omm Alla u Ommna u tiċċelebra t-tifkira tal-Qaddisin.[1] Il-knisja kattolika trid li aħna nqimu lill-qaddisin u nagħmlulhom festa qabel xejn biex nieħdu l-eżempju tajjeb tagħhom ħalli nħobbu 'l Alla dejjem aktar u biex niksbu l-għajnuna t'Alla bl-interċessjonijiet tagħhom. FL-istess ħin, il-knisja trid ukoll li l-festi jgħinuna nissaħħu fl-għaqda ta' bejnietna lkoll, permezz ta' imħabba vera ta' aħwa.[2]

Kull komunita' nisranija f'pajjiżna għandha ċertu rabtiet u kult lejn it-titular tal-knisja, xi ġrajja tas-salvazzjoni, tal-Madonna taħt xi titlu jew ta' diversi qaddisin protetturi. Fil-gżejjer tagħna, ħafna drabi dawn huma marbutin mal-lokal jew ma' gruppi ta' nies li jiffurmaw fratellanzi u għaqdiet. L-imħabba u l-qima tal-Maltin lejn il-qaddisin protetturi tagħhom hija kbira. Mhux biss tintalab l-għajnuna tagħhom f'kull tiġrib tal-ħajja, imma f'ġieħhom jiċċelebraw il-festi tagħhom b'mod estern. B'dan il-mod ta' manifestazzjoni li hija turija ta' kif il-kultura nisranija ntgħaġnet mat-tradizzjonijiet, drawwiet u l-aspetti l-oħra tal-ħajja u l-istorja Maltija.

Il-komunita' parrokkjali tat-Trinita' Qaddisa fil-Marsa mhix eċċezzjoni għaliex fiha nibtu festi u għaqdiet li jieħdu ħsieb dawn iċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi, mhux biss mil-lat reliġjuż, imma wkoll mil-lat estern. Il-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' tal-Marsa, li din is-sena 2000 qed tfakkar il-25 sena mit-twaqqif tagħha hija eżempju għal dan il-għan. Biex wieħed jiġbor it-tagħrif meħtieġ u x'wassal għat-twaqqif ta' l-Għaqda tal-Festa li hija responsabbli mill-festi titulari ta' barra trid tibda mill-għeruq fondi tal-festi tagħna l-Marsin. Għalhekk huwa ħsieb tajjeb li nħarsu ħarsa ħafifa lejn il-festi li kienu jew għadhom jiġu ċċelebrati fil-Marsa u naraw l-oriġini tagħhom.

## L-EWWEL FESTI FIL-MARSA

L-ewwel festi li nafu bihom bdew jiġu ċċelebrati fuq skala żgħira fil-kappelli li kien hawn fil-Marsa, ħafna qabel ma l-art tal-Marsa saret parroċċa. Fost l-ewlenin insemmu dik ta' Sidtna Marija mtellgħa s-sema (l-Assunta) fil-knisja tagħha fil-qasam "ta' Ċeppuna" mibnija għall-ħabta tas-seklu ħmistax.[3] Imbagħad meta l-avukat Ġużeppi Żammit minn Bormla bena l-knisja tal-Madonna tal-Grazzji magħrufa b'"Ta' Ċejlu" fil-1870, bdiet tiġi mill-ewwel iċċelebrata l-festa. Din kienet issir mhux biss ġewwa l-knisja li tinsab f'xatt il-knisja quddiem il-baħar, iżda anke fuq barra. Xhieda ta' dan hija l-festa kbira li seħħet fil-Marsa f'Settembru ta' 1873. Ġewwa l-knisja ta' stil barokk kienet iċċelebrata quddiesa solenni u vespri. Fil-festa ta' barra sar l-armar u l-illuminazzjoni bit-tazzi taż-żejt. Biex tferraħ inġiebet il-banda mużikali, fejn il-poplu ġie bi ħġaru għal din il-festa tal-Madonna tal-Grazzji.

Kienet ġiet organizzata saħansitra l-ġostra li fiha ħadu sehem bosta żgħażagħ u nħaraq il-logħob tan-nar u ġiġġifogu [4].

In-nies tal-Marsa li kien hawn jgħixu minkejja l-faqar tagħhom għaliex fil-maġġoranza kienu ħaddiema tax-xatt u bdiewa, ippruvaw matul is-snin ta' wara jżejjnu mill-aħjar li setgħu l-knisja tal-Madonna tal-Grazzji bl-armar meħtieġ għall-festi. Għall-komunita' żgħira Marsija miġbura fl-inħawi tax-xatt din kienet il-knisja tagħhom. Huma jiffesteġġjaw bil-mod u l-mezzi ta' dak iż-żmien il-festi tul is-snin meta l-popolazzjoni bdiet kull ma' tmur tikber. Kien beda jsir xi ġbir għall-knisja u l-festa ta' San Gejtanu l-Ħamrun meta din saret parroċċa fl-1881 u b'hekk parti kbira mill-art tal-Marsa ma' baqgħetx mar-raħal ta' Ħal Qormi u saret tiddependi minnha. Fost l-oħrajn in-nies tal-Marsa kienu taw id-donazzjonijiet tagħhom għall-vara ta' San Gejtanu u xi opri oħra fil-knisja.[5] Imma, meta fl-1909 bdiet tinbena l-knisja l-ġdida ddedikata lis-Santissima Trinita' mill-benefatturi l-Kavallier Lorenzo u Marija Karmela Balbi, l-attenzjoni tagħhom tefgħuha fuqha, għaliex fl-aħħar kien ser ikollhom il-knisja parrokjali tagħhom. Kemm kienu ferħanin missirijietna meta ħadu sehem bi ħġarhom fil-festi li saru meta l-knisja l-ġdida tal-Marsa ġiet mgħollija għad-dinjita' ta' parroċċa, nawgurata u mbierka mill-Arċisqof, Monsinjur Pietro Pace nhar id-19 ta' April 1913.[6] Ftit ġimgħat wara jiġifieri fix-xahar ta' Mejju ta' dik is-sena saret l-ewwel festa titulari bis-solennita' kollha. Il-festa titulari tal-Marsa baqgħet issir kull sena fil-festa liturġika tat-Trinita' Qaddisa, Ħadd fuq il-pentecoste, "l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli". Il-purċissjoni saret bis-Santissimu Sagrament. Il-kappillani u l-patrijiet Kapuċċini kienu joqgħodu ferm attenti li ma jimbtux festi oħra, l-iktar b'xi statwa minħabba l-biża' li ssir xi festa sekondarja u jqum xi partit tal-festa. Irridu nżommu f'moħħna li l-festa titulari kienet issir bis-Santissimu Sagrament u mhux b'xi statwa bħal ma' kienet issir kważi fil-parroċċi l-oħra Maltin. Din kienet waħda mir-raġunijiet li l-istatwi li kien hawn fil-knisja parrokkjali tat-Trinita' Qaddisa sa mill-bidu tal-parroċċa ħadu ż-żmien biex jinħarġu bil-proċessjonijiet, u oħrajn ma' ħarġu qatt.[7] Il-proċessjoni barra li hija parti mil-Liturġija jew para Liturġika, hija fl-istess ħin manifestazzjoni esterna tar-reliġjożita' popolari.

## IL-FESTI FIL-PARROĊĊA

Mat-twaqqif tal-parroċċa u matul is-snin bdew isiru diversi festi fil-Marsa. Fost l-ewlenin dik tal-kwaranturi (Adorazzjoni Solenni) li kienet issir fil-festa tat-Tre Re fis-6 ta' Jannar u tagħlaq bil-purċissjoni fil-knisja jew madwarha. Il-festa tal-Madonna taħt it-titlu ta' l-Immakulata Kunċizzjoni kienet tiġi ċċelebrata mill-bniet u x-xebbiet tal-Figlie di Marija li għamlu statwa tal-Kunċizzjoni fl-1916 maħduma mill-istatwarju s-Sur Wistin Camilleri ta' Għawdex. Is-subien tal-Figli di Marija kienu jiċċelebraw il-festa ta' San Alwiġi konsaga. L-istatwa ta' dan il-Qaddis tinsab f'Oratorju ta' Sant'Antnin. F' Jannar, meta twaqqfet ix-xirka ta' l-isem Imqaddes t'Alla fil-1932, bdiet issir il-



L-Altar armat għall-Festa tal-Kwaranturi

festa ta' l-Isem Imqaddes t'Alla bil-proċessjoni bil-bambin tax-xirka mill-istess membri. Illum dan jinsab fis-sagristija tal-knisja.

## CORPUS CHRISTI U L-FESTI EWKARISTIĊI

Festa oħra li kienet minn dejjem iċċelebrata bl-akbar solennita' wara l-festa titulari kienet dik ta' Corpus Christi (Il-Ġisem u d-Demm ta' Sidtna Ġesu' Kristu). Il-fratelli tal-fratellanza tas-Santissimu Sagrament u l-Qalb ta' Ġesu mwaqqfa fil-parroċċa fil-1914 kienu jieħdu sehem u ħsieb din il-festa għażiża. Għal dak inhar kienet tinġieb il-mużika bħal tal-festa titulari.[8] Il-proċessjoni kienet tgħaddi mill-istess toroq tal-proċessjoni tal-festa tat-Trinita' Qaddisa. Il-festa ta' Corpus Christi fil-Marsa kienet issir il-Ħadd fuq il-festa proprja tagħha, għaliex qabel il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu kienet festa kmandata u tiġi ċċelebrata l-Ħamis fuq it-Trinita' Qaddisa. F'ħafna toroq kienu jarmaw xi armar tal-festa tar-raħal u jiżżejjnu b'liedna, rand, qsari, tapiti u bandieri. Kienet u għadha tintuża l-isfera l-kbira, l-istess li tintuża fil-festa titulari li saret fl-1916. Fis-sena 1939 inġieb minn Milan l-Italja, l-baldakkin tar-rakkmu maħdum mis-sorijiet Sagramentini. Dan inġabar u sar bit-tħabbrik tal-fratelli tal-fratellanza tas-Santissimu Sagrament u għalhekk kien jinħareġ darbtejn, fil-festa titulari u fil-festa ta' Corpus Christi.[9] Wara t-tieni gwerra dinjija, il-festa ta' Corpus baqgħet tiġi ċċelebrata b'iżjed solennita'. Twalu t-toroq bil-ftuħ ta' Triq Zerafa, u bdew jingħataw tliet barkiet waqt il-proċessjoni minn tribuni u toroq differenti. Hekk kif fil-1949 fil-Marsa twaqqfet il-banda Trinita' Qaddisa bdiet tieħu sehem bid-daqq ta' l-innijiet Ewkaristiċi fil-proċessjoni kif jieħdu sehem ukoll l-għaqdiet kollha tal-Marsa. Fid-19 ta' Ġunju 1976, din il-festa bdiet issir is-Sibt flok il-Ħadd wara t-tliet ijiem tal-Kwaranturi.[10] Fil-1997 bdiet issir bejn iż-żewġ parroċċi. Il-membri ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni Santissima' Trinita' fil-laqgħa tat-12 ta' Mejju 1980 ħadu riżoluzzjoni biex jerfgħu l-baldakkin fil-proċessjoni ta' Corpus. Hekk sar f'dik is-sena u s-snin ta' wara, meta l-baldakkin ġie miżmum mill-membri bi ftehim mal-fratellanza tas-Sagrament.

B'rabta mas-Santissimu Sagrament, il-fratelli tal-fratellanza tas-SSmu. Sagrament u l-Qalb ta' Ġesu' kienu jieħdu sehem ukoll fil-proċessjoni tat-Terza li kienet issir kull tielet Ħadd tax-xahar u fil-vjatku tal-maribondi. Proċessjonijiet oħra li għadhom isiru huma dik tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu' u l-Vjatku Solenni li joħroġ fiż-żewġt iħdud fuq l-Għid il-Kbir. Dan il-Vjatku dejjem ingħata attenzjoni u kien mistenni b'ħerqa mill-parroċċani li kienu jarmaw it-toroq qishom ġnien. Fl-1952 bdiet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu' fil-kappella ta' 'Albert Town' fil-Marsa. F'din il-kappella li hija knisja żgħira filjali mal-parroċċa tas-SSma. Trinita' isir Tridu lejliet u nhar il-festa, fejn titqaddes quddiesa u toħroġ proċessjoni fit-toroq prinċipali ta' Albert Town. Il-proċessjoni ssir b'Ġesu' Ewkaristija. Sa ftit snin ilu kienet tiġi organizzata festa akbar. Kienu jiżżejnu t-toroq u ġieli tinġieb il-banda u jsir logħob tan-nar. Il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu' tiġi ċċelebrata fil-knisja



Il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju fl-1945



Il-Purċissjoni tad-Duluri fl-1951

parrokkjali ukoll. Fil-jiem tal-festa ssir quddiesa kantata u proċessjoni Sagramentali mill-knisja tul xi toroq tal-parroċċa. Illum il-ġurnata flok tispiċċa fil-knisja qed tispiċċa fil-bitħa tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu' fi triq Balbi. Fil-parroċċa l-oħra, dik ta' Marija Reġina kienet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Qalb ta' Ġesu' li fil-proċessjoni kienet tieħu sehem il-banda "Marija Reġina". Iżda din tneħħiet meta l-proċessjoni ta' Corpus Christi bdiet issir miż-żewġ parroċċi flimkien. Meta tlesta ċ-Ċentru Ewkaristiku tal-fergħa Ewkaristika fi triq li ġġib l-istess isem bdiet ukoll tiġi ċċelebrata l-festa f'dan il-lokal. B'hekk naraw li l-festi Ewkaristiċi dejjem kellhom kif suppost għandu jkollhom post speċjali fil-Marsa.

# FESTI BI STATWI

## IL-MADONNA TAR-RUŻARJU

Hekk kif għaddiet it-tieni gwerra dinjija, bdiet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna tar-Rużarju Mqaddes bil-proċessjoni u għalhekk kienet l-ewwel statwa fil-Marsa li nħarġet bil-purċissjoni fit-toroq tagħna fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru 1945. Is-sena ta' wara ġiet indurata. [11] Din il-festa devota sabet għeruq tajba għaliex tkompliet tissaħħaħ bis-sehem tal-membri tal-fratellanza ta' Sidtna Marija tar-Rużarju Mqaddes li twaqqfet uffiċċjalment fil-parroċċa fil-11 ta' Frar 1953.[12] Il-festa għadha sal-lum tiġi ċċelebrata bi tliet ijiem Tridu u nhar il-festa titqaddes quddiesa kantata fil-għodu u fil-għaxija ssir quddiesa bil-vespri u proċessjoni bl-istatwa devota tal-Madonna. L-istatwa kienet tħallset mis-Sur Carmelo Lia fil-bidu tal-parroċċa u nħadmet minn Wistin Camilleri.[13] Il-fratelli tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju habirku bil-kbir biex ikabbru d-devozzjoni lejn Marija taħt it-titlu tar-Rużarju. Biż-żmien bdiet issir mixgħela fi Triq Balbi u jintrama z-zuntier bil-bandalori. F'dawn l-aħħar snin il-festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Marsa bdiet tiġi ċċelebrata t-tieni Ħadd ta' Ottubru. L-Għaqda tal-Festi Esterni tgħin ukoll f'din il-festa devota biex tirnexxi kull sena.

## IL-MADONNA TAD-DULURI

Festa oħra tal-Madonna fil-Marsa li tiġbed folol kbar ta' nies hija dik li ssir ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira magħrufa minn kulħadd bħala d-Duluri. L-istatwa ta' Marija Addolorata nħadmet f'Lecce l-Italja u kienet fil-knisja parrokkjali qabel is-sena 1916. Din tħallset mis-Sur Carmelo Gatt.[14] Nhar Ħadd il-Palm tat-18 ta' Marzu 1951 inħarġet għall-ewwel darba bil-proċessjoni. Baqgħet issir hekk kull sena sad-9 ta' Marzu 1976 meta minn dik is-sena 'l quddiem bdiet tinħareġ fil-jum tal-Ġimgħa meta tiġi ċċelebrata l-festa għażiża ta' Sidtna Marija tad-Duluri hawn Malta. Din hija manifestazzjoni reliġjuża popolari li fiha tinħass d-devozzjoni u l-vera mħabba tal-



Il-Vjatku fl-1930



San Franġisk t'Assisi

Marsin lejn Ommna Marija. Ma' din il-festa tad-Duluri hawn marbuta ċerti tradizzjonijiet fil-Marsa bħas-sawma tas-seba' bukkuni u fil-proċessjoni wara l-istatwa tad-Duluri xi ndividwi jimxu ħafjin bħala wegħda.

## SAN FRANĠISK T'ASSISI

Ma' jistax jonqos li l-parroċċa tat-Trinita' Qaddisa tal-Marsa li hija mmexxija mill-patrijiet Franġiskani Kapuċċini ma' tiġix iċċelebrata l-festa tal-Patrijarka ta' San Franġisk t'Assisi.

Fis-27 ta' Lulju 1913 twaqqfet fil-Marsa t-Terz Ordni Franġiskan Sekulari.[15] Dawn min-naħa tagħhom ppruvaw jgħixu l-valuri u l-karizmi Franġiskani. Huma flimkien mal-patrijiet xerrdu d-devozzjoni u l-kult lejn dan il-qaddis, il-fqajjar tal-pjagi. Il-festa ta' San Franġisk kienet tiġi ċċelebrata fil-knisja parrokkjali ġewwa biss fl-ewwel Ħadd fuq l-4 ta' Ottubru. Fil-1938, kien sar il-kungress tat-Terzjarji Franġiskan fejn l-istatwa tal-qaddis ġiet armata fuq l-artal maġġur .[16] Il-vara ta' San Franġisk imwieżen minn żewġ anġli kbar kienet saret għall-ħabta ta' l-1914 mill-istatwarju Għawdxi s-Sur Wistin Camilleri u ħallas għaliha s-Sur Giuseppi Portelli.[17] It-Terzjarji li kienu numerużi tħabbtu mhux ftit biex din tinħareġ bil-proċessjoni u wara ħafna taħbit ingħataw il-permessi meħtieġa mill-provinċja Franġiskana Kapuċċina. Ix-xewqa tagħhom saret realta' kif juri d-dokument tal-permess li jġib id-data tat-8 ta' Ottubru 1955.[18] Id-dokument inħareġ b'regolamenti iebsin iżda matul is-snin kellhom jinbidlu għaċ-ċirkustanzi taż-żminijiet. Għall-bidu din il-festa bdiet tiġi ċċelebrata fit-tielet Ħadd ta' Settembru qrib il-festa tal-Pjagi tal-qaddis. Illum il-festa ta' San Franġisk t'Assisi tiġi ffesteġġjata l-aħħar Ħadd ta' Settembru bi Tridu, lejliet u nhar il-festa, b'quddiesa kantata, vespri u proċessjoni bil-vara tal-qaddis li tispiċċa bil-funzjoni ta' Transtu. Waqt il-proċessjoni tieħu sehem il-banda, issir mixgħela u xi armar għal din l-okkażjoni u kemm il-darba sar il-logħob tan-nar. Il-membri ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' nsibuhom jerfgħu l-vara u f'idejhom huma l-festi ta' barra b'rabta fl-istatut fl-emenda 14 tat-12 ta' Awissu 1992.[19]

## FESTA TITULARI OĦRA

Fit-22 ta' Lulju 1956 ġiet inawgurata l-kappella provisorja f'numru 55 Triq Isouard, il-Marsa u ġiet ddedikata lill-Madonna tad-dmugħ mill-kappillan Patri Feliċjan Bilocca. Dan sar sakemm tinbena l-knisja ġdida taħt dan it-titlu fin-naħa ta' fuq tal-Marsa lejn tarf ta' triq Isouard. FL-ewwel Ħadd ta' Settembru 1956 saret l-ewwel festa b'quddiesa kantata u għaliha kienu attendew ħafna nies.[20] Din il-festa baqgħet tiġi ċċelebrata kull sena fl-ewwel Ħadd ta' Settembru, anke meta tlestiet il-knisja li tinsab fi triq Henry Sacco. Meta l-knisja saret parroċċa fil-25 ta' Jannar 1967, il-festa baqgħet

issir fl-ewwel Ħadd ta' Settembru u l-proċessjoni saret bir-relikwija tal-Madonna. Fis-26 ta' Ġunju 1968 fuq talba tal-komunita' Franġiskana Kapuċċina tbiddel it-titular tal-knsija għal dik ta' Marija Reġina u l-festa bdiet issir fl-aħħar Ħadd ta' Awissu. Wara ġiet ordnata l-istatwa ta' Marija Reġina minn Bolzano l-Italja li tħallset mis-Sur Ġuzeppi Dimech. Iżda fl-1976 din il-vara ġiet mibdula u saret oħra ġdida maħduma mis-Sur Alfred Camilleri Cauchi. Meta bdiet tiġi ċċelebrata din il-festa għall-bidu t-toroq ewlenin kienu jiżżejnu bl-armar li kien jintuża fil-festa tat-Trinita' Qaddisa, iżda maż-żmien l-armar ġie mibdul. F'din il-parroċċa l-festa ta' barra hija organizzata mill-Kumitat Festi Esterni ta' l-istess parroċċa u tieħu sehem attiv il-banda Marija Reġina.[21]

## FESTI QUDDIEM NIĊEĊ

Festa oħra marbuta mal-Madonna hija dik li ssir nhar it-8 ta' Mejju fil-festa tal-Madonna ta' Pompei. Din issir fi Triq Diċembru Tlettax ħdejn in-niċċa tal-Madonna f'din l-istess triq. Kull sena jsir pellegrinaġġ u tiġi ċċelebrata quddiesa li jieħdu sehem fiha ż-żewġ parroċċi tal-Marsa. F'din il-festa tingħata għotja ta' karita' lill-istituzzjoni jew għaqda filantropika. L-ewwel darba li ġiet iċċelebrata b'solennita' din il-festa kienet nhar it-8 ta' Mejju 1981 meta tbierket mill-kappillan Patri Diego Theuma u baqgħet issir kull sena.[22] Din in-niċċa li tgawdi devozzjoni kbira nsibu grupp ta' Marsin li jieħdu ħsiebha b'dedikazzjoni tul is-sena kollha. Qabel ma' saret din in-niċċa fil-knisja kienet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna ta' Pompei u kien jitpoġġa l-anġlu tal-grazzji. Ħafna kienu jiktbu l-grazzji lil-Madonna u jinxteħtu f'bieqja taħt l-istatwa ta' l-anġlu armat quddiem l-artal tal-Madonna tar-Rużarju. Din mhux l-unika niċċa li quddiemha tiġi ċċelebrata l-festa fil-Marsa. Fost l-oħrajn hemm dik tal-Madonna tad-Duluri fi triq is-Sliem, San Mikiel fi Triq San Mikiel u qabel kienet issir ukoll quddiem il-Madonna ta' Lourdes fi sqaq l-Ajkla.

## FESTI OĦRA

Barra l-festi tal-kalendarju liturġiku li dejjem saru b'imħabba lejn il-misteri qaddisa kienu jsiru festi oħra b'purċissjonijiet żgħar bħal dik tas-Salib Imqaddes li kienet issir bil-velulinju fit-3 ta' Mejju. Fir-Randan kienet tkun organizzata l-festa tal-Via Sagra fil-knisja. F'xi ġimgħa tar-Randan iddaħħlet l-Via Crucis fit-toroq tal-parroċċa tagħna u iktar tard bdiet issir bl-istatwa ta' l-Ecce Homo jew in-Nazzarenu kif huwa msejjaħ. Din l-istatwa ħadimha l-istatwarju Wistin Camilleri ta' Għawdex fil-bidu tal-parroċċa u sa mill-ewwel darba li nħarġet bdiet tintrafa' mill-membri żgħażagħ ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita'. Fil-parroċċa ta' Marija Reġina fil-Marsa joħroġ ukoll pageant bibbliku fuq il-passjoni tal-Mulej forma ta' Via Crucis. Fl-1999 ħadet sehem għall-ewwel darba l-banda Trinita' Qaddisa b'marċi funebri u f'dik is-sena bdiet tgħaddi minn aktar toroq tal-parroċċa tas-SSma' Trinita'.

Fid-19 ta' Marzu 1960 inġiebet l-istatwa ta' San Ġużepp ħaddiem miġbura minn diversi ħaddiema Marsin biex tieħu sehem fil-festa li l-Knisja Maltija kienet torganizza f'ġieh San Ġużepp ħaddiem fl-1 ta' Mejju fil-Furjana.[23] L-istatwa nħadmet fl-Lecce l-Italja u fiha naraw erba' figuri: San Ġużepp, il-Bambin Ġesu' u żewġ ħaddiema mdawwrin mal-bank tax-xogħol. Fil-parroċċa tat-Trinita' Qaddisa fil-Marsa barra din l-istatwa nsibu statwa oħra ta' San Ġużepp magħrufa bħala "tal-Patruċinju". Din tinħareġ fil-knisja fil-festa ta' San Ġużepp nhar id-19 ta' Marzu ta' kull sena. Din l-istatwa saret ukoll fl-ewwel żminijiet tal-parroċċa u nħadmet mis-Sur Wistin Camilleri, waqt li ħallas għaliha s-Sur Ġużeppi Pullicino.[24] Għalkemm fil-parroċċa qatt ma' rnexxa l-ħsieb ta' twaqqif tal-fratellanza u l-purċissjoni ta' dan il-qaddis li kienet mixtieqa minn xi wħud, iżda nsibu grupp ta' talb taħt il-ħarsien tiegħu. Dan jiltaqa' kull nhar ta' Tlieta fil-knisja. Fost il-ħafna statwi li nsibu fil-knisja hemm Sant'Antnin, il-Qalb ta' Ġesu', il-Madonna ta' Fatima u kien hawn San Espedito. Dawn kollha xi darba jew oħra ġew iċċelebrati l-festi f'ġieħhom.

Minn kemm ilha li twaqqfet il-parroċċa tat-Trinita' Qaddisa fil-Marsa saru diversi festi u manifestazzjonijiet reliġjużi f'ħafna okkażjonijiet, Marjani, kungressi, anniversarji u anke meta laħaq xi qaddis jew Beatu ta' l-ordni Franġiskan Kapuċċin. Nifhmu li ma' nistgħux nidħlu f'kull dettal tal-festi kollha li saru fil-Marsa. Imma ma' nkunux qed niżbaljaw jew nagħmlu l-ebda paraguni jekk nistqarru li sal-lum l-ikbar festa li tiġi ċċelebrata bis-solennita' kollha fil-Marsa hija dik tat-Trinita' Qaddisa fl-uniku parroċċa dedikata lilHa f'dawn il-gżejjer. Dawn huma fatti li xhieda tagħhom huma n-numru kbir ta' nies li jiġu kull sena għall-festa Titulari ta' dan il-Misteru tal-fidi tagħna. Propju fuq din il-festa ta' tliet persuni f'Alla wieħed li ser inħarsu fit-tul dwar l-iżviluppi tagħha tul is-snin tas-seklu l-ieħor u x'wassal għat-twaqqif ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni Santissima Trinita' fil-Marsa.

---

[1] Mysteri paschelis (n1).

[2] Mill-ittra ta' l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex 1994.

[3] Descrizione Storica delle chiese di Malta e Gozo - Achille Ferres.

[4] Il-Ġurnal "L-Ordine" 1873.

[5] Tagħrif miġbur minn diversi anzjani fosthom Marija Concetta Falzon ta' Triq is-Salib tal-Marsa u mill-ktieb tal-festa ta' "San Gejtanu".

[6] Mill-Immakulata 1913 P. 105 (pejototiku tal-Kapuċċini).

[7] Tagħrif mogħti lill-awtur minn Patri Daniel Tabone O.F.M. Cap fil-kunvent ta' Għajn Dwieli.

[8] Mir-Reġistru tal-fratellanza tas-SSmu. Sagrament Parroċċa SSma. Trinita' Marsa.

[9] Il-Marsa - Lulju 1988..

[10] Il-Marsa - Ġunju 1976.

11 Il-Marsa - Ottubru 1977.

12 Dokument uffiċċjali tat-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju li jinsab fi gwarniċ fil-kamra ta' l-istess fratellanza.

13 Il-Marsa ta' Patri Donat Spiteri O.F.M. Cap., 1963, P 50.

14 Il-Marsa ta' Patri Donat Spiteri O.F.M. Cap 1963 P 50 jirreferi għalih bħala "Ġużeppi Gatt".

15 Mill-Immakulata 1913 P 226.

16 Ktieb ta' tifkira tal-Kungress Franġiskan 1938.

17 Il-Marsa ta' P. Donat Spiteri O.F.M. Cap 1963 P 50.

18 Id-dokument bil-permess meħtieġ iffirmat mill-Ministru provinċjal Patri Pietru mill-Furjana bid-data 8-10-1955 li jinsab f'arkivju ta' l-istess Terz Ordni Franġiskan Parroċċa SSma. Trinita' tal-Marsa.

19 Mill-Statut Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' Marsa 1992.
Il-Kumitat huwa responsabbli mill-Festi Titulari tas-SSma. Trinita' u ta' San Franġisk u għandu d-dmir li jipprovdi festi xierqa billi jarma t-toroq u jieħu ħsieb baned, logħob tan-nar u li hu meħtieġ. L-istatwa tat-Trinita' u ta' San Franġisk jaqgħu taħt il-kappillan u rigward tar-reffiegħa għandhom jingħataw preferenza l-membri tal-Festi Esterni.

20 Il-Madonna tad-Dmugħ ta' P. Feliċjan Bilocca.

21 Festi u Knejjes Parrokkjali Vol III.

22 Il-Marsa Ġunju 1981.

23 Il-Marsa ta' P. Donat Spiteri O.F.M. Cap.1963 p 50.

24 Il-Marsa ta' P. Donat Spiteri O.F.M. Cap. 1963 p 50.



**In-Niċċa ta' Triq Diċembru Tlettax**

# L-IŻVILUPP TAL-FESTA

## L-EWWEL FESTA TITULARI

Kif diġa għidna iżjed 'il quddiem kien fix-xahar ta' Mejju 1913 meta ġiet iċċelebrata b'solennita' l-ewwel festa titulari lis-Santissima' Trinita' fil-knisja parrokkjali tal-Marsa. Il-perjodiku "Immakulata" li kien joħroġ mill-provinċja Franġiskana Kapuċċina Maltija ta' dak iż-żmien jagħti prominenza speċjali lil din il-ġrajja. Fost il-ħafna dettalji nafu li lejliet il-festa jiffunzjona l-Prim Vespri l-W,R. Patri Tumas provinċjal tal-Kapuċċini. L-għada, fil-jiem tal-festa fid-9.00 ta' fil-għodu wara l-kant tal-Matutin solenni taħt il-treġija ta' Patri Beneditt, l-istess provinċjal qaddes il-quddiesa kantata. Huwa kien assistit minn Patri Gabriel bħala suddjaknu u Patri Fawstinu bħala djaknu. Patri Ewġenju l-gwardjan tal-komunita' tal-kunvent tal-Marsa kien għamilha ta' presbiteru assistent, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien. Wara l-vanġelju tela' jinseġ il-paniġirku fuq il-pulptu Monsinjur Angelo Portelli, S.th.M. Dumnikan li kien l-Isqof Awżiljarju ta' Mons. Pietro Pace, Arċisqof ta' Malta. Fil-għaxija, imbagħad sar l-għasar kantat mill-W.R. Kanonku D. Emmanwele Pullicino tal-kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Kif spiċċa l-Għasar bdiet titkanta l-Kompieta fejn ġiet segwita bil-proċessjoni tas-Santissimu Sagrament li tmexxiet mill-istess Kanonku. Il-purċissjoni saret madwar il-knisja u ħadu sehem fiha numru kbir ta' saċerdoti Kapuċċini b'ilbies sagru u magħhom bosta studenti u lajċi ta' l-istess Ordni Franġiskan. Il-poplu Marsi ħa sehem bi ħġaru u kienu l-eluf li resqu għas-sagramenti. Il-Mużika fil-jiem tal-festa kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Vella ta' Bormla fejn f'xi partijiet minnha ħadu sehem ukoll kor ta' tfal.[1] L-art tal-knisja inksiet bil-weraq tar-rand u tal-ħarrub waqt li ġew sparati l-maskli.

## IL-FESTA TA' BARRA FL-EWWEL ŻMINIJIET

Fil-waqt li l-festi ta' ġewwa l-knisja parrokkjali kienu jsiru b'akbar pompa fis-snin ta' wara, il-festa ta' barra bdiet tiżdied bil-mod il-mod. Xi toroq kienu jiżżejnu b'antarjoli bil-bandalori jew bandieri. Ġieli xi ndividwi ġabu xi bandieri tal-bastimenti biex jarmaw bihom u fit-truf ta' l-arbli kienu jiżżejnu bil-weraq tal-ħarrub flok labardi. Fil-ġnub tat-toroq kienu jintramaw pilandri tat-tazzi taż-żejt. Dak iż-żmien ma' kienx hawn dawl elettriku fil-festi u t-toroq kienu jiżżejnu u jiddawlu bit-tazzi taż-żejt. Meta kien ikun bnazzi għaliex bir-riħ ħafna kienu jintfew, kien ikun fihom spettaklu sabiħ b'dak id-dawl inemnem mill-lumini tat-tazzi taż-żejt kuluriti. Bihom kienu jiżżejnu partijiet tal-faċċata tal-knisja u anke niċeċ. Sal-lum, f'ħafna min-niċeċ għadhom jidhru l-imsiemer li magħhom kienu jiddendlu t-tazzi. Fil-gallariji kienu jitwaħħlu bħal granċijiet biex fihom jitwaħħlu brazzi li jinxtgħelu bit-tazzi taż-żejt kbar jew bix-xemgħat. Ħafna mill-armar kien jinkera l-iktar il-pilandri tat-tazzi meta kien jiġi



Il-Knisja armata fil-Festa ta' l-1914

raġel minn Ħal Luqa. Xi trofejs żgħar bil-bandieri kienu jinġiebu fuq il-karettuni mir-raħal ta' Ħal Tarxien.[2] It-toroq u l-kanolli tal-portiku tal-knisja kienu jiżżejnu bil-ħbula tal-ħaxix tal-liedna, imħallta bil-weraq tal-ħarrub. Ċerti toroq kienu jissaqqfu bħal kannizzata.

Lejliet u nhar il-festa kienu jinġiebu l-baned barranin minn xi rħula viċin. Fost l-ewlenin, il-banda ta' San Ġużepp tal-Ħamrun li damet snin tinġieb fuq iz-zuntier u wara f'xi toroq u l-banda ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.[3] F'ċerti toroq kienet tinġieb il-banda magħrufa "ta' Indri", b'xi nofs tużżana daqqaqa jew bandisti fuq biċċa planċier żgħir. Xi ħaddiema tal-faħam bil-ħidma kuraġġuża ta' l-ewwel kappillan Patri Piju Dimech wessgħu il-mogħdija ta' qalb ir-raba' biex tgħaqqad triq Balbi minn wara l-knisja san-naħa ta' fuq qrib triq il-Marsa.[4] B'hekk il-proċessjoni tkabbret bis-sħiħ. Din kienet toħroġ mill-knisja u tgħaddi għal Triq Balbi, Triq il-Marsa, Triq Ħal Qormi, Triq San Mikiel, Triq Isouard u terġa' lura lejn il-knisja minn Triq il-Marsa stess. In-naħa ta' Triq Zerafa kien ikun ħemm banda li tinżel lejn il-knisja minn Triq is-Salib tal-Marsa. Bosta djar u ħwienet kienu jagħmlu l-fjakkli fuq il-bjut.

## IL-FESTA TA' L-1919 TITĦASSAR

Il-festa ta' l-1917 saret b'akbar entużjażmu għaliex il-knisja par-rokkjali ftit ġimgħat qabel kienet ġiet ikkonsagrata mill-Isqof ta' Malta Mons. Mawru Caruana nhar il-Ħamis 19 ta' April 1917. Imma mhux l-istess ġara fil-festa ta' l-1919. Il-festa ta' barra ta' dik is-sena ma kienitx saret bħala luttu għall-vittmi ta' l-irvellijiet tas-"Sette Giugno". Il-festa titulari ħabtet ftit jiem wara dan l-avveniment u fit-toroq tal-Marsa ġa kienu ntramaw il-pilandri u l-armar tal-festa. Matul il-lejl xi rġiel u żgħażagħ kienu qalgħu l-pilandri u l-antarjoli u poġġewhom fl-art bħala protesta u b'diżaprovazzjoni biex il-festa ta' barra ma' issirx minħbba l-luttu nazzjonali għal dawk li mietu fl-irvell kontra l-Ingliżi. Minħabba dan l-inċident, il-festa ta' barra kellha titħassar u saret fil-knisja biss.[5] Iżda s-sena ta' wara l-festa saret bħas-soltu.

## L-ARMAR FIT-TOROQ JIŻDIED U L-FESTA TIKBER

Fil-festa ta' barra bdiet tiġi organizzata l-ġostra, il-Ħadd wara nofs inhar fil-Menqa fejn kienet tinġieb ukoll il-banda biex tferraħ lin-nies miġbura bil-mijiet. Wara kulħadd kien imur fil-knisja għal-għasar kantat u jaraw il-purċissjoni twila b'tant fratelli, terzjarji u patrijiet libsin l-abiti sagri mimlija devozzjoni lejn is-Santissimu Sagrament. Kienu jitlibbsu ħafna tfal biż-żimarri u quddiem Ġesu' Ewkaristija jimxu żgħażagħ libsin ta' kavallieri.

Bniedem li ta sehem kbir lill-festa titulari tat-Trinita' Qaddisa kien il-



It-Tribuna tal-Festa Titulari fi Triq Isward il-Marsa

prokuratur Patri Rafel Hockey, kapuċċin mill-Isla. Dan is-saċerdot żelanti serva ta' prokuratur tal-knisja u tal-festa mill-19-4-1913 sa l-17-3-1940. Huwa kien mimli ħeġġa, iħabbrek u jirsisti mhux biss biex isebbaħ it-tempju tal-Marsa b'opri artisitiċi, imma beda jiġbor u jħeġġeġ xi dilettanti li jieħdu ħsieb jarmaw it-toroq l-iktar fejn tgħaddi l-proċessjoni u l-inħawi tax-xatt. Fi triq Isouard kantuniera ma' Triq San Mikiel f'nofs il-għoxrinijiet tas-seklu li għadda kienet inħadmet Tribuna kbira. Din it-Tribuna kienet fuq erba' kanolli u titla' għaliha b'taraġ li ħadmu fiha mis-Sur Karmenu Vassallo u Wiġi Azzopardi. In-naħa ta' fuq kienet dekorata b'erba' anġli xogħol ta' l-istatwarju Għawdxi s-Sur Wistin Camileri. Hekk kif tasal il-proċessjoni minn fuq it-Tribuna kienet tingħata l-Barka Sagramentali. Fi triq San Mikiel kienu nħadmu sett trofejs b'armi bl-iskultura li jiżżejnu bil-bandieri. Dawn kienu jintrefgħu f'diversi djar, fosthom ta' Ġanna Saliba ta' Gejtu l-Parrukier.[6] Fi triq San Pawl kien isir Ark kbir bi tliet bibien li jitwaqqaf fil-bidu tat-triq u kien magħruf bħala "L-ark ta' Strada San Paolo". Warajh kienu jintremgħu l-istatwi ta' l-anġli fuq pedestalli żgħar. Dawn xtrawhom mir-raħal ta' Ħal Tarxien u llum jinsabu madwar il-pjazza tal-knisja. Fuq pedestall kienet tintrama' l-istatwa ta' Lixandrina li kienet tirrapreżenta l-Imperu Ingliż. Din kienet saret Għawdex bit-tħabbrik tas-Sur Frenċ Camilleri "l-Għawdxi". Dan għamel snin sħaħ jieħu ħsieb din it-triq ma' ċertu Rużar Zammit magħruf bħala "il-baqqa" u Leli Sultana (tal-Pitrolju).[7] Din l-istatwa m'għadhiex teżisti.

## L-ARMAR TAZ-ZUNTIER

Bil-ħidma ta' bosta rġiel u ta' Patri Rafel Hockey beda l-ġbir minn fuq iz-zuntier fil-Ħdud u l-festi ħa jsir l-armar taz-zuntier. Kienu jiġbru sold jew sitt ħabbiet, (żewġ milleżmi ta' llum). L-ewwel saru żewġ pedestalli kbar bi statwi tal-qaddisin fundaturi ta' l-Ordni tal-patrijiet Trinitarji, San Feliċ u San Ġwann de Matha li nġiebu bil-ħidma ta' Patri Rafel. Inħadmu wkoll ħames trofejs kbar u disa' pedestalli għall-anġli. Ix-xogħol ta' l-injam inħadem il-Kalkara u swew erbatax-il lira 'l biċċa, waqt li l-istatwi ta' l-anġli nħadmu bil-karta pesta mill-istatwarju Karmenu Mallia minn Ħal Qormi magħruf bħala "il-Lhudi".[8] Dan kien tgħallem u ħadem ma' l-istatwarju Karlu Darmanin. Id-disinn ta' l-armar taz-zuntier sar mis-Sur Ġużeppi Decelis mill-Birgu (1866-1958) li kien ħabib ta' Patri Rafel. Dan il-bniedem kien ta' ħila artistika kbira u nsibu diversi opri f'ħafna knejjes li saru fuq id-disinn tiegħu, fosthom fil-knisja tagħna. Għall-parroċċa kien idisinja l-kanopew għall-artal maġġur fl-1939 u l-baldakkin tal-festa fl-1938.[9] Iz-zuntier kien jintrama' bil-fard, għaliex kien ikbar milli huwa illum u joħroġ sa kważi nofs it-triq tas-salib tal-Marsa fejn kienu jgħaddu l-linji tat-tram. Iz-zuntier kien kemm xejn imxattar u ġie mdawwar bit-taraġ fuq quddiem. Lejn in-nofs tiegħu fil-faċċata kellu żewġ statwi tal-ġebel fuq żewġ pedestalli kbar li kienu ta' San Franġisk t'Assisi u Sant'Antnin ta' Padova.[10] Meta kien qed isir l-armar taz-zuntier għall-festa, il-kumitat ta' Triq il-Marsa u l-inħawi beda wkoll iżid fl-armar. Saru diversi kanolli bil-pilandri għad-dawl u trofejs bil-bnadar.

## IL-LOGHOB TAN-NAR

Fil-ġenb taz-zuntier kienu jinħarqu l-maskli kemm kbar u żgħar. Il-murtali tal-bomba kienu jiġu sparati minn diversi postijiet, l-aktar mill-għalqa magħrufa bħala x-Xagħra. Din kienet bejn triq is-Salib u xatt il-Ħatab peress li hemm kien għadu bla bini.[11] Oħrajn kienu jiġu sparati mill-għalqa 'ta' Ġennaru', fejn illum hemm triq Diċembru Tlettax. Il-murtali tal-paternoster kienu jiġu sparati minn fuq il-għolja tal-Ġiżwiti ħdejn triq San Bernard fejn il-lum hemm il-Power Station. Sparar ieħor kien isir mill-għalqa "tal-Qwabar" ħdejn il-ġenb tal-knisja parrokkjali. Patri Paċifiku Kapuċċin miż-Żurrieq li kien iħobb il-logħob tan-nar kien iħabbrek bil-bosta u baqa' jissemma' mad-dilettanti tal-logħob tan-nar għall-ħidma tiegħu. Il-ġiġġifogu kien jinħaraq kemm is-Sibt, kif ukoll il-Ħadd wara li tidħol il-proċessjoni. Kien isir iktar minn ġiġġifogu wieħed u f'diversi postijiet. Fost dawk li jissemmew kemm dak ta' ħdejn il-knisja parrokkjali, dak ta' triq San Pawl u l-kbir li kien jiġi armat ħdejn il-ġnien ta' Spencer fejn illum hemm it-Telephone Exchange. Ġieli għamlu kopja tal-faċċata tal-knisja bil-gassijiet li kienet tkun ta' attrazzjoni u tiġbed ħafna nies lejn dawk l-inħawi.[12] In-nar kien jinxtara minn diversi rħula, iżda kien hawn individwi li jaħdmu lokalment.

## JITWAQQFU L-KAŻINI U L-EWWEL BANDA

Aktar ma' beda jgħaddi ż-żmien il-festa kompliet tikber. Il-purċissjoni ssebbħet meta fl-1926 u s-sena ta' wara nġieb minn Franza l-apparat tal-festa bit-tħabrik ta' Patri Fulgenz Grech Kapuċċin. Dan l-apparat inħadem mill-idejn tas-Sorijiet Klarissi ta' Tarbes.[13]

F'dawn iż-żminijiet nafu li nibtu żewġ każini soċjali li kienu rivali ta' xulxin. Wieħed kien dak ta' klassi soċjali għolja li b'sarkażmu kien magħruf bħala "Tal-Karkura". Dan il-każin kien fl-Għolja tal-Ġiżwiti u wara triq is-Salib tal-Marsa fejn dari kienet il-għassa tal-pulizija. Il-president tiegħu kien it-tabib Henry Sacco. Il-każin l-ieħor kien f'maħżen fi triq Fra Diego jew kif kienu jafuh l-isqaq ta' Kalombu. Dan kien ta' klassi inqas soċjali u kienu jsejħulu "Tat-Tomna". Il-president kien is-Sur Toni Cilia. Fost il-ħidmiet tagħhom insibu li kienu jorganizzaw attivitajiet għall-festa, iżda dawn minħabba l-problemi tal-finanzi ma' setgħux ikomplu. Kien żmien ta' ħafna faqar. Fl-aħħar iż-żewġ każini ngħaqdu f'każin wieħed għall-ħabta ta' l-1930 fejn twaqqaf il-każin tal-banda taħt l-isem bit-Taljan "Societa' Filarmonika San Francesco d'Assisi". Id-dar ta' din is-soċjeta' tal-banda kienet f'numru 54 xatt il-ħatab. Dan il-post waqa' fil-gwerra. Is-surmast tal-banda kien il-bravu surmast is-Sur Paul Arnoud. Il-banda bdiet tieħu sehem attiv fil-festa titulari tat-Trinita' Qaddisa. F'lejliet il-festa, is-Sibt 22 ta' Ġunju 1935 kienet għamlet programm kbir ta' sinfoniji u ndaqq l-innu "San Francesco d'Assisi" ta' l-istess direttur tal-banda Paul Arnold.[14] Il-programm kien ġie mfaħħar minn diversi nies u tmexxa taħt id-direzzjoni tas-surmast ta' l-istess banda.

Hawn ta' min isemmi lis-Sur Ġanni Cutajar "ta' Kaxtura" li kien bniedem li jħabbrek għall-festa u għal dan il-każin fejn kien jarmah kollu liedna għall-festa.[15]

## JITKOMPLA L-ARMAR

Il-kumitat ta' triq il-Marsa u l-imħawi beda jżid fl-armar ta' toroq b' diversi kanolli u trofejs. Kien f'dan iż-żmien li nħadmet l-istatwa ta' Malta Rebbieħa fuq l-Assedju ta' l-1565. Din inħadmet mis-Sur Duminku Azzopardi fl-1937.[16] Duminku twieled il-Belt Valletta fl-1901, imma wara li żżewweġ ġie joqgħod il-Marsa fl-1932. Huwa kien dilettant u statwarju tajjeb tant li ħadem xi xogħol għall-festi ta' barra, fosthom ta' San Duminku l-Belt. Fil-Marsa huwa ħadem diversi statwi għal barra kif ser naraw 'il quddiem. Kien ukoll pitter il-pavaljuni u l-bandalori ta' triq il-Marsa u triq Isouard li saru f'dawn iż-żminijiet għall-ħabta ta' l-1935, qabel il-gwerra.[17] Wiġi Azzopardi kien wieħed li jħabbrek għall-festa tat-Trinita' u nies bħal Vestru, Ġorġ Coppola u ta' Lia kienu jagħmlu l-lotteriji. Il-lotteriji kienu jsiru kull nhar ta' Ġimgħa b'xi figorini tal-kina (minn tal-valiġja). Triq Qormi kienet tintrama' ukoll għax kienet tgħaddi l-proċessjoni.

Duminku sab l-appoġġ ta' ħafna Marsin li bil-ħidma siewja tagħhom il-festa kibret qattieħ. Dan kien żmien sabiħ għall-festa titulari u l-Marsa, meta kien hawn diversi dilettanti li mhux biss kienu jaħdmu bla serħan għall-festa tas-Santissima Trinita', iżda wkoll kienu jieħdu sehem f'ħafna attivitajiet bħall-Karnival.[18] Imma din il-ħidma kellha tieqaf ħesrem meta bdew jaslu aħbarijiet koroh tat-tieni gwerra dinjija.

---

1 L-Immakulata 1913 p 145
2 Xhieda mogħtija lill-awtur minn diversi anzjani fosthom Marjanna Micallef ta' triq is-Sajjieda u Emanwel Falzon ta' triq is-Salib tal-Marsa.
3 Tagħrif miġbur mis-Sur Tony Bugeja (ir-Rikka).
4 Tagħrif miġbur mis-Sur Tony Bugeja (ir-Rikka).
5 Tagħrif miġbur mis-Sur Tony Bugeja (ir-Rikka).
6 Tagħrif miġbur mis-Sur Mikiel Saliba u oħtu Mary ta' triq Zerafa u Pietru Debrincat ta' Triq Azzopardi.
7 Tagħrif miġbur mis-Sur Emanwel Debono ta' triq il-Marsa.
8 Tagħrif miġbur mis-Sur Toni Bugeja.
9 IL-Marsa - Lulju 1998
10 L-istatwa ta' San Franġisk t'Assisi li kienet tal-ġebel tkissret bid-daqqiet tax-xablin meta nhar il-Ħadd fil-għodu tad-19 t'April 1942 waqt air-raid waqgħu sitt bombi fuq iz-zuntier u ntlaqtgħet ukoll il-faċċata tal-knisja.









## L-Armar taz-zuntier

Dik inhar kien tkisser l-orgni u saret ħsara kbira fil-knisja fosthom fl-artal tar-Rużarju. L-istatwa l-oħra li kien hemm fuq iz-zuntier li kienet ta' Sant'Antnin ta' Padova ħelsitha u ma' tkissritx. L-istatwa tal-ġebel ġiet meħuda għand il-Kapuċċini tal-Kalkara fejn tpoġġiet fit-tarf tal-ġardin tal-kunvent tagħhom u għadha sal-lum. Dan it-tagħrif kien għaddihuli s-Sur Carmelo Cachia ta' triq is-Sajjieda l-Marsa.

11 Il-Marsa - Ġunju 1977.

12 Tagħrif miġbur minn diversi anzjani.

13 Il-Marsa - Mejju 1994.

14 Il-Berqa - Ġunju 1935.

15 Ġanni Cutajar kien bniedem li jħobb lill-Marsa u l-festa u nsibuh jagħti l-għajnuna tiegħu f'kull ħaġa li kien hawn fil-Marsa, kemm fil-knisja kif ukoll barra u s'intendi fil-festa titulari tat-Trinita' Qaddisa (tagħrif miġbur mis-Sur Mikiel Saliba ta' Triq Zerafa)

16 Tagħrif mogħti mis-Sur Carmelo Ellul ta' triq il-Marsa.

17 Tagħrif mogħti mis-Sur Peitru Debrincat ta' Triq Azzopardi.

18 Tagħrif mogħti mis-Sur Emanwel Debono ta' Triq il-Marsa.





**L-Istatwa ta' Malta u parti mill-ġenb ta' l-Ark ta' Triq San Pawl**



Il-Knisja milquta fil-gwerra
19 ta' April 1942

# IL-FESTA WARA L-GWERRA

Fil-11 ta' Ġunju 1940 faqqgħet il-gwerra bl-ewwel attakki. Din ġabet biża', ħerba u niket kullimkien. Bħal ma' ġara fl-ibliet u rħula l-oħra, il-festa titulari ma' saritx anzi, lanqas il-qniepen ma' setgħu jindaqqu. Fil-festa ta' barra ma' kien isir xejn u fil-festa ta' ġewwa l-knisja kienet issir biss quddiesa u ġieli saret purċissjoni bis-Santissimu Sagrament fil-knisja biss. Din kienet issir bil-ħeffa minħabba l-biża' ta' l-attakk mill-għadu.[1] Fil-gwerra l-knisja parrokkjali tas-SSma' Trinita' u z-zuntier tagħha ġarrbu bosta ħsarat, kif ukoll il-kappelli, djar u mħażen. Il-mewt ħasdet bosta Marsin kemm pajżana kif ukoll fuq il-baħar. Għalhekk kellha effett negattiv u ħadd ma' kellu moħħ festi. Il-Marsa kienet żona ta' periklu u xi wħud kellhom isibu kenn f'xi rħula oħra. Kif tbiegħdet il-qilla tal-gwerra reġgħu ġew lura. Il-ħajja bdiet ġejja għan-normal bil-mod. Bħal ħafna attivitajiet oħra, il-festa titulari bdiet terġa' tkun organizzata mill-ġdid. F'xi toroq reġgħu bdew jimbtu ndividwi u kumitati ta' toroq tal-festa bħal ma kien hawn qabel il-gwerra. Dawn il-kumitati xogħolhom kien il-ġbir għall-armar ta' triq, biex tinġieb il-banda u jsir xi logħob tan-nar. Minn wara l-gwerra dawn il-kumitati bdew ikunu aktar organizzati f'kumitati stabbli. Triq kienet timpika ma' oħra f'dak li huwa armar l-aktar dawk it-toroq prinċipali. Fost l-oħrajn kienu jispikkaw dawk ta' triq Zerafa u triq il-Marsa. Dawn ma' kellhomx biss it-triq tagħhom, iżda ħafna toroq oħra ta' madwarhom. Biex ngħidu hekk kien hawn żewġ organizazzjonijiet kbar f'żewġ xaqlibiet tal-Marsa. Il-knsija kienet tieħu ħsieb biss iz-zuntier u parti mit-triq is-Salib tal-Marsa.

## IL-KUMITAT TA' TRIQ ZERAFA

Fis-sena 1944 ċertu Toni Debono "ta' Sesies" u Ġużeppi Agius "Il-Bimbu" flimkien ma' Zarru Grech (ta' Ċensa) tħajru jiġbru triq Zerafa għall-festa ta' dik is-sena bil-patt mal-Prokuratur ta' dak iż-żmien Patri Giuseppi Marija li l-purċissjoni tal-festa tibda tgħaddi minn triq Zerafa. Dan għaliex din it-triq ġiet minfuda ma' triq il-Farfett. In-nies tat-triq mill-ewwel ikkoperaw ma' dawn it-tlett irġiel. Il-festa dik is-sena saret, iżda x-xewqa tagħhom tal-purċissjoni ma' seħħitx. Il-kappillan kien Patri Renat Spiteri Kapuċċin. Għalhekk avviċinaw lis-Sur Toni Cilia u qalulu biex iwaqqfu kumitat organizzat tajjeb.

L-ewwel kumitat għal triq Zerafa għall-festa 1945 kien kompost mill-President is-Sur Carmelo Portelli, viċi-President is-Sur Alfred Borg, Segretarju s-Sur Antonio Cilia, Ass. Segretarju s-Sur Salvu Magri, Teżorier is-Sur John Dingli, Kaxxier is-Sur Carmelo Flores Attad, Direttur ta' l-armar is-Sur Thomas Vella u Membri s-sinjuri Anthony Vassallo, Joe Barbara u Joseph




Il-Kor ta' l-Innu ta' Triq Zerafa

Agius. Id-direttur Spiritwali kien Patri Pawlin Kapuċċin.[2] Il-kumitat mill-ewwel beda jieħu ħsieb il-ġbir biex ikollu l-fondi meħtieġa għall-festa ta' l-1945. Il-festa waslet imma l-problema tal-purċissjoni biex tgħaddi minn triq Zerafa ma' ġietx solvuta. Wara l-festa ta' l-1945, fil-kaxxa kien baqgħalhom is-somma ta' ħdax-il lira, tnax-il xelin u sitt soldi, wara li kienu tħallsu l-ispejjeż kollha, fosthom ta' tliet baned.[3]

## IL-FESTA TA' L-1946 U L-INNU L-KBIR

Fit-8 ta' Ġunju 1945 iltaqa' l-kumitat u kienu żdiedu dawn il-membri: Sinjuri Joseph Agius, Antonio Debono, Pinu Debono, Bertu Debono u Francis Debono.[4] Il-ħidma mill-kumitat ta' triq Zerafa tkompliet bla serħan u fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Marzu 1945 il-Kumitat kien ħa deċiżjoni mportanti dik li jdoqq l-innu l-kbir f'ġieh is-Santissima Trinita' għall-festa titulari li kienet ġejja. Kien ġie avviċinat is-surmast Joseph Casapinta li kien surmast tal-banda "Kings Own" tal-Belt Valletta biex jikkomponi l-mużika għall-innu. Dan aċċetta bil-qalb. Il-poeta Patri Mattew Sultana Kapuċċin kien ġie nkarigat biex jikteb il-versi ta' dan l-innu. Ġiet imwaqqfa kummissjoni apposta biex tieħu ħsieb il-ġbir għall-ispejjes ta' l-innu, kif ukoll biex isir l-att legali ħalli dan l-innu jkun propjeta' tal-kumitat ta' triq Zerafa. Id-direttur spiritwali l-Marsi Patri Pawlın Said Kapuċċin (ta' Ħġieġu) ħa ħsieb jgħallem u jipprepara lil madwar 100 tifla mill-iskola tal-Marsa biex ikantaw fih u t-tifel Willie Grech solista. It-tfal kienu jitgħallmu l-innu fil-maħżen tas-Sur Carmelo Portelli (tal-Qattieħ) f'numru 32 triq Stefano Zerafa. Waqt li kienu qed isiru dawn il-preparamenti kollha nqalgħet problema. Dan għaliex il-kumitat ta' triq Zerafa kien qed jitlob uffiċċjalment lill-awtoritajiet tal-knsija li la darba t-toroq infetħu u nbnew mill-ġdid wara l-ħerba u t-tifrik tal-gwerra, il-proċessjoni kellha tgħaddi minn din it-triq prinċipali. Għall-bidu, kien hemm min oġġezzjona u saħansitra ġie deċiż fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju 1946 li t-toroq ta' triq Zerafa u l-inħawi ma' jintramawx bit-tiżjin tal-festa. Il-membri tal-kumitat ta' triq il-Marsa kienu jipprotestaw biex il-purċissjoni tinżel minn dik it-triq kif kien isir dejjem.[5] Wara ħafna diskussjonijiet u bil-volonta' u r-rieda tajba ta' kulħadd din il-kwistjoni ġiet solvuta.

Il-festa ta' l-1946 tibqa' mfakkara għal bosta avvenimenti li seħħew fiha. L-ewwel għaliex f'dik is-sena, il-kurunella f'ġieh it-Trinita' Qaddisa kisbet l-approvazzjoni ta' Patri Bernard Kapuċċin nhar it-23 ta' Mejju 1946 u fil-5 ta' Ġunju 1946, l-Arċisqof ta' Malta Mons. Mikiel Gonzi ta l-indulġenza lil min jgħidha skond in-normi tal-knisja kattolika.[6] Kien f'din is-sena wkoll li l-purċissjoni tal-festa titulari għaddiet għall-ewwel darba minn triq Stefano Zerafa u ndaqq għall-ewwel darba l-innu l-kbir lis-Santissima Trinita'. Il-banda li daqqitu l-ewwel darba kienet il-banda "King's Own" tal-Belt Valletta, taħt id-direzzjoni tal-bravu Surmast Joseph Casapinta. Ħadu sehem tenuri u baritonu flimkien mal-kor tal-bniet Marsin u t-tifel Willie Grech. Għal din l-

okkażjoni ntrama l-planċier tal-banda ta' l-"Isle Adam" tar-Rabat, Malta. Dan inkera għall-prezz ta' tnax il-lira.[7] Il-planċier ġie armat fi Triq Stefano Zerafa, kantuniera ma' Triq l-Salib tal-Marsa, fejn illum jintrama l-pedestall u l-istatwa ta' San Piju X. Folla ta' nies attendew bi ħġarhom għall-esekuzzjoni ta' dan l-innu lis-Santissima Trinita', li għalkemm twil, intlaqa' b'applawsi kbar minn dawk preżenti. Għall-mużika ta' l-innu, is-Surmast tħallas 34 lira waqt li lill-Patri Mattew Sultana ngħata pinna bħala rigal.[8] Fil-festa dan l-innu kien jindaqq darbtejn darba fit-tarf ta' triq Zerafa u l-għada kantuniera ma' triq il-Farfett.

Biex nieħdu ideja se nagħtu ħarsa lejn x'sar fil-festa tat-12 ta' Ġunju 1946 mill-kumitat ta' triq Stefano Zerafa. Kienet inġiebet għal darbtejn lejliet u nhar il-festa titulari l-banda l-"Isle Adam" tar-Rabat, Malta u għall-marċi u żewġ programmi tħallset is-somma ta' 46 lira. Il-banda "Kings Own" tal-Belt Valletta, kienet ukoll ħadet sehem darbtejn u tħallset ta' kollox, inkluż l-innu l-prezz ta' 66 lira. Il-liedna tal-ħaxix għall-fustuni kienet ta' sitt soldi (2c5m) l-qasba. Ġew mikrija l-antarjoli, pilandi, trofejs bil-bandalori bis-salib ta' l-irxoxt għal tliet xelini (15c) il-wieħed. Dawn inġabu minn Ħal Tarxien u San Pawl il-Baħar. Ingħatat ħames xelini (25c) għall-ġostra u ntefqu 18-il lira fin-nar tal-festa.[9] Il-kumitat, għalkemm kien iġib l-isem ta' Triq Zerafa kellu magħha triq il-Farfett, triq Miggiani, parti minn triq is-Salib tal-Marsa, in-naħa tal-Blata l-Bajda u l-ġnien Spencer, li sa dak iż-żmien kienu jagħmru n-nies ġo fih. Kellhom magħhom ukoll triq is-Santissima Trinita' li sa dak iż-żmien kellha l-isem ta' triq San Pawl. Triq Nazrenu kienet tinġabar mis-sinjura Grezzja Buttiġieġ, waqt li triq Sant Antnin kien jieħu ħsiebha is-Sur Ġużeppi Cuschieri (tal-luminata). Iżda wara xi żmien, dawn it-toroq ġew f'idejn il-kumitat ta' triq Zerafa.[10]

## JITWAQQAF IL-KAŻIN U SSIR IL-BANDA

Nhar it-2 ta' Ġunju 1946 fi triq is-Sajjieda f'numru 60, saret l-ewwel laqgħa ġenerali biex twaqqfet is-soċjeta' "Marsa United Sports Club". Il-każin ġie miftuħ uffiċċjalment nhar it-30 ta' Novembru 1946. Dan tbierek mill-Prokuratur tal-festa Patri Salv Scicluna Kapuċċin mill-Marsa. L-ewwel president kien is-Sur Emanwel Refalo. Dan il-każin f'Ottubru ta' l-1948 bidel ismu u sar il-"Marsa Philarmonic Club" u fis-sena ta' wara, fil-festa tat-12 ta' Ġunju 1949 ħarġet iddoqq għall-ewwel darba il-"Marsa Band". Din kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast tal-banda Antonio Zammit. Aktar 'il quddiem fl-1952 il-banda biddlet l-isem tagħha u ħadet l-isem ta' "Holy Trinity Band".[11]

Meta twaqqfet il-Banda tal-Marsa, kellha xi problemi u diffikultajiet biex jittrattaw u jifthiemu mad-diversi kumitati tal-festa li kien hawn fit-toroq.

Dan minħabba l-marċi u dwar ir-rotta ta' toroq li jieħdu l-iktar il-marċi tal-Ġimgħa fil-għaxija li għalih il-kumitati tat-toroq bdew jikkontribwixxu l-flus ukoll. [12]

## IL-KUMITAT TA' TRIQ IL-MARSA U TOROQ OĦRA

Nhar it-23 ta' Mejju 1949 laħaq il-ħames kappillan tal-Marsa Patri Felicjan Bilocca S.Th.D. Kapuċċin. Huwa kien mimli ħeġġa u entużjażmu u beda jsaħħaħ il-kumitati ta' toroq tal-festa titulari kollha, sabiex jaħdmu ħalli l-festa tat-Trinita' Qaddisa tkompli tikber u tmur 'l quddiem. Fost l-oħrajn ta spinta lill-kumitati ta' wara l-knisja. Huwa għamel sejħa minn fuq l-artal biex jerġa' jiġi ffurmat mill-ġdid il-kumitat ta' triq il-Marsa magħruf bħala "Ta Via Marsa". Il-kumitat kien kompost minn dawn is-sinjuri: Carmelo Grima Ġorġ Grima, Carmelo Ellul, Emanwel Debono, Ġużeppi Buġeja, Ġużeppi Bilocca, John Ambinette u Espedito Mercieca.[13] Ma' triq il-Marsa, dan il-kumitat kellu diversi toroq fi ħdanu bħal triq Santa Rita, triq San Vincenz, triq Magri, triq Azzopardi, triq Isouard u l-pjazza Magri. Beda jsir il-ġbir regolari u beda jiżdied l-armar b'disinji tal-liedna tal-karti kuluriti magħmula minn Carmelo Ellul "Makari" u Emanwel Debono "is-Sufu", b'għajnuna ta' sħabhom. Il-kumitat beda jistieden diversi baned barranin u l-Ġimgħa l-aħħar jum tat-Tridu, bdiet issir dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Malta Rebbieħa li kienet tintrama fejn illum hemm il-pjazza Gian Franġisk Abela li kienet nofsha mibnija. L-armar ta' triq il-Marsa kien ġie restawrat, għaliex fil-gwerra ma' kienx ġarrab l-ebda ħsara.

Wara l-gwerra fi triq il-Pitkali, kien twaqqaf kumitat ieħor għal dik it-triq. Dan kien maħgmul mis-Sinjuri: Ċensu Zammit, Joseph Farrugia u Frans Cutajar. Ħafna mill-armar kien jinġieb minn irħula viċin u t-triq kienet tintrama bil-fustuni tal-liedna. [14]

Fl-inħawi tax-xatt ukoll kien jiġi mżejjen għall-festa titulari. Triq is-Sajjieda u triq Fra Diegu kienet tinġabar b'inizjattiva tas-Sinjura Margerita Gravino. L-armar tal-antarjoli bil-bandalori u l-pavaljuni kienu jintramaw min-nies ta' triq fosthom minn Carmelo Dimech u l-familja (tas-Snieħ), bl-għajnuna ta' bosta, bħal familja Micallef (tal-Bajtrija). Triq Kapuċċini kienet tintrama b'pavaljuni żgħar u kienet tieħu ħsiebha l-familja Pace ta' Lonzu ta' l-isfineġ, waqt li triq San Bernard kienet tintrama fuq inizjattiva tal-familja Grech (ta' Sidor) u l-ġbir kien isir minn Vincenza Attard. Triq Balbi u t-toroq li jmissu magħha kienu jinġabru minn Lorenzo Cachia, Pietru Debrincat u Ġuseppi Bilocca u l-għolja tal-Ġiżwiti jieħu ħsiebha Anton Cutajar. B'hekk naraw li fejn ma' kienx hemm kumitati ta' toroq, nibtu familji u ndividwi li ħadu r-responsabbilta' ta' l-armar fil-festa. L-armar kien jinżamm merfugħ għand diversi familji tul is-sena. Waqt li kien hemm postijiet bħall-garage ta' Kolinu fi triq il-Pitkali li kienu jintrefgħu l-armar ta' triq Zerafa.[15] Triq Azzopardi kienet tiżżejjen bil-liedna u kellha 24 bandalori u jisselfu l-arbli ta' triq San Pawl.[16]





Triq Zerafa armata u l-Purċissjoni fl-1946

1 Tagħrif mogħti mis-Sur Espedito Tabone ta' triq is-Salib tal-Marsa.
2 Il-Marsa - Ġunju 1957
3 Mill-minuti tal-kumitat tat-8 ta' Ġunju 1945, mogħtija bil-kortesija tas-Sur Mikiel Saliba ta' triq Zerafa.
4 Mill-minuti tal-kumitat tat-8 ta' Ġunju 1945.
5 Tagħrif mogħti mis-Sur Emanwel Debono ta' triq il-Marsa.
6 Tagħrif fuq wara tas-santa tal-kurunella.
7 Mir-reġistru tal-ħruġ tal-kumitat ta' triq Zerafa (festa 1946).
8 Mir-reġistru tal-ħruġ tal-kumitat ta' triq Zerafa (festa 1946).
9 Mir-reġistru tal-ħruġ tal-kumitat ta' triq Zerafa (festa 1946).
10 Tagħrif mogħti mis-Sur Mikiel Saliba.
11 Warda ta' Pajjiżna.
12 Il-Marsa - Mejju 1994
13 Tagħrif mogħti mis-Sur Espedito Mercieca ta' triq Balbi.
14 Tagħrif mogħti mis-Sur Salvu Farrugia.
15 Tagħrif mogħti mis-Sur Mikiel Saliba.
16 Tagħrif mogħti mis-Sur Pietru Debrincat ta' triq Azzopardi.



**Triq il-Farfett armata fl-1948**





Il-Papa fi Triq Zerafa

# IL-FESTA FI SNIN ĦAMSINIJIET

Il-kumitat ta' triq Zerafa ħa ħsieb biex it-toroq li kellu taħtu jkollhom l-armar tagħhom għall-festa. Kien avviċinat is-Sur Mikiel Saliba (tal-Parrukkier) sabiex jidħol fil-kumitat. Huwa aċċetta bil-qalb u beda x-xogħol fil-bandalori u pittura flimkien ma' xogħol ieħor ta' l-arti li l-Mulej żejjnu bih. L-ewwel saru l-bandalori tas-suf u oħrajn bil-pittura. Inġiebu settijiet ta' kanolli u pilandri u saru disinji ta' pavaljuni bil-karti kuluriti. Inħietu erba' pavaljuni kbar li tħallsu minn erba' benefatturi li kienu: is-Sur Karmenu Portelli (tal-Qattieħ), is-Sur Alfred Borg (tal-Kaboċċa), is-Sur Carmelo Ciappara (tal-Luminata) u s-Sur Neriku Azzopardi (minn tal-Luminata wkoll) u l-ewwel bandalora minn 39 li saru tħallset minn Anġlu Cini "Tal-Ħmara".[1]

## L-ISTATWA TAL-PAPA U L-INNU POPOLARI

Fil-festa ta' l-1949 indaqq l-aħħar darba l-innu fi triq Stefano Zerafa. Ir-raġuni kienet li kibru l-ispejjes fl-armar u ma' setgħux ikomplu jorganizzaw dan l-innu li jitlob ċerti spejjes. Il-kor tat-tfal kien taħt id-direzzjoni ta' Patri Beneditt Portelli, Kapuċċin mill-Marsa.[2] Fis-sena 1950 nħadmet l-istatwa ta' l-Papa San Piju X fil-kartapesta mill-istatwarju Duminku Azzopardi, li kien joqgħod fl-istess triq. Skond ir-rendikont f'dik is-sena jiġifieri fl-14 ta' Ġunju 1950 sar il-ħlas ta' l-istatwa tal-Papa li qamet 24 lira kif ukoll tħallsu ż-żebgħa ta' żewġ statwi ta' anġli għas-somma ta' sitt liri tat-tnejn.[3] Dawn kienu nxtraw mill-parroċċa ta' S. Duminku l-belt minn għand P. Beneditt. Il-pedestall inħadem mis-Sur Tumas Vella mgħejjun mis-Sur Andrew Diacono. Dan ġie miksi u dekorat mis-Sur Duminku Azzopardi. Dan kien l-ewwel pedestall għall-istatwa tal-Papa, għaliex 'il quddiem sar ieħor minfloku. Fil-festa ta' l-1950, il-kumitat barra li ġab il-banda tal-"Kings Own" kien ġab ukoll il-banda ta' San Ġużepp tal-Ħamrun.[4]

Fil-festa ta' l-1951 kien inkiteb l-innu popolari lis-Santissima Trinita' mill-kappillan Patri Felicjan Bilocca. Kif kien stqarr hu stess, f'affari ta' siegħa kiteb il-versi ta' dan l-innu u tah lis-Surmast Ġużeppi Camilleri li kien jieħu ħsieb il-mużika tal-knisja fil-festa, biex jikkomponi l-mużika. Fit-Tridu tal-festa titulari ta' dik is-sena beda jitkanta dan l-innu popolari wara l-benedizzjoni. L-innu tkanta wkoll fuq iż-żuntier mill-kor tax-xebbiet u l-bniet ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Marsa. L-iskop wara dan ix-xogħol kollu seħħ għaliex il-kappillan kien osserva li għat-Tridu ma' kienx ikun hemm attendenza kemm mixtieqa, u permezz ta' dan l-innu popolari kompla kabbar l-interess fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' ġewwa l-knisja. B'hekk żdiedu n-nies. L-innu baqa' jitkanta kull sena wara l-benedizzjoni tat-Tridu sal-lum.[5] Fis-sena 1951, il-Każin tal-Banda kien trasferit għal dar iktar prominenti f'Nru. 68/69, Triq is-Salib tal-Marsa.



**L-Istatwa tas-SSma Trinità fi Triq il-Marsa armata għall-ewwel darba**

## TRIQ IL-PITKALI U TRIQ SAN PAWL

Kien fl-1951 li triq il-Pitkali beda jieħu ħsiebha s-Sur Salvu Farrugia mgħejjun minn Ġorġ Debatista u Freddie Calleja. Il-ġbir għall-festa f'din it-triq kien ta' tliet soldi 3d (1c2m) fil-ġimgħa mill-14-il-familja li kien hemm dak iż-żmien. Il-ġuvintur li kienu jaħdmu, bdew joħorġu sitt soldi 6d (2c5m). Il-kumitati ta' triq il-Pitkali kien kompost mill-President is-Sur Edward Gatt, Segretarju s-Sur Salvu Farrugia u Kaxxier is-Sur Ġanni Caruana. Bdew isiru disnji tal-karti forma ta' pavaljuni u nħadmu tnax il-bandalora li jirrappreżentaw fuqhom il-Ħolqien li swew sitta u tletin lira. Dawn ġew meħjuta minn Mari (ta' Masu) u tpittru mill-imgħallem Duminku Azzopardi. Il-pittura kienet qamet sitta u tletin lira wkoll. Wara saru ħames pavaljuni u bandalori żgħar għall-antarjoli li kienu jinkrew għal żewġ xelini 'l wieħed(10c). Il-bandalori tal-pittura kienu jerfgħuhom għand is-Sur Dwardu Gatt (tal-Badabun), u kienu jkunu mdendlin minħabba l-pittura. Il-pavaljuni u l-bandalori kienu jerfgħuhom għand is-Sur Salvu Farrugia. Kien isir il-ħruq tan-nar meta l-marċ kien jidħol f'din it-triq.[6] Triq San Pawl kienu jieħdu ħsiebha Leli Sultana (tal-pitrolju), Fredrick Ciantar u Pullu Sultana mgħejjuna min-nies tat-triq. Din it-triq kienet tkun miżgħuda b'ħafna armar u fiha nġiebu l-baned u jsir il-ġiġġifogu. In-nies tat-triq kienu mkabbrin b'ark li kellhom fil-bidu tat-triq. L-armar kien jintrefa' f'terran fi Triq San Vincenz u f'post 53 Triq San Pawl il-Marsa li wara serva għal xi żmien Museum tal-bniet.

## L-ISTATWA TAS-SANTISSIMA TRINITA' "TA VIA MARSA"

Wara l-festa ta' l-1951 il-membri tal-kumitat ta' triq il-Marsa kienu avviċinaw lil-kappillan Patri Feliċjan u wrewh bil-ħsieb li ssir statwa tal-kartapesta tas-Santissima Trinita' biex tintrama' fuq pedestall fi triq il-Marsa. Il-kappillan qalilhom li ried iġib il-permess għaliha u fix-xahar ta' Awissu waslet ir-risposta li kienet pożittiva. B'hekk l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa setgħet issir u tkun parti mil-armar tal-festa ta' barra. Dak il-ħin stess, marru jgħidu lis-Sur Duminku Azzopardi, li kien joqgħod fi triq Zerafa, li f'dak il-ħin kien qed jiżboħ il-knisija parrokkjali ma' xi rġiel oħra. Għall-ewwel bil-kemm ried jemmen, għalkemm aċċetta kif qalulu. Inġieb inkwadru tat-Trinita' Qaddisa mid-dar tas-Sur Giuseppi Bugeja, biex issir fuqu u ġiet ordnata għall-prezz ta' 83 lira. L-istatwa tat-Trinita' Qaddisa kienet lesta s-sena ta' wara u lejliet il-festa ta' l-1952, fis-6 ta' fil-għaxija ġiet poġġuta fuq trakk u ntramat fuq il-pedestall tat-tieġ tal-Madonna, li nġieb bla ħlas mill-parroċċa ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien, fost il-ferħ u l-brijju tal-folla miġbura. Is-sena ta' wara, fl-1953 inħadem il-pedestall mis-Sur Spiru Grech għall-prezz ta' madwar sittin lira.[7] L-istatwa oriġinali kellha raġġiera oħra forma ta' xemx u żewġ anġli żgħar iżommu l-istrixxa bil-kliem "Gloria tibi Trinitas".[8] Għal triq il-Marsa kienu saru sett ta' pavaljuni u bandalori ġodda li ħadu post dawk li kien hemm qabel il-gwerra. Dawn ġew meħjuta minn Ġużeppa Caminzuli waqt li Patri Gwido Scicluna, Kapuċċin pitter il-pittura tagħhom. Dawn saru bit-



L-erba' qaddisin ta' Triq Zerafa

tħabrik ta' Carmelo Ellul u Emanwel Dobono. F'triq il-Marsa f'dawk iż-żminijiet kienu jġibu ma' l-erba' baned li kienu jitqassmu tul it-triq kollha.[9]

## ID-DISINJI U L-BANDA TAL-JAZZ

Fis-snin ħamsinijiet kienu jispikkaw id-disinji tal-karti kkuluriti forma ta' pavaljuni kbar. Dawn il-famużi disinji damu għal żmien twil iżejnu t-toroq tal-Marsa fil-festa titulari. Dan kien xogħol ta' arti u jitlob ħafna ħidma ta' diversi nies. Kważi ta' kull sena jew sentejn kien isir disinn ġdid u kien jieħu ħafna liedna tal-karti ta' tajr kkuluriti. Ix-xogħol tal-liedna kienet tinħadem f'diversi djar Marsin, l-iktar min-nisa u t-tfal kbar. Imbagħad jiġi ffurmat bi strixxi ta' l-injam u l-fidiferru biex wara jimtlew bil-liedna tal-karti. Id-dehra tagħhom kienet tkun impressjonanti, wieħed wara l-ieħor b'dawk il-kuluri sbieħ. Iżda dan ix-xogħol kollu kien iservi ġeneralment għal sena biss, għaliex il-liedna tal-karti bix-xemx u ġieli ukoll b'xi qtar tax-xita kienu jibjadu. Ġieli nxtraw xi disinji minn xi festa oħra, bħal ma' kienu jagħmlu l-kumitat ta' Via Marsa, minn għand il-kumitat tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta.[10]

Ħafna mill-kumitati tat-toroq kienu ferm organizzati forma ta' għaqdiet tal-festa, saħansitra kienu jeżistu statuti jew rogolamenti biex imexxi l-operat tagħhom. Huma kienu jagħmlu l-għalmu tagħhom kollu biex jiġbru l-flus, mhux biss bil-ġbir bieb, bieb, bir-reġistru, imma b'lotteriji ta' kull xorta, l-iżjed komuni dik taż-żewġ soldi jew erba' soldi l-biljett. Kienu jinġiebu bosta baned barranin, tant li ġieli kien hawn ma' l-erbatax-il banda fil-jiem tal-festa titulari. Barra l-baned li jinġiebu minn diversi bliet u rħula, kienu jinġiebu baned żgħar imsejħa "Tal-Jazz" li ħadu post il-banda "ta' Indri". Ta' żewġ servizzi, lejliet u nhar il-festa l-banda "Tal-Jazz" kienu jitħallsu għoxrin lira. F'ċerti toroq kont issib iżjed minn grupp wieħed. Għalkemm in-nies kienu jiżfnu u jieħdu pjaċir bihom għaliex kienu popolari, imma kienu jnaqqsu mis-serjeta' li tilob festa ta' Titular hekk kbir bħal tal-Marsa. Għal din ir-raġuni, il-kappillan kien ordna biex dawn il-"Jazz Bands" jitneħħew wara li tkellem mal-kumitati tat-toroq kif fil-fatt sar, għax ma' tantx kienu ta' spirtu ta' festa reliġjuża.[11]

## XOGĦOL FIL-KNISJA U STATWI ĠODDA

Wara l-knisja parrokkjali tas-Santissima Trinita', fejn ilum hemm is-sala tal-Jhansi Hall kienet xagħra. Fiha fil-festa kienu jintramaw imwejjed bis-siġġijiet u jiġi servut il-lumminata u l-ġelat tal-bezzun. F'ħafna kantunieri bħal ma' għadu jiġri sal-lum jintramaw l-imwejjed tal-qubbajt, imqaret, pastizzi, ħelu biz-zokkor, karawett u ċiċri kkulurit. Bejn is-snin 1950 u 1959 sar xogħol artistiku kbir fil-knsija li nbiddlet mil-lejl għan-nhar bil-ħidma għaqlija tal-kappillan Patri Felicjan Bilocca. Huwa sab l-appoġġ u l-għajnuna ta' volontiera Marsin li jikkoperaw miegħu u libbsu l-libsa tal-festa lill-knisja

parrokkjali. Il-knisja nżebgħet, ġiet indurata sar xogħol ta' skultura, mużajk u dekorazzjonijiet oħra, fosthom damask aħmar tal-palma. Dan ġab aktar ħeġġa u entużjażmu għall-festa titulari.

Fil-festa ta' l-1957 tkompliet tissebbaħ b'erba' statwi ġodda li nħadmu mill-istatwarju Duminku Azzopardi għal triq Stefano Zerafa għall-festa ta' barra. Dawn kienu San Bonaventura, Santu Wistin, San Patrizju u Beatu Diedigu, Kapuċċin, li b'xi mod għandhom rabta mat-tagħlim fuq il-misterju tat-Trinita' Qaddisa. Ix-xogħol ta' l-injam ta' l-erba' pedestalli sar mill-imgħallem is-Sur Andrew Diacono. Il-kumitat ta' dak iż-żmien ta' triq Zerafa kien kompost minn dawn is-sinjuri: President: Carmelo Ciappara, Viċi President u Kaxxier: Mikiel Saliba, Segretarju: Tony Cilia, Ass. Segretarju: Francis Cilia, Ass. Kaxxier: Chalie Agius, Direttur ta' l-armar: Andrew Diacono u Renzo Agius. Waqt li l-membri kienu: Joseph Grech, John Agius, Louis Azzopardi, Alfred Cutajar u Vincent Tabone.[12] Għal din il-festa ta' l-1957 kien ġie mżanżan iz-zuntier bix-xogħol li sar fih peress li sar simetriku u mdawwar bil-balavostri. Għalhekk l-armar tal-festa kellu jitnaqqas b'trofej u tliet anġli bil-pedestalli. F'din il-festa ndaqq wkoll għall-ewwel darba l-innu lit-Trinita' Qaddisa mill-banda "Holy Trinity" tal-Marsa. Il-versi nkitbu mill-poeta Marsi Dun Frans Camilleri u mużika mis-Surmast tal-banda Mro. J.M. Barbara. F'dan l-innu li jieħu sehem fih tenur u baritonu kien tkanta mill-kor tas-subien u l-bniet ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Marsa mħarrġin mis-Sinjura Mary Flores. L-innu baqa' jindaqq u jitkanta kull sena, lejliet il-festa.[13] F'dik is-sena, triq il-Pitkali kien jieħu ħsiebha is-Sur Emanwel Calleja.

## IL-FESTA KIENET SER TITHASSAR

Fil-15 ta' Frar, 1958 kien spiċċa minn kappillan Patri Feliċjan Bilocca u laħaq floku Patri Donat Spiteri mill-Marsa. Fil-festa ta' l-1958 kien inqala' inċident li għal ftit ma' ħassarx parti mill-festi ta' barra. Dan ġara li l-pajjiż kien fi stat ta' emerġenza minħabba t-tqanqil politiku li kien inqala'. Ġiet imsejjaħ laqgħa mill-każin tal-banda nhar it-13 ta' Mejju 1958. Għaliha kienu preżenti l-President tal-banda, is-Sur Anton Cassar u Patri Leopoldu Tabone, Kapuċċin, Prokuratur tal-knisja u l-festa. Attendew diversi delegati minn diversi kumitati ta' toroq li kienu: Anton Farrugia f'isem triq San Pawl, Mikiel Saliba għal triq Zerafa u l-inħawi, Patri Mario Azzopardi O.F.M. Kap. Għal triq Isouard, Edward Gatt għal triq il-Pitkali, Carmelo Ellul f'isem triq il-Marsa u l-inħawi, Pietru Debrincat għal Triq Azzopardi, Ġiuseppi Bilocca għal triq Balbi u l-inħawi u Anton Cutajar għal triqat u l-Għolja tal-Ġiżwiti. F'din il-laqgħa ġie diskuss li minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti li ma' kienux qed jingħataw per-messi għall-marċijiet, kellhomx iħassru l-programmi tal-baned kollha. L-għada 14 ta' Mejju, l-istess deligati reġgħu ltaqgħu u kien preżenti għaliha din id-darba l-kappillan Patri Donat Spiteri Kapuċċin u ġie kkonfermat dak li ġie diskuss fil-jiem ta' qabel. Il-kappillan ma' kienx qabel ma' din id-deċiżjoni, li

ma' jinġiebux baned. Wara dik il-laqgħa l-kappillan sejjaħ lil-kumitati tat-toroq kollha u stedinhom biex iġibu l-baned bħal ma' kienu ser jagħmlu rħula oħra, b'hekk il-Marsa wkoll tiċċelebra l-festa bħalhom. Il-kumitati tat-toroq kollha kemm huma aċċettaw li jġibu l-baned idoqqu f'din il-laqgħa li saret għalihom. Wara din il-laqgħa, il-kappillan Patri Donat Spiteri kien stieden uffiċċjalment il-banda tal-Marsa "Holy Trinity" biex tieħu sehem. Il-banda kienet aċċettat kif qalet hi biex ma' thassarx festi, iżda l-kumitat tal-każin tal-banda riserva d-dritt li joħorġu dikjarazzjoni biex jispjega l-possizzjoni tiegħu, kif fil-fatt għamel.[14] Il-festa ta' l-1958 kienet saret bl-istess solennita' bħas-soltu.

---

1 Il-Marsa - Ġunju 1957.
2 Tagħrif mogħti mis-Sur Mikiel Saliba ta' Ttiq Zerafa.
3 Mir-reġistru tal-ħruġ ta' Triq Zerafa 1950.
4 Mir-reġistru tal-ħruġ ta' Triq Zerafa 1950.
5 Il-Marsa - Ġunju 1957.
6 Tagħrif mogħti mis-Sur Salvu Farrugia.
7 Tagħrif mogħti mis-Sur Espedito Mercieca ta' Triq Balbi.
8 Il-Marsa - Lulju 1996.
9 Tagħrif mogħti mis-Sur Emanwel Debono ta' Triq il-Marsa.
10 Tagħrif mogħti mis-Sur Emanwel Debono ta' Triq il-Marsa.
11 Tagħrif mogħti mis-Sur Carmelo Ellul ta' Triq il-Marsa.
12 Il-Marsa - Ġunju 1957.
13 Il-Marsa - Ġunju 1957.
14 Il-Marsa - Mejju 1994.







**Il-Kavallieri fl-1926**
**li spiċċaw mill-purċissjoni fis-sittinijiet**

# IL-FESTA TĦABBAT WIĊĊHA MA' DIFFIKULTAJIET

Il-kumitati tat-toroq komplew bil-ħidma sħiħa u kontinwa tagħhom sabiex jagħtu lill-poplu Marsi festa xierqa li tistħoqq lill-uniku titular fil-parroċċi ta' dawn il-gżejjer, kif ukoll sodisfazzjon tal-kontribuzzjonijiet tagħhom. Festa wara l-oħra komplew ikabbruha mhux fl-armar u l-baned numerużi, iżda wkoll bil-logħob tan-nar u fuq kollox bl-imħabba li kellhom lejn it-Trinita' Qaddisa li xtaqu dejjem jagħtuHa l-aħjar festa.

Fost l-armar kien sar pedestall ġdid artistiku għall-istatwa tal-Papa San Piju X fi triq Zerafa. Dan sar fuq disinn tas-Sur Salvu Bugeja u ġie maħdum fix-xogħol ta' l-injam mill-imgħallem is-Sur Salvinu Falzon li kien joqgħod fi triq l-Iskola l-Marsa (tal-Mina). Dan il-pedestall ħa post flok l-ieħor li kien inħadem qabel.[1] Fil-bidu tas-snin sittin bdew isiru laqgħat minn diversi kumitati tat-toroq mal-Prokuratur biex ix-xogħol kollu tal-festa jkun organizzat speċjament fejn jidħol il-kuntrattur tad-dawl tat-toroq u l-logħob tan-nar. Dawn il-laqgħat ressqu lill-kumitati lejn xulxin fejn bdew jaqsmu bejniethom l-ispejjeż ta' xi baned barranin li bdew jinġiebu għat-toroq tagħhom.

## FESTI ĊIKWANTINARJI

Il-Ħadd 24 ta' Ġunju 1962 il-kappillan Patri Donat Spiteri O.F.M. Kap. ħabbar fil-quddies kollu lill-Marsin li s-sena 1963 se timmarka l-ħamsin anniversarju tal-knisja u l-parroċċa tal-Marsa. Din il-ġrajja kollha titfakkar bi programm u festi speċjali.

Ġie mwaqqaf kumitat taħt il-kappillan fejn l-ewwel laqgħa uffiċċjali saret fis-6 ta' Lulju 1962. Fost il-membri tal-kumitat kien hemm tliet Presidenti Onorarji li kienu l-W.R.P. Krispin Provinċjal tal-Kapuċċini, Dr. H. Sacco M.D.u Dr. A. Debono M.D. Il-membri l-oħra tal-kumitat kienu: is-Sur F.S Grima - Segretarju, is-Sur A. Attard - Kaxxier u Membri: il-Gwardjan tal-Marsa, Patri Beninju Kap., Patri Franġisku Kap. Segretarju tal-Provinċjal, Patri Rafel Kap., Prokuratur tal-knisja P. Anton Azzopardi Kap., s-Sinjuri Joseph Portanier, Emanwel Falzon, Salvatore Debono, Joseph Bezzina, John Dougall, Joseph Zammit, Carmel Dimech.[2] Fil-faċċata tal-knsija fuq il-portiku twaħħal kartellun kbir b'kitba bil-Malti biex tfakkar din l-okkażjoni. Ġew organizzati attivitajiet u ċelebrazzjonijiet biex ifakkru din il-ġrajja fost l-oħrajn Akkademja dinjituża fil-knisja nhar is-27 ta' Jannar 1963.

## IL-FESTA TRASFERITA

Il-qofol tal-festi bdew mis-26 ta' Mejju u kellhom jispiċċaw fid-9 ta'

Ġunju, f'jum il-festa titulari tas-Santissima Trinita'. Bħala l-ewwel parti tal-festa kienu saru ċelebrazzjonijiet fil-knisja minn kull għaqda, waħda wara l-oħra. Fit-2 ta' Ġunju, Jum il-Pentekoste sar il-Kungress Nazzjonali tax-xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla fil-Marsa. Sadanittant, aħbarijiet koroh bdew jaslu dwar is-saħħa tal-Papa Ġwanni XXIII u l-għada 3 ta' Ġunju waslet l-aħbar li l-Papa miet. Il-ferħ tal-festa Titulari ġie mibdul f'niket u luttu. Il-programm kollu ġie mwaqqaf u l-festa esterna ġiet trasferita għat-30 ta' Ġunju.[3] Il-Pontifikat Solenni tal-festa tmexxa mill-Isqof Emanwel Galea u l-paniġierku sar minn Mons. L. Spiteri. Kien hemm il-ħsieb propju li jinġieb l-Isqof Mons. Van Der Burgot O.F.M. Kap., Arċisqof ta' Pontianak, imma ħassar iż-żjara tiegħu. Il-mużika tal-festa kienet taħt id-direzzzjoni tas-Surmast Giuseppe Camilleri u l-proċessjoni bis-sagrament tmexxiet mill-Provinċjal P. Fortunat.[4] Il-kumtati tat-toroq għamlu l-għalmu tagħhom kollu biex il-festi ta' barra fil-festi ċinkwantinarji jirnexxu, tant li ħadu sehem għaxar baned u sar ħafna logħob tan-nar. It-toroq intramaw bl-aħjar armar u disinji għal din l-okkażjoni speċjali.[5]

## JINGĦAQDU L-KUMITATI TAT-TOROQ

Il-kumitati tal-festa kif kienu jsibuhom il-Marsin fl-aħħar tas-snin ħamsin u aktar u aktar fil-bidu tas-snin sittinijiet bdew iħabbtu wiċċhom ma' problema kbira dik tan-nuqqas ta' riżorsi umani. Dan ġara għaliex xi wħud mill-membri fil-kumitat ta' diversi toroq u oħrajn li jgħinuhom bdew jemigraw barra minn Malta. Oħrajn bdew jitilfu l-interess fix-xogħol kbir li tirrikjedi l-festa. Għalhekk, dawn il-kumitati tal-festa bdew isibu ruħhom fi kriżi, mhux biss tan-nuqqas ta' finanzi, iżda fin-nuqqas ta' membri volontiera. Kien għall-ħabta ta' l-1964/65 li l-biċċa l-kbira tal-kumitati tat-toroq tal-festa waqfu bħal organizazzjoni, flimkien taħt l-isem ta' "Holy Trinity Feast Committee, Marsa".[6] L-iskop kien wieħed, li jagħtu ħajja ġdida lill-festa titulari tal-Marsa u b'hekk jistgħu jgħinu lil xulxin fl-idejat, fl-armar u fil-baned. Kien sar ftehim li kull triq toħroġ is-sehem tagħha għall-baned. Imma, għalkemm kienu taħt isem wieħed, kull triq baqgħet awtonoma, jiġifieri żżomm il-flus li tiġbor għaliha u torganizza l-attivita' tagħha. Kull triq kienet anke tieħu ħsieb l-armar u għad-dawl tagħha. Fost ir-rappreżentanti minn diversi toroq f'dan il-kumitat konna nsibu lil dawn is-Sinjuri: Ralph Dougall, JoJo Martin, Carmelo Ellul, Leli Debono, Joe Said, Louis Attard, Pawlu Debattista, Pawlu Farrugia, Twanny Bonnici, Andrew Giordano, Michael Barbara, Frankie Bugelli u oħrajn.[7] Il-prokuratur tal-festa kien preżenti għal-laqgħat. Kien hemm P. Anton Azzopardi O.F.M. Kap., Patri Kornelju O.F.M. Kap. u wara laħaq Patri Appollinar O.F.M. Kap. Kienet saret l-arma ta' dan il-kumitat li kienet tikkonsisti f'arma tal-Marsa u l-għajn tat-Trinita' Qaddisa fuqha. B'din id-deċiżjoni li

l-kumitati tal-festa ta' diversi toroq inġabru flimkien għalkemm baqgħu ndipendenti minn xulxin, iżda kien pass fid-direzzjoni t-tajba biex il-festa ta' barra tkompli mixja 'l quddiem.[8] Ġrajja ta' min isemmiha hija meta xi armar li kien merfugħ fil-kantina, fil-bidu ta' l-Għolja tal-Ġiżwiti, sew sew taħt fejn kien il-ħanut ta' Spiru taż-żebgħa intliet b'ilma tax-xita waqt maltempata kbira. Ħafna mill-armar tal-festa safa' mgħarraq bl-ilma u sofra ħafna ħsarat fosthom intilfu ż-żewġ anġli kbar li kienu jintramaw mal-Papa fil-bidu ta' Triq Zerafa u oħrajn.[9]

## IL-KWISTJONI TAL-VARA TITULARI U L-FESTA MA SSIRX

Fit-13 ta' Novembru 1966 laħaq il-kappillan Patri Dumink Garzija Kapuċċin. Dan min-naħa tiegħu ħadem biex jgħaqqad aktar ir-rappreżentanti tat-toroq flimkien. Kienu huma, li għan-nom ta' ħafna parruċċani resqulu x-xewqa li l-purċissjoni tibda ssir bil-vara titulari tas-Santissima' Trinita' bħal ma' kien isir sa dak iż-żmien fil-parroċċa ta' Marija Bambina fil-belt ta' l-Isla. Huwa fehem li trid issir xi ħaġa konkreta meta kien innutat li Ġesu' Sagramentat kien jgħaddi mit-toroq f'dak l-istorbju li joffu l-festi tradizzjonali tagħna. Jiġifieri bl-istorbju ta' l-għajjat tal-bejjiegħa, il-baned u n-nuqqas ta' devozzjoni ta' xi wħud, waqt li tkun għaddejja l-proċessjoni li titlob tant ġabra u devozzjoni għax hi parti mil-liturġija. Minflok qima xierqa, kienet qed tinħass profanazzjoni. Barra dan kollu, kien hemm xewqa kbira fil-qalb tal-poplu Marsi, u din inħasset l-iżjed wara l-gwerra, li ssir vara titulari u tinħareġ proċessjonalment. Kienu saru xi tentattivi fuq hekk. Għalhekk, inħass li ż-żmien wasal biex issir statwa titulari u talab il-permessi meħtieġa minn għand is-superjuri tiegħu. Wara li nġieb il-permess fl-1967, il-kappillan Patri Dumink Garzija O.F.M. Kap beda l-ġbir għall-vara titulari tat-Trinita' Qaddisa. Il-Marsin msemmija għall-ġenerosita' tagħhom taw sehemhom kemm bħala benefatturi u ħafna familji bdew joffru lira kull wieħed. Din l-aħbar ġabet magħha entużjażmu ġdid għall-festa. Kien ġie avviċinat l-istatwarju magħruf is-Sur Wistin Camilleri tar-Rabat ta' Għawdex li għamel abbozz tat-tafal kif kellha ssir il-vara titulari tal-parroċċa tat-Trinita' Qaddisa fil-Marsa.[10] Iżda ġara li f'daqqa waħda bħal sajjetta fil-bnazzi, l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi waqqfu kollox u l-permess meħtieġ ġie miżmum. Din l-aħbar ġabet magħha reazzjoni ta' rabja u diżappunt fost il-Marsin. Biex ifissru dan kollu, fl-1968 ma' saritx il-festa titulari ta' barra bħala protesta.[11] Minħabba dawn iċ-ċirkustanzi u peress li l-qiegħa saħnet sewwa, lanqas il-knisja ma' ntramat kollha u l-proċessjoni ma' kienitx saret. Ftit wara f'dik is-sena 1968 spiċċa minn kappillan Patri Dumink Garzija. Xi wħud talbu u ngħataw il-flus lura li kienu taw għall-vara titulari.

## IR-REFERENDUN U L-FESTA FI KRIŻI

Nhar it-18 ta' Awissu 1968 laħaq il-kappillan Patri Diego Theuma Kapuċċin. Dan sab ma' wiċċu din il-problema taħraq. Għalhekk fis-7 ta'






**L-Arma tal-Kumitat tal-Festa fis-sittinijiet u l-Abbozz tal-vara fl-1967**

Diċembru 1968 sejjaħ laqgħa għall-għaqdiet, kumitati tal-festa u dawk kollha nteressati biex jistħarrġu s-sitwazzjoni. Kien hemm min issuġerixxa li la l-permess għall-vara tat-Trinita' Qaddisa ġie miżmum, għandha ssir statwa oħra, fil-waqt li t-titular jibqa' kif inhu bħal ma' huwa dak tal-parroċċa ta' Portu Salvu fil-Belt (S.Duminku). Kien hemm min qabel u oħrajn li beżgħu li jista' bi ż-żmien jinbidel it-titular. Ġie deċiż li ssir delegazzjoni mill-Parroċċa biex tkellem lill-Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi. Wara sar qbil li ssir konsultazzjoni mal-poplu tal-parroċċa billi jsir referendum. Ġie ffurmat kumitat apposta biex jieħu ħsieb il-kwistjonarju li kellu jintbagħat lil 1,844 kap tal-familja li joqgħodu fil-parroċċa. Kull familja kellha vot wieħed biss. Il-votazzjoni nżammet nhar il-Ħadd 2 ta' Marzu, 1969 fejn kellhom jiġu mwieġba tliet mistoqsijiet:

1. Jekk riedux li l-festa tas-SSma. Trinita' tibqa' bil-proċessjoni bħal qabel bis-sagrament.
2. Jekk riedux tintgħażel festa oħra li fiha ssir proċessjoni bi statwa oħra.
3. Jekk l-individwi jixtiequ festa oħra x'jagħżel.

Tefgħu l-vot tagħhom 1,304 familja u 540 ma' vvutawx. Voti ħżiena kien hemm 46. Ivvutaw favur il-festa tat-Trinita' bil-proċessjoni bis-Sagrament bħal qabel 642 u għall-festa bi statwa oħra 616. Peress li r-riżultat ma' kienx hemm maġġoranza ta' żewġ terzi (2/3) tal-voti validi kif kien miftiehem, wasal għall-konklużjoni li kien indeċiżiv.[12] Ir-rapport mar għand l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi li min-naħa tagħhom qatgħuha li jħallu kollox kif kien qabel, jiġifieri li l-festa kellha tibqa' ssir bis-Santissimu Sagrament.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-kumitat li kien jirrapreżenta l-membri ta' diversi toroq irreżenja kollu kemm huwa, u bdew iqassmu lura l-flus lin-nies tat-toroq konċernati.[13]

## IL-FESTA ESTERNA F'IDEJN L-GHAQDIET RELIĠJUŻI

Il-kappillan Patri Diego Theuma sejjaħ laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' San Piju X, għall-membri ta' l-għaqdiet reliġjużi, speċjalment il-ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika li tagħhom kien Assistant Ekkleżjastiku. Huwa talabhom biex jgħinuh jagħmel il-festa titulari u jarmaw it-toroq huma. Il-festa ta' l-1969 saret bi sforz kbir, u nqalgħu xi nċidenti u l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa ta' Triq il-Marsa fis-snin ta' wara ma' baqgħetx tintrama. Is-sena ta' wara, fl-1970 ċerti ndividwi reġgħu bdew jieħdu ħsieb xi toroq tagħhom, fosthom Carmelo Ellul u Emanwel Debono, li kienu jieħdu ħsieb triq il-Marsa u t-toroq li jmissu magħha. F'din it-triq lejliet il-festa tas-SSma. Trinita' kienet inġiebet il-banda Imperial tal-Mellieħa u nhar il-festa nġiebet il-banda ta' San Ġużepp ta' Għajnsielem ta' Għawdex.[14] Għal din il-festa ta' l-1970 kien ġie ffurmat

kumitat tal-festa li kien magħmul miż-żgħażagħ ta' l-għaqdiet u saret ħidma kbira biex jiżżejjnu t-toroq u kien inħaraq kwantita' kbira ta' logħob tan-nar, l-iktar il-Ħadd fil-għaxija.[15] Dan inġabar f'diversi postijiet fosthom fil-każin tal-football tal-Marsa. Iżda dan kien għal sena waħda biss, għaliex is-sena ta' wara, dan il-kumitat ma' ġiex iffurmat mill-ġdid. Tant li fil-fuljett parrokkjali "Il-Marsa" ta' Jannar 1971, fl-Editorjal kien sar appell lil dawn iż-żgħażagħ biex jerġgħu jiffurmaw il-kumitat tal-festa, iżda dan ma' seħħx. Għalhekk il-festa ta' l-1971 bil-piżijiet kollha tagħha waqgħet fuq spallejn il-kappillan. Il-festa titulari dik is-sena kellha tiġi ċċelebrata nhar is-6 ta' Ġunju fil-ġurnata proprja tagħha, imma kellha tiġi trasferita għall-Ħadd 18 ta' Lulju, minħabba li ġiet ma' l-Elezzjoni Ġenerali tal-pajjiż. Il-festa saret bi sforz kbir tant li kien hemm xi toroq li ma ntramawx kollha u nħass sewwa n-nuqqas tal-logħob tan-nar.[16] Dan kien iż-żmien diffiċli għall-festa, li deher fil-kitba fil-fuljett ta' Mejju 1972 li kien jgħid : "Hekku li bosta għamlu sagrifiċċji biex żejjnu t-toroq tagħna u wieħed kien jistenna aktar interess kemm fit-tiżjin kif ukoll fil-festa ta' barra u waqt il-proċessjoni". Kienu armaw l-ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika u xi ndividwi li baqgħu jieħdu ħsieb xi toroq u l-armar tagħhom. Is-Sur Joe Vella (tal-Mosaic) beda jieħu ħsieb in-nar tal-festa. Dik il-ħabta n-nar kien jinxtara mill-fabbrika ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq. Il-festa ta' l-1972 ġiet iċċelebrata fit-28 ta' Mejju. Fil-11 ta' Ġunju, il-kappillan organizza fenkata għall-irġiel u ġuvintur li ġabru u armaw għall-festa. Fil-31 ta' Awissu 1972 Fra Antnin Vella O.F.M. Cap. laħaq Prokuratur tal-knisja u tal-festa.

## IL-FESTA TQUM BIL-MOD IL-MOD

Għall-festa ta' l-1973, il-kappillan Patri Diego Theuma pprova jerġa' jiġbor lil dawk interessati mill-festa u nbeda l-ġbir. Dawk li ġabru t-toroq kienu s-Sinjuri Margerita Gravino, Carmena Camenzuli, Lorenzo Cachia, Joe Galea, Emanwel Abela, Pawlu Dimech, Carmel Ellul u Emanwel Debono. Ma' dawn kienu jgħinu f'armar ta' toroq u z-zuntier Fra Antnin Vella, T. Formosa, F. Grech, J. Saliba, L. Gatt, A. Bray, A. Ellul, J. Cutajar, J. Seychell, A. Xerri, A. Mizzi, J. Vella, J. Debono u T. Cilia.[17] L-aħwa Mercieca ġarrew xi armar bit-trakk waqt li l-kumplament kien inġarr fuq żewġ karettuni ta' l-idejn bir-roti, Ħafna mill-pedestalli, antarjoli u pavaljuni kienu jinġarru bi tbatija kbira fuq dawn iż-żewġ karettuni. Bil-mod il-mod, l-interess u t-tħeġġiġ lejn il-festa reġa' beda jinħass anke f'individwi li bdew jiġbru t-toroq tagħhom u oħrajn.

Il-festa ta' l-1974 kienet iċċelebrata nhar is-9 ta' Ġunju fejn tfaċċat problema. Din kienet dwar id-dawl tal-festa fit-toroq. Il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien kien ħabbar minn fuq it-televixin li minħabba l-awsterita' fil-konsum ta' l-enerġija ma' kienx permess li jinxtgħelu aktar minn numru stipulat ta' bozoz fil-festa. Minħabba f'din il-miżura dik is-sena nxtgħelu biss it-toroq prinċipali li minnhom tgħaddi l-proċessjoni. Il-flus li kienu nġabru għal dan il-

għan mit-toroq l-oħrajn ġew merfugħa.[18] Xi fustuni f'xi toroq sekondarji ġew imqabdin mad-djar privati li offrew volontarjament. F'din is-sena 1974 bit-tħabbrik u l-ġbir ta' Emanuel Abela (illum kappillan tal-parroċċa SSma. Trinita' il-Marsa) żżanżnu ħames pavaljuni għal Triq Simpson li kien jieħu ħsiebha.[19] Ix-xogħol tal-ħjata sar mis-sagristan is-Sur Toni Formosa. F'din is-sena ukoll 1974 inbeda proġett ta' erbatax-il pavaljun ġdid għal Triq Zerafa, bit-tħeġġiġ u l-koperazzjoni tal-kappillan Patri Diego Theuma u bit-tħabbrik tas-Sur Lippu Cacciattolo li kien jieħu ħsieb ukoll triq il-Farfett li tintrama b'pavaljuni tad-dawl forma ta' ħnejja. Il-pavaljuni ta' triq Zerafa ma żżanżnux kollha fil-festa ta' l-1974, iżda deheru ftit minnhom u tkomplew is-sena ta' wara. Dawn tfasslu minn Patri Salv Sciccluna O.F.M. Cap fuq id-disinn ta' Patri Mario Azzopardi O.F.M. Cap. Ħafna nisa benefatturi bl-għajnuna tal-kappillan, għenu fil-ħjata tal-pavaljuni, fosthom is-superjura tas-sorijiet, u s-Sinjuri Maggie Gravino, Giulia Vassallo, Annie Theuma, Clara Micallef, Josephine Caruana, Tessie Theuma, Mary Farrugia, Saturna Mamo, Tessie Vella u Mary Vella. L-ispiża kienet ġa telgħet għal 239 lira u 24 ċenteżmi. Permezz tal-kappillan u s-Sur Lawrence Cachia nġabret is-somma ta' 140 lira u 24 ċenteżmi.[20] Triq San Bernard bdiet tinġabar u jieħdu ħsiebha s-Sur E. Formosa u s-Sur J. Arnolad. Iżda l-festa ta' barra dik is-sena saret bit-telf. Il-kappillan ma' setax ikompli jerfa' fuq spallejh il-festa ta' barra, meta qabel kien hawn daqstant kumitati ta' toroq. Ma' kienitx ħaġa faċli li tikkonvinċi lil nies li jieħdu ħsieb it-toroq jingħaqdu f'kumitat wieħed u jkun hemm fond wieħed għall-festa.

## KUMITAT TAL-FESTA TA' BARRA

Għalhekk f'Settembru ta' l-1974 saret sejħa fil-fuljett tal-parroċċa biex isir kumitat tal-festa u x-xogħol li titlob il-festa jiġi mqassam aħjar.[21] Fil-fatt hekk sar wara li xi ndividwi li kienu jieħdu ħsieb xi toroq wieġbu għas-sejħa. Il-kumitat tal-festa 1974/75 kien kompost minn dawn il-persuni: il-Kappillan P. Diego Theuma O.F.M. Kap., il-Prokuratur Fra Antnin Vella O.F.M. Kap., Joe Vella, Lawrence Cachia, Anthony Formosa, Philip Cacciattolo, Pawlu Dimech, Evan Formosa, Moses Grech u Pawlu Farrugia.[22] Il-laqgħat bdew isiru regolamenti fl-uffiċċju tal-kappillan u fiċ-Ċentru Parrokkjali. Beda l-ġbir mit-toroq u bdew jorganizzaw il-fieri fiċ-Ċentru Parrokkjali San Piju X bħal ma sar nhar id-19 u l-20 t'April biex ikopru l-ispejjeż tal-festa. Dawn il-fieri bdew iħallu l-frott. Barra l-fajjenza, il-fniek, ħwejjeġ u l-kejkijiet, kien isir logħob bil-ballun, ċrieki u ċipitatu. Imma l-aktar imfittxija kienet dik tas-sold xelin, li b'4 milleżmi tirbaħ 5 ċenteżmi. Għal triq Magri li kien jieħu ħsiebha s-Sur Pawlu Farrugia ġew imżanżna sett ta'pavaljuni. Ix-xogħol tal-ħjata sar mis-Sur Toni Formosa, mgħejjun mis-Sinjuri G. Vassallo, V. Attard u L. Micallef.[23] Aktar irġiel u żgħażagħ minn toroq differenti bdew jersqu jagħtu l-għajnuna tagħhom. Fil-festa titulari ta' l-1975 saru seba' programmi ta' marċi minn diversi baned u għall-ewwel darba fit-tieni jum tat-Tridu daqqet il-banda





**Il-Pavaljuni fi Triq Zerafa 1975**
**li saru flok il-bandalori**

ta' l-Iscouts tal-Marsa fit-toroq tal-parroċċa. Matul il-ġranet tal-festa sar sparar ta' bombi u kaxxi nfernali.[24] Il-festa ta' dik is-sena rnexxiet ħafna u b'hekk nibet il-ħsieb li b'dawk in-nies kollha nvoluti titwaqqaf Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' li jkollha kumitat stabbli li f'idejh taqa' t-tmexxija kollha tal-festa ta' barra u tiġbor t-toroq kollha tal-parroċċa.

---

1 Tagħrif mogħti mis-Sur Alfred Falzon ta' triq Zerafa.
2 Mir-Rapport taċ-Ċentainarju.
3 Mir-Rapport taċ-Ċentainarju.
4 Programm tal-festa 1963.
5 Programm tal-festa 1963.
6 Tagħrif mogħti mis-Sur Louis Attard ta' triq Kapuċċini u Pawlu Debattista ta' Triq Magri.
7 Tagħrif mogħti mis-Sur Louis Attard ta' triq Kapuċċini u Pawlu Debattista ta' Triq Magri.
8 Tagħrif mogħti mis-Sur Louis Attard ta' triq Kapuċċini u Pawlu Debattista ta' Triq Magri.
9 Tagħrif mogħti mis-Sur Michael Saliba ta triq Zerafa.
10 L-abbozz ta' vara maħdum mill-istatwarju Wistin Camilleri jinsab fil-kunvent tal-Kapuċċini ta' Triq Balbi l-Marsa.
11 Il-Marsa - Ġunju 1998.
12 Rapport fil-Marsa - Mejju 1983.
13 Tagħrif mogħti mis-Sur Louis Attard ta' triq Kapuċċini.
14 Tagħrif mogħti mis-Sur Emanuel Debono ta' triq il-Marsa u programm tal-festa 1970
15 Il-Marsa - Ġunju 1970/Jannar 1971.
16 Il-Marsa - Awissu 1971.
17 Il-Marsa - Lulju 1973.
18 Programm Festa Ġunju 1974.
19 Il-Marsa - Lulju 1974.
20 Il-Marsa - Lulju 1974.
21 Il-Marsa - Settembru 1974.
22 Il-Marsa - Diċembru 1974/Jannar 1975.
23 Il-Marsa - Mejju 1975.
24 Il-Marsa Programm Festa 1975.

# IT-TWAQQIF TA' L-GĦAQDA FESTI ESTERNI SSMA. TRINITA'

## BIDU TQIL

Fit-3 ta' Lulju 1975, dawk kollha nteressati mit-twaqqif tal-Għaqda tal-festa ltaqgħu flimkien għal "drink" u biex jaraw kif il-pjan tagħhom iseħħ u jqajjmu l-festa titulari fuq saqajha.[1] Kien nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju 1975 li l-kumitat tal-Festi Esterni SSma. Trinita' ltaqgħu għall-ewwel seduta biex tibda l-ħidma tagħhom.[2] Il-laqgħa tmexxiet mill-kappillan Patri Diego Theuma O.F. M. Cap. Fiha ġew maħtura l-ewwel uffiċċjali li kienu: il-Kappillan Patri Diego Theuma u l-Prokuratur Fra Antnin Vella, kienu fil-kumitat Ex-offficio. President is-Sur Ġiġi Vella, Segretarju: is-Sur Pawlu Dimech u Kaxxier is-Sur Ġużi Vella, is-Sur Victor Cilia - Asst. Kaxxier. Il-membri l-oħra kienu: u s-Sinjuri Nazju Cilia, Joe Meilaq, Anthony Formosa, Sidor Grech, Pawlu Farrugia, Alfred Grima, Philip Cacciattolo, Evan Formosa. Jgħinu fil-kumitat kien hemm xi żgħażagħ bħal Joe Debrincat, l-aħwa Duminku u Alfred Grima, u Jesmond Arnold. L-ewwel seduta saret fiċ-Ċentru Parrokkjali San Piju X fil-kamra mislufa miċ-ċirkolu San Franġisk ta' l-Azzjoni Kattolika fergħa ġuvintur. Fil-laqgħa ġie mifthiem bit-twaqqif ta' kumitat wieħed fi ħdan l-Għaqda tal-Festi Esterni Santissima Trinita' fejn tiġbor fiha kull individwu u gruppi żgħar mit-toroq kollha. B'hekk kien ser ikun hemm kaxxa waħda li tiġbor fiha l-flus tat-toroq kollha. Il-membri ma' setgħux jaħdmu b'mod stradali, jiġifieri għat-triq tagħhom biss. Huma riedu jkunu responsabbli mill-armar tal-festa ta' barra, mill-logħob tan-nar u l-baned kollha. Ġew diskussi żewġ problemi kbar li kienu l-ħlas ta' dejn ta' 280 lira tal-pavaljuni ta' triq Zerafa u triq Magri u dwar il-post ta' fejn tista' tiltaqa' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' Dawn ġew solvuti billi rigward id-dejn li kien hemm kellu jiġi organizzat il-ġbir ta' toroq u jsiru attivitajiet ta' lotteriji u tombli. Ġie mifthiem li tul sentejn għandu jitħallas lill-kappillan li kien huwa li ħareġ il-flus biex dawn il-pavaljuni setgħu jsiru. Dwar il-post ġie suġġerit li jitnaddfu l-kantini ta' taħt il-knisja parrokkjali u l-uffiċċju tal-Kappillan.[3]

## L-GĦAQDA JKOLLHA POST TAGĦHA

Il-kantina l-kbira ta' taħt il-ġenb tal-knisja kellha armar mitluq 'l hawn u 'l hemm u bosta disinji qodma tal-karti fuq xulxin. Il-biċċa l-kbira minnhom kienu disinji ta' toroq tal-festi l-imgħoddija u bil-kemm wieħed setgħa jimxi fiha. Il-kantina ż-żgħira riedet manutenzjoni. Qabel, fiha kienu jiltaqgħu il-membri tal-Leġjun ta' Marija, imma peress li kienet ilha magħluqa xi snin,

kellha bil-fors tiġi rranġata. Il-kantina tikkonsisti f'żewġt ikmamar li ġew miżbugħa tul is-sajf. Għal waħda minnhom ġiet iddubata mejda żgħira, gradenza, u xi siġġijiet, kif ukoll ingħata bank żgħir li kien jintuża għall-qtugħ tal-biljetti tat-talkies fil-Jhansi Hall. Il-bank, flimkien ma' vetrina żgħira serva ta' bar għall-membri li jkunu preżenti. Dan ix-xogħol sar fuq inizjattiva tal-President, is-Sur Ġiġi Vella. Fil-kamra l-oħra beda jsir l-ewwel xogħol ta' manutenzjoni fl-armar tal-festa. Inbew iż-żewġ pedestalli l-kbar taz-zuntier. Fil-għaxija xi membri bdew jaħdmu l-liedna tal-karti għall-fustuni. Xi laqgħat tal-kumitat bdew isiru wkoll fiha. Kien bidu tassew umli, iżda mimli kuraġġ li ta' qawwa lill-membri ta' l-għaqda tal-festa. Intant, il-kantina l-kbira ta' taħt il-knsija li qabel fiż-żmien laqgħet ġo fiha l-ġuvintur ta' l-Azzjoni Kattolika, tant li kien sar xogħol ta' tħaffir biex ġiet sala għall-films u drammi, bdiet tiġi mnaddfa. Għal ġranet sħaħ, il-membri tal-kumitat tal-festa, mgħejjuna mil-Prokuratur Fra Antnin Vella O.F.M. Cap. ġarrew ħafna disinji li kienu fi stat ħażin u mkissrin fejn inħarqu fil-kurutur ta' wara r-rixtelli fil-ġenb l-ieħor tal-knisja.

Wara lil ġew analizzati l-ħsarat fl-armar, saru xi tiswijiet urġenti f'xi statwi mis-Sur Nazju Cilia. Ċertu armar li ma' baqax jintrama' fit-toroq u kien għand xi ndividwi ntalbu biex jgħadduh lill-Għaqda tal-Festa. Tista' tgħid li kollha kkoperaw. Nies minn triq San Pawl bħal familja Camilleri taw il-bandalori kif għamel ukoll is-Sur Edward Gatt ta' triq il-Pitkali. Is-Sinjura Margerita Gravino tat il-lasti u l-bandalori ta' triq is-Sajjieda. L-aħwa Victor u Nazju Cilia flimkien ma' Joe Meilaq ġabu l-kanolli u pilandri mill-bokkamort f'isqaq ta' triq Sant'Antnin. Is-sinjura Emmanwela Rocco tat il-pavaljuni ta' triq l-Iskola. Oħrajn taw gmiemen, pavaljuni, pedestalli u anġli. Għalkemm dawn kienu barka, xejn ma' kienu fi stat tajjeb. Il-ftit antarjoli li kien fadal li ħafna minnhom kienu wara r-rixtellu u fil-kampnar, in-naħa ta' l-arloġġ kellhom bżonn jiġu rranġati. L-uniku armar li kien xi ftit sewwa kien dak taz-zuntier li kien jintrefa' kollu fis-sala ta' fuq is-sagristija. Għalhekk l-ispejjeż ma' kienux xi ħaġa taċ-ċajt u barra dan, riedet issir il-festa titulari b'dak kollu li titlob, dawl, nar u baned. Mill-bidu tat-twaqqif tagħha l-Għaqda tal-festa bdiet tiġi rappreżentata fil-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-parroċċa fuq inizjattiva tal-kappillan Patri Diego.[4] Saru xi regolamenti fuq statut li kien jintuża mill-kumitat ta' qabel li ġie modifikat u daħlet l-emenda li f'Novembru ssir quddiesa għall-benfatturi u dawk kollha li ħadmu għall-festa. Il-kantina nfetħet nhar il-21 ta' Settembru u tbierket mill-Kappillan. Il-membri tal-kumitat bdew jorganizzaw it-tombla fil-Jhansi Hall, fieri fiċ-Ċentru Parrokkjali bazaars u serati u drammi biex il-qliegħ imur għall-festa.

## IL-PROĠETT TA' L-ARTAL

F'Marzu ta' l-1976 tħabbar il-proġett ta' l-artal mejda fejn tneħħa l-kanċell u ressaq l-artal maġġur taħt il-kwadru titulari fil-kor. Il-membri ta' l-Għaqda tal-Festa kienu fost l-ewwel nies, u l-volontiera biex jaħdmu x-

xogħol manwali. Fost il-membri li ħadmu bis-sħiħ speċjalment fiż-żarmar u t-Trasport ta' l-artal maġġur u l-artal mejda kien hemm il-President is-Sur Ġiġi Vella u ħuħ il-Kaxxier Ġużi Vella, flimkien mal-Prokuratur Fra Antnin Vella. Għalhekk ċertu xogħol ta' manutenzjoni ta' l-armar ta' barra kellhom jieqfu u għalkemm il-proġett ta' l-artal ħa ħafna ġimgħat, kompla għaqqad bejniethom il-membri tal-festa, sabiex ikomplu jaħdmu aktar għall-parroċċa u l-festa titulari. Meta l-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi ġie jikkonsagra l-artal mejda nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju 1976, il-membri ħadu sehem attiv fiċ-ċerimonja.[5] Fit-13 ta' Ġunju ġiet iċċelebrata l-festa tat-Trinita' Qaddisa bis-sehem tal-membri tal-Għaqda tal-Festa SSma. Trinita'. Għal din il-festa ġew imżanżna settijiet ta' pavaljuni għal Toroq Sant'Antnin, Nazzarenu u SSma. Trinita'. Dawn kienu nkarigati minnhom Nazju u Victor Cilia u Joe Meilaq. Anthony Formosa ħiet il-pavaljuni u oħrajn għal trieqat u l-għolja tal-Ġiżwiti li nġabru bil-ħidma tas-Sinjorina Marianna Vassallo, waħda mill-ewwel nisa volontiera li kient tgħin lil-għaqda tal-festa. Tlestew ukoll żewġ pedestalli taz-zuntier biż-żebgħa mis-Sur Ġiġi Vella u kienu l-ewwel xogħol ta' manuntenzjoni.[6] Il-festa ta' barra bil-għajnuna t'Alla kienet suċċess u dehret iżjed organizzata. Kienu ġew mikrija l-antarjoli minn Ħal Balzan, Ħal Tarxien u tal-Gvern. Kienu ħadu sehem barra l-banda tal-Marsa, il-baned ta' San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar u San Ġorġ ta' Ħal Qormi.[7] L-uniċi toroq li sa dak iż-żmien ma' kienux fi ħdan l-għaqda tal-festa kienu triq is-Sajjieda u Triq Fra Diego. Dawn kienu bdew jieħdu ħsiebhom xi membri tal-każin tal-banda li ġabru għall-pavaljuni ġodda. Il-pavaljuni saru bil-ħidma tas-Sur Alfred Agius u tas-Sur Joe Zammit waqt li ġew meħjuta mis-Sinjorina Agnese Agius fuq tfassil ta' Patri Salv Scicluna Kapuċċin.[8]

## IL-FESTA TA' L-1977 U DIMOSTRAZZJONI BL-ISTATWA

Ġara li fil-kantina ż-żgħira bdiet titfaċċa diffikulta', dik li tintela' bl-ilma. Għalhekk ġie deċiż li jiġi trasferit kollox fil-kantina l-kbira fejn bdew isiru l-laqgħat. Saret purtiera kbira biex taqsam il-parti tal-bar u fejn isiru l-laqgħat u l-parti l-oħra biex tgħatti l-armar. Il-membri tal-festa bdew jagħtu s-sehem tagħhom fil-festi li jsiru fil-parroċċa matul is-sena. Huma bi ftehim mat-Terz Ordni Franġiskan bdew jieħdu ħsieb jerfgħu l-istatwa ta' San Franġisk t'Assisi waqt il-proċessjoni fix-xahar ta' Settembru. Fost ix-xogħol li kien jiġi pprepa-rat, bdew jinħadmu umbrelel, kpiepel, bnadar u mkatar., konness mal-brijju tal-marċi taħt it-tmexxija tas-Sur Joe Meilaq. Fil-kumitat dik il-ħabta żdiedu is-Sinjuri Renzo Saliba, Raymond Debattista u Mario Role'. Għal dik il-festa l-kumitat tal-festa ħaseb jagħmel sett ta' pavaljuni għal triq il-Farfett u pavaljuni għal triq in-Nazzarenu. Il-president, is-Sur Ġiġi Vella mgħejjun mill-membri tal-kumitat komplew il-manutenzjoni ta' l-armar taz-zuntier u l-kanolli ta' triq Sant'Antnin. [9] Għall-festa li ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 5 ta' Ġunju 1977, il-kumitat tal-festa kien ħadem pjan li nżamm b'segretezza kbira. L-ideja kienet li kif tidħol l-proċessjoni titniżżel l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa

minn fuq il-pedestall ta' pjazza Gian Franġisk Abela u ssir dimostrazzjoni bil-banda li kienet ser tagħmel għall-ewwel darba l-marċ ta' l-aħħar. Il-proposta ressaqha l-President u ġiet aċċettata uninament mill-membri kollha. L-ewwel ħaġa li sar kienet li kellha tiġi restawrata l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa. Peress li wara l-festa ta' l-1969 din l-istatwa kienet miżmuma għal xi żmien f'maħżen fi Guardamangia u iżjed tard inġiebet f'kamra ta' fuq fil-Jhansi Hall fejn il-ħsara kompliet tikber.[10] L-anġli ż-żgħar ma' kienux hemm iżjed u r-raġġiera ma' nstabitx. Għax-xogħol ta' restawr daħal għaliha Nazju Cilia, membru fil-kumitat li rranġaha u nżebgħet kollha. Instabet raġġiera oħra u f'dik il-festa reġgħet ġiet armata fil-pjazza Gian Franġisk Abela. F'jum il-Festa Titulari, il-Ħadd wara nofs inhar, l-uffiċċjali tal-kumitat ġew avviċinati mill-kappilan biex iħassru kollox, iżda huma żammew mal-proposta tagħhom.[11]

Tikkumpanja l-manifestazzjoni ġiet imqabbda l-banda ta' San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. Bdiet marċ fi triq Zerafa u x'ħin waslet fil-pjazza Gian Franġisk Abela, l-istatwa tniżżlet minn fuq il-pedestall. Biex titniżżel sar bħal taraġ mill-armar tax-xogħol tal-mużajk tas-Sur Ġużi Vella il-Kaxxier, u tpoġġiet fuq il-van tal-President is-Sur Ġiġi Vella li kien misjuq minn Gejtu Said. Bħal leħħa ta' berqa fi ftit minuti ġriet l-aħbar mal-Marsa kollha li l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa ta' "Via Marsa" nieżla bil-banda. Hekk kif waslet fi triq Balbi ħdejn il-Museum tas-subien, il-folla kibret sewwa u kulħadd infexx f'ċapċip u kant ta' l-innijiet Trinitarji. Kienu ndaqqu xi marċijiet popolari tal-banda "Holy Trinity" tal-Marsa li ġentilment silfet il-partituri. Din il-manifestazzjoni li kienet tant entużjażmata baqgħet nieżla tul triq Balbi sa triq is-Salib tal-Marsa fejn intemmet fil-bidu ta' triq is-Sajjieda ħdejn il-każin tal-banda l-qadim. Id-dimostrazzjoni bl-istatwa tmexxiet b'dinjita' u ordni u b'turija ta' ferħ ġenwin fejn kienet ta' suċċess kbir. X'ħin spiċċat l-istatwa ddaħħlet fl-oratorju mill-bieb tal-ġenb tal-knisja, in-naħa tar-rixtellu fejn illum hemm in-niċċa tal-vara titulari.[12] Dan it-tentattiv imexxa tant li ġie deċiż li jekk il-permess tal-vara titulari ma' kienx ser jiġi, il-kumitat kien bi ħsiebu li din t rrepeti ruħha kull sena. Kif għaddiet il-festa l-għada fil-għodu, il-Kappillan Patri Diego Theuma u l-Gwardjan Patri Krispin Tabone marru jkellmu lill-isqfijiet Mons. Mikiel Gonzi u Mons. Giuseppi Mercieca sabiex jinstab mezz biex tinġieb il-vara tat-Trinita' Qaddisa. Min-naħa tagħhom wegħdu li jibdew it-taħditiet mal-Vatikan biex jinġieb il-permess meħtieġ u b'hekk tkun tista' ssir il-proċessjoni bil-vara tat-Trinita'. Il-Kappillan żamm kuntatt kontinwu u nforma b'kull żvilupp lill-membri ta' l-Għaqda tal-Festa. Fil-fuljett "Il-Marsa" fix-xahar ta' Lulju 1977 deher l-ewwel darba ritratt tal-membri tal-kumitat flimkien mal-Kappillan u messaġġ mill-President tal-Festa Esterna is-Sur Ġiġi Vella. F'dan iż-żmien l-istatwi tal-Papa San Piju X u l-anġli bdew jiġu restawrati għand l-imgħallem is-Sur Antonio Zammit fil-maħżen tiegħu fl-Imqabba.





L-Istatwa ta' Triq il-Marsa fil-Knisja
u fl-ewwel purċissjoni fl-1978

## JASAL IL-PERMESS U L-FESTA SSIR BL-ISTATWA

L-Eċċellenza tiegħu Mons. Isqof Giuseppi Mercieca kiteb uffiċċjalment f'isem il-Kappillan Patri Diego Theuma lis-Sagra Congregatio pro sacramentis et cultu Divino tal-Vatikan fl-10 ta' Ottubru 1977 dwar il-problema tal-permess tal-vara titulari fil-parroċċa tal-Marsa. Fl-4 ta' Novembru 1977 inħareġ id-digriet mill-Belt Eterna tal-Vatikan fejn tfisser li min-naħa tal-Vatikan ma' kien hemm xejn kuntrarju li ssir l-istatwa ta' Tliet Persuni tas-Santissima Trinita' u tinħareġ bil-proċessjoni skond ir-regoli u l-kanoni (1295) tad-dritta Kanoniku. Id-dokument ġie ffirmat mill-Eċċ. Tiegħu l-Kardinal Virgillio Noe', Segretarju [13] Hekk kif ġie mgħarraf il-Kappillan sejjaħ lill-Kumitat tal-festa mill-ewwel biex jgħarrafhom b'din l-aħbar sabiħa. Fil-festa ta' Kristu Sultan, propju s-Sibt 19 u l-Ħadd 20 ta' Novembru, id-digriet tal-Vatikan dwar il-permess tal-Vara Titulari nqara mill-Kappillan fil-qudddies kollu. Dan intlaqa' b'ċapċip kbir f'kull quddiesa, indaqqet mota ta' ferħ mill-qniepen, saret mixgħela u ġew sparati ukoll diversi murtali. Jekk din l-aħbar kienet ta' ferħ għall-Marsin kollha, żgur kienet akbar għall-membri ta' l-Għaqda tal-Festi Estermi SSma. Trinita' li kellha parti mportanti f'din il-ġrajja tal-parroċċa.

Wara din l-aħbar ġie deċiż li tiġi restawrata mill-ġdid l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa ta' triq il-Marsa biex mill-aktar fis tinħareġ fil-Knisja Parrokkjali sakemm issir il-vara l-ġdida. Għalhekk ittieħdet l-Imqabba għand is-Sur Antonio Zammit. L-istatwa ġiet restawrata u meta nġiebet lejliet l-Għid 1978 tpoġġiet esposta fil-knisja parrokkjali fejn illum hemm in-niċċa tal-vara titulari. Fil-21 ta' Mejju 1978, ġiet iċċelebrata l-festa titulari li fiha saret bidla għaliex kienet l-ewwel festa bil-purċissjoni bl-istatwa tas-Santissima Trinita'. Lejliet il-festa saret Translazzjoni jew aħjar turija ta' ġieħ tal-fdal ta'l-għuda tas-Salib Imqaddes li bih it-Trinita' fdiet id-dinja. Iċ-ċelebrazzjoni tmexxiet mill-Arċisqof Emeritas Mons. Mikiel Gonzi [14] Din ħadet post il-purċissjoni li kienet issir qabel l-Għasar. Il-Ħadd fil-għodu wara l-kant tal-Laudi sar pontifikat Solenni mill-Abbati W.R. Don Angelo Mifsud Benedittin. Fil-għaxija nħarġet fost il-ferħ ta' kulħadd l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa bil-purċissjoni fit-toroq tal-Parroċċa.[15] L-istatwa ma' kellhiex pedestall u għalhekk sar wieħed proviżorju mill-aħwa Turner u tatha b'dekorazzjoniet tal-fjuri maħduma mis-Sur Emmanuel Vella ta' Ħaż-Żabbar. Il-bradella u l-bankun intużaw ta' San Franġisk ta' l-istess parroċċa. L-ewwel reffiegħa kienu kollha membri ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita'. Dawn kienu s-sinjuri Ġiġi Vella, Ġużi Vella, Victor Cilia, Ninu Micallef, Joe Meilaq, Nazju Cilia, Chalie Turner u Sidor Grech.[16] Saret il-konfratija bl-arma tat-Trinita' Qaddisa fuq quddiem li ġew meħjutin mis-Suor Onafria Gravino, Franġiskana mill-Marsa. Il-festa ta' l-1978 ġibdet lejha folol kbar minn Malta kollha. Fil-fuljett tal-ħarġa speċjali "Il Marsa" beda jinkiteb l-messaġġ mill-Għaqda tal-Festa.[17] Tkomplew il-pavaljuni fi triq il-Farfett u ġew restawrati bosta statwi, trofejs u pilandri.

Fl-għeluq l-għaxar snin tal-parrokat tal-Kappillan Patri Diego Theuma f'Ottubru 1978 sar programm mill-membri ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita'. Wara t-tberik tal-lokal li kien irranġat, saru diskorsi mill-President is-Sur Ġiġi Vella u l-Kappillan Patri Diego Theuma. Ingaħtaw rigali lill-Kappillan u lill-Kunsill Parrokkjali, għall-ispejjeż tal-festa li saret f'ġiehu fil-parroċċa. Wara sar riċeviment għall-membri kollha.[18] Il-festa ta' 1979 ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 10 ta' Ġunju. Nafu mir-rendikont li l-festa ta' barra swiet 1876 lira u 58 ċenteżmu. Dawn intefqu f'dawl, logħob tan-nar ta' l-art, murtali u kaxxi nfernali, baned, pavaljuni ġodda u permessi. L-Għaqda ħallset l-aħar dejn tal-pavaljuni ta' qabel li kien ta' 110 liri.[19] Il-purċissjoni tal-festa saret bħas-sena ta' qabel bl-istatwa tat-Trinita' Qaddisa ta' triq il-Marsa, għaliex il-vara titulari kienet għadha qed tiġi skolpita fl-injam l-Italja.

---

1 Il-Marsa - Awissu 1975
2 Il-Marsa - Awissu 1975 u minuti tas-seduta 10-7-75.
3 Minuti tas-seduta 10-7-75.
4 Il-Marsa - Frar 1976
5 Il-Marsa - Ġunju 1976
6 Il-Marsa - Lulju 1976.
7 Il-Marsa Programm tal-Festa 1976.
8 Il-Marsa - Lulju 1976.
9 Il-Marsa - Ġunju 1977.
10 Il-Marsa - Ġunju 1998.
11 Il-Marsa - Ġunju 1998.
12 Il-Marsa - Ġunju 1998.
13 Dokument tal-permess tal-vara 4-11-1977.
14 Programm tal-Festa 1978.
15 Programm tal-Festa 1978.
16 Il-Marsa - Ġunju/Lulju 1998.
17 Programm tal-Festa 1978.
18 Minuti tas-seduta Ottubru 1978.
19 Rendikont tal-festa pubblikament fil-"Il Marsa" 1979.

# IL-MIĠJA TAL-VARA TITULARI U L-FESTI TA' WARA

Is-sena 1979 kienet sena speċjali għall-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita'. Fiha sar ħafna xogħol bla serħan mhux biss għall-festa li ġiet iċċelebrata fl-10 ta' Ġunju, imma bi tħejjijiet għall-wasla tal-vara titulari li kienet qed tiġi skolpitha fl-Italja. Kif għaddiet il-festa, l-attenzjoni speċjali nxteħtet kollha fuq il-festa tal-miġja tal-vara hekk kif din kellha tasal fix-xatt u l-parroċċa tal-Marsa. Il-kumitat tal-Festi Esterni SSma. Trinita' kien iffurmat hekk: Chairman Ex-Officcio - Patri Diego Theuma Kapuċċin, il-Prokuratur Fra Antnin Vella - Kapuċċin, President - is-Sur Ġiġi Vella, Viċi President - is-Sur Charlie Turner, Segretarju - is-Sur Pawlu Dimech, Ass. Segretarju - is-Sur Victor Cilia, Kaxxier - is-Sur Ġużi Vella, Ass. Kaxxier - Is-Sur Chalie Farrugia u l-Membri Sinjuri: Sidor Grech, Joe Meilaq, Joe Debrincat, Pawlu Farrugia.[1] Ġie mwaqqaf sott-kumitat għall-wasla tal-vara mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali, li fih bdew jipparteċipaw il-President u s-Segretarju tal-Għaqda tal-Festa.[2] F'Settembru 1979 saret laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali San Piju X għad-diriġenti ta' l-għaqdiet fuq studju dwar l-aspetti tal-parroċċa li tmexxiet mill-Kappillan. Kien f'din il-laqgħa li l-membri tal-festa ressqu suġġeriment f'isem l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' sabiex jsiru t-tliet Ħamisijiet qabel il-ġimgħa tal-festa. Dan is-suġġeriment ġie milqugħ mill-Kappillan u dawk preżenti.

## IL-WASLA TAL-VARA

Wara tant stennija u taqtiegħ il-qalb fuq il-ġurnata eżatta tal-wasla tal-vara li kellu saħansitra l-programm jimxi ġimgħa lura, wasal il-jum. Il-vara waslet nhar it-Tlieta 23 ta' Ottubru 1979 fuq il-vapur "Malta Express" f'żewġ containers orangio bin-numri 251 u 371, fejn tniżżlu fix-xatt tal-Marsa. Il-kaxxi ġarrewhom Joe Mercieca membru ta' l-Għaqda u l-familjari tiegħu bit-trakk li jġib l-isem "Trinita". Dawn inżammu fil-maħżen ta' l-inbid ta' Velsons tas-Sur Michael Vella, benefattur ta' l-għaqda (fix-xatt ' Pinto, fil-Marsa).[3] Il-membri tal-festa kienu fost l-ewlenin li għenu f'dan ix-xogħol u fil-ftuħ tal-kaxxi. Ħaġa ta' nteress kienet li meta bdew jinfetħu l-kaxxi ġie nnotat li l-id il-Missier ma' kienitx fil-post. Għall-ewwel ħasbu li ġrat xi ħsara, għax instabet fil-ġenb tal-kaxxa, imma malajr indunaw, li fil-fatt qalgħuha d-ditta biex ma' tinkisirx u ħallewlha l-post fejn teħel. Il-Ħamis 25 ta' Ottubru l-gżejjer Maltin intlaqtu minn maltempata qawwija li baqgħet tkarkar sal-Ġimgħa. Imma s-Sibt 27 ta' Ottubu sebaħ jum ċar. Din il-ġurnata tibqa' memorabli għaliex fiha l-vara ġiet imdawwra mat-toroq prinċipali tal-parroċċa b'dimostrazzjoni kbira. Il-festi bdew wara nofs inhar b'ġostra minn fuq il-barkun fil-Menqa l-Marsa. Għal xi l-4.00 bdiet id-dimostrazzjoni mix-xatt ta' Pinto akkumpanjata mill-banda ta' l-iscouts tal-Marsa. Peress li l-baħar kien qawwi, il-barkun li kellha






## Il-Miġja tal-Vara Titulari fl-1979

tiġi fuqha u d-dgħajjes tar-Regatta ma' setgħux jieħdu sehem. Hekk kif waslet il-vara l-Menqa sabet tistennieha folla numeruża ta' nies li diffiċli tispjega l-entużjażmu u x-xeni ta' ferħ flimkien maċ-ċapċip kontinwu li komplew madwar it-toroq. Fit-triq is-Sajjieda l-vara sabet tistennieha l-banda "Holy Trinity", li għal dik l-okkażjoni daqqet bla ħlas. Mill-gallarija u l-bjut im żejjna bdiet nieżla xita ta' ward u bosta toroq u għaqdiet ppreżentaw buketti ta' fjuri. Ma' jistax jonqos, fost l-ewwel kien hemm dak tal-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita.

L-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' kellha sehem importanti f'dawn il-festi mhux għaliex f'idejha ġew afdati x-xogħolijiet u l-preparamenti kollha neċessarji, iżda billi żejjnu bid-dawl it-toroq prinċipali. Saru bosta dis-inji u kartelluni kbar f'diversi toroq bi kliem ta' merħba u tifħir lit-Tliet Persuni f'Alla Wieħed. Mal-faċċata tal-knisja mżejjna għal din l-okkażjoni, il-membri ħadmu żewġ tabelli kbar biex ifakkru din il-ġrajja li twaħħlu taħt iż-żewġ twieqi. Fil-ħoġor tal-bjut, tal-knisja, djar, każini u postijiet oħra tpoġġew mijiet ta' fjakkli maħdumin u mqassmin mill-membri ta' l-Għaqda tal-Festa. Il-fakkolata kienet verament spettakolari. Barra l-ħafna suffarelli ta' kull tip f'idejn il-miġemgħa li tqassmu mill-membri ta' l-Għaqda, sar spettaklu tal-logħob tan-nar, kaxxi nfernali, murtali u ġiġġifogu. Mal-wasla tal-vara titulari fit-tempju lilHa dedikata sar diskors mill-Kappillan Patri Diego Theuma O.F.M. Cap, fejn ma' naqasx li jirringrazzja u jfaħħar lill-poplu kollu tal-Marsa b'mod speċjali lill-Għaqda tal-festi SSma. Trinita' tax-xogħol siewi f'din il-festa. Il-vara tmexxiet fuq karru miġbud bil-ħbula minn Marsin u daħħlet il-knisja merfugħa mill-membri tal-kumitat ta' l-Għaqda tal-Festa. Il-ġimgħa tkompliet b'bosta attivitajiet u s-Sibt 3 ta' Novembru fil-għaxija sar it-tberik tagħha. Il-vara merfugħa fuq l-ispallejn mill-membri ta' l-Għaqda ħarġet fuq iz-zuntier, fejn wara ddiskors mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi, bierek il-vara fost il-ferħ tal-folla miġbura, l-isparar tal-murtali u daqq tal-qniepen.[4] Bla dubju ta' xejn, din il-ġrajja tibqa' mfakkra b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' li tant kellha sehem qawwi fit-twettiq tagħha.

## STATUT ĠDID GĦALL-GĦAQDA

Nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 1979, ġie deċiż li jsir statut ġdid u aġġornat mill-wieħed li kien hemm qabel. Fit-30 ta' Novembru ġie mgħoddi mill-kumitat flimkien mal-Kappillan. Il-Ħadd 9 ta' Diċembru 1979 kienet ġurnata oħra mportanti għall-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' peress li ssejjħet laqgħa Staordinarja Ġenerali, biex jiġi approvat l-istatut il-ġdid ta' l-Għaqda. Għal din il-laqgħa kienu presenti l-Kappillan Patri Diego Theuma Kapuċċin, il-Prokuratur Fra Antnin Vella, Kapuċċin u 32 membru. Fil-laqgħa ġie approvat l-istatut il-ġdid li fih ġie kkonfermat li l-isem uffiċċjali għandu jkun "Għaqda tal-Festi Esterni Santissima Trinita', Marsa". Dan għaliex ħafna baqgħu isejħu lill-Għaqda tal-Festa "Kumitat".[5] Fost l-emendi mportanti fl-istatut tniżżel li



**Il-Kumitat tal-Għaqda meta ġiet il-vara fl-1979**

għalkemm il-vara titulari taqa' taħt il-kappillan, il-preferenza għar-refffiegħa tagħha għandhom ikunu l-membri kollha ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' u jkunu responsabbli mill-armar u żarmar tagħha.[6] Wara li l-istatut ġie ffirmat mill-Kappillan u l-uffiċċjali tal-kumitat ta' l-Għaqda, ġie mifthiem li jintbgħat lill-membri kollha, kif fil-fatt sar. F'din il-laqgħa Straordinarja Ġenerali tniżżel fl-istatut li l-Għaqda tal-festa kellha r-responsabbilta' kollha li tieħu ħsieb l-armar tat-toroq, il-logħob tan-nar u l-baned, fil-festa titulari tat-Trinita' Qaddisa u festi oħra bħall-festa ta' San Franġisk.

Fl-1979 ġiet irrestawrata l-istatwa ta' Malta Rebbieħa wara li ġarrbet ħsarat meta ssellfet biex tintrama fil-gallerija tal-Każin tal-Banda f'Jum il-Ħelsien fil-31 ta' Marzu. L-ispejjes inqasmu bejn iż-żewġ kumitati, dak tal-Festa u tal-Każin tal-Banda. Ix-xogħol sar minn Anthony Zammit fl-Imqabba. Fil-Milied 1979 ġiet imżejjna t-Triq Balbi b'dawl u b'disinji ta' fanali, xemgħat u qniepen. Ix-xogħol kollu sar mill-membri volontarjament sabiex tinħoloq atmosfera f'dawn il-granet tal-Milied. Din ġiet milqugħa tajjeb mill-Marsin.

Fis-sena 1980 sar xogħol estensiv fil-lokal tal-festa taħt il-knisja. Bil-boards li kienu użati għall-miġja tal-vara, inħadem uffiċċju ġdid, ħalli jservi għal-laqgħat tal-kumitat.[7] It-taraġ sar bil-mużajk mill-aħwa Ġużi u Ġiġi Vella u tpoġġa poġġaman ġdid, kif ukoll saret sistema ta' dawl ġdid. Fl-aħħar rixtellu sar taraġ tal-ġebel biex jitniżżel u jitla' l-armar minnhu, peress li qabel kien hemm it-taraġ li kien tal-pulptu tal-knisja. Mill-injam tal-kaxxi li fih ġiet il-vara titulari nħaddmu tliet pedestalli ġodda għal quddiem il-knisja u saru mill-aħwa Chalie u Tony Turner. Sar restawr tal-pedestall tat-Trinita' Qaddisa tal-pjazza Gian Franġisk Abela. F'dik is-sena seta' jiġi armat fejn kien qabel għaliex il-vara titulari waslet u l-istatwa tat-Trinita' reġgħet sabet postha f'armar tal-festa ta' barra. Ix-xogħol fl-injam tar-restawrar sar mis-Sur Chalie Turner u ż-żebgħa mis-Sur Ġiġi Vella u l-membri l-oħra.

Fil-festa ta' l-1980 saru sett bandalori għal ħdejn iż-żona tal-bini tal-gvern u permezz tal-kaxxier is-Sur Ġużi Vella, beda jsib diversi benefatturi biex isiru sett pavaljuni ġodda għal Triq il-Marsa meħjuta mis-Sur Anthony Formosa.[8] Is-Sinjorina Ċetta Bugeja li kienet benefattura kbira ta' l-Għaqda tal-festa fil-ħdima tal-liedna tal-karti, ġabret għal pavaljun ieħor għal Triq Zerafa. Is-Sur Pietru Debrincat mas-Sur Carmelo Ellul kienu benefatturi oħra fix-xogħol tal-ħidma tal-liedna tal-karti għd-disinji. Fi Triq SSma. Trinita' kienu saru pavaljuni ġodda fuq disinn tas-Sur Mikiel Saliba u meħjuta mis-Sinjura Connie Cilia. Fi Triq Balbi nħadmu disinji tal-karti mis-Sur Alfred Spiteri u Chalie Farrugia fuq disinn tas-Sur Ġiġi Vella. Fil-festa ta' l-1980 beda jsir il-marċ tal-Ħamis u l-ewwel darba għamlitu l-banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ. Fil-festa barra l-banda tat-Trinita' tal-Marsa ħadu sehem il-baned San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, San Gabriel ta' Ħal Balzan, Santa Katarina taż-Żurrieq, San Ġorġ ta' Ħal Qormi u l-banda Filarmonika "La Vallette".[9] Il-banda "La Vallette" tħallset mill-benfattur is-Sur Chalie Ciscaldi li kien

membru fl-Għaqda tal-festa. Kienet f'din il-festa titulari li nħarġet proċessjnalment il-vara l-ġdida għall-ewwel darba minn meta nġiebet mill-Italja. Il-vara li hija ta' l-injam maħduma f'Ortesi Balzano l-Italja, ħadet post l-oħra tal-kartapesta, li ġa semmejna fuqha qabel. Saru festi kbar bi spettakklu tal-logħob tan-nar, u l-vara ntrefgħet mill-membri ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita', kif sar dejjem minn mindu ġiet sal-lum.

## IL-POST TAL-FESTA JIĠI RRANĠAT U L-HIDMA TKOMPLI

Fil-jiem tas-sajf il-post tal-festa tkompla jiġi rranġat billi sar bar ġdid tal-ġebel u nxtraw l-imwejjed u siġġijiet. Fix-xogħol tal-bar ħadmu l-membri Ninu Micallef, Ġużi Vella, Chalie Turner, Joe Meilaq u Fra Antnin Vella, Kapuċċin. Martin Agius ħadem il-banketti, waqt li Alfred Spiteri għamel il-vetrina. Fost il-benefatturi nsibu lis-Sur Ġorġ Borġ li offra l-ġebel, lis-Sur Joe Portelli li offra l-measures u lis-Sur Mikiel Vella li offra l-injam. Il-bar kuen iffrekwentat mill-ħafna membri ta' l-Għaqda mhux biss fost il-ġimgħa, iżda fil-Ħdud u l-festi. It-tmexxija tiegħu ġiet afdata lis-Sur Ġużi Vella u s-Sur Chalie Turner, mgħejjuna mill-membri tal-Kumitat. Il-bar kellu bosta benefatturi, fosthom is-Sinjuri Chalie Debattista, Chalie Farrugia, Carol Baldacchino u Joseph Saliba.[10] Barra l-mistrieħ onest , dan kien iservi wkoll għall-festa titulari. Is-Sibt tul is-sena bdiet issir it-tombla u jiġu organizzati bosta attivitajiet bħal bazaars, tombla u wine & pizza parties . Fil-Milied tkompla jiżdied it-tiżjin fi Triq Balbi, fejn saru sett stilel li ġew maħduma minn Chalie Turner u d-dawl minn Victor Cilia u Chalie Farrugia u beda jsir il-party għat-tfal tal-membri, fil-waqt li fil-post tal-festa ntrama prespju kbir.

Il-Ħadd 8 ta' Frar 1981 b'rikonoxxenza tal-ħidma tal-Prokuratur Fra Antnin Vella Kapuċċin li ċċelebra l-festa tal-25 sena mill-professjoni solenni fi ħdan l-ordni Franġiskan sar festin f'ġieħu mill-membri kollha tal-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' u familjari tiegħu.[11] L-Għaqda dik is-sena kellha miktuba 55 membru u kienu saru tliet Laqgħat Ġenerali. Hawn ta' min isemmi li fl-10 ta' Marzu 1981 kienu mietu b'disgrazzja żewġ membri benefatturi ta' l-Għaqda s-Sur Salvu Bezzina u Leli Travesian li rregala l-karru ta' taħt il-vara titulari tat-Trinita' Qaddisa. Il-festi f'pajjiżna dik il-ħabta kienu saru fuqhom restrizzjonijiet mill-awtoritajiet ċivili. Biex l-Għaqda kellha tkompli tiġbor għall-festa kellha tiġi mogħtija l-permess tal-pulizija tħat il-kundizzjonijiet imsemmija fl-att ta' l-1979. L-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' kellha dak iż-żmien 15-il kollettur bl-ikbar wieħed is-Sur Lorenzo Cachia ta' 78 sena li kien jiġbor l-arbural tax-xatt.[12] Hekk ukoll fir-rigward tal-logħob tan-nar saru restrizzjonijiet fuq il-materjal u fejn jinħaraq b'konsegwenza li kien hawn nuqqas ta' materjal biex b'hekk sal-festa titulari tat-Trinita' Qaddisa fil-Marsa li tiġi waħda mill-ewwel festi, l-ordni tan-nar ma' tlestietx kollha. Il-kuntrattur tad-dawl tat-toroq dik il-ħabta kien is-Sur Mifsud u l-imgħallem kien is-Sur Ġużi Arnold mill-Marsa. Il-prezz kien ta' 17-il ċenteżmu l-bozza. Biex jinġabru l-fondi bdew isiru attivitajiet bħal drammi fil-Jhansi Hall mill-

kumpnija 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ u ikliet organizzati mis-Sur Ġużi Vella u s-Sur Joe Gatt. Xogħol kbir li kien isir huwa dak ta' l-iċċumbar tal-wires tal-pavaljuni. Għal dan ix-xogħol insibu lis-Sur Pietru Debrincat ta' Triq Azzopardi li kellu ħila kbira f'din is-sengħa u għal tant snin ħadem tista' tgħid it-toroq kollha tal-parroċċa tagħna.

Fil-festa ta' l-14 ta' Ġunju 1981 fil-waqt li nżammu l-istess baned ta' qabel, kien sar marċ għall-ewwel darba fl-ewwel jiem tat-Tridu l-Erbgħa 10 ta' Ġunju mill-Banda Trinita' Qaddisa tal-Marsa. Dan sar peress li l-Awtoritajiet Ċivili ħarġu direttiva li l-baned idoqqu mit-Tnejn tal-festa tul dik il-ġimgħa biss. B'hekk ma' setgħux idoqqu fil-ħruġ tal-vara min-niċċa s-Sibt 6 ta' Ġunju. Għal din il-festa ħadet sehem għall-ewwel darba l-banda tal-Girl Guides tal-Marsa wara li tbierku l-istrumenti mużikali mill-Kappillan Patri Diego Theuma Kapuċċin. Iżżanżnu diversi pavaljuni ġodda bit-tħabrik tal-membri ta' l-Għaqda tal-festa, fosthom fi Triq l-Iskola u fi Triq is-Salib tal-Marsa, meħjutin minn Toni Formosa u miġbura minn Pawlu Dimech, Chalie Turner u Alfred Falzon. It-toroq ġew dekorati b'disinji sbieħ bħal Triq Zerafa fuq disinn tas-Sur Mikiel Saliba u maħdumin mis-Sinjuri Sidor Grech u Dione Cefai. Dawk ta' Triq SSma. Trinita' nħadmu mis-Sinjuri Victor Cilia u Joe Meilaq. Il-festa ta' dik is-sena qamet Lm2,217,45c.[13] Il-membri tal-Għaqda bdew jerfgħu l-baldakkin fil-purċissjoni ta' Corpus Christi u ħafna drabi kienu l-istess reffiegħa tal-vara titulari.

## JINĦATAR IT-TIENI PRESIDENT TA' L-GĦAQDA

Fl-24 ta' Lulju 1981 ħa r-responsabbilita' tat-tieni President ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita', is-Sur Chalie Borg, filwaqt li s-Sur Victor Cilia laħaq Segretarju u s-Sur Martin Agius ħa l-kariga ta' Assistant Kaxxier. Is-Sur Joseph Attard kien Assistant Segretarju u Viċi-President is-Sur Chalie Turner, waqt li s-Sur Dione Cefai, Pawlu Dimech u Joe Meilaq kienu membri. Il-Kaxxier baqa' is-Sur Ġużi Vella .[14] Fis-seduta tat-2 ta' Frar 1982 il-Kaxxier irreżenja minħabba raġunijiet personali u għalhekk is-Sur Martin Agius inħatar Kaxxier u Pawlu Dimech Assistent Kaxxier.

Il-Ħadd 6 ta' Ġunju 1982 ġiet iċċelebrata l-festa titulari fejn ġie mżanżan l-Innu lit-Trinita' Qaddisa biex jitkanta fil-ħruġ u d-dħul tal-vara mill-knisja parrokkjali,waqt il-proċessjoni biex din tinżamm dejjem devota. Il-versi nkitbu mill-Poeta Marsi Dun Frans Camilleri u s-Surmast Philip Gatt ikkompona l-mużika tiegħu. Il-kor parrokkjali tal-parroċċa SSma. Trinita' tal-Marsa tgħallem dan l-innu u ndaqq l-ewwel darba fil-ħruġ tal-vara min-niċċa s-Sibt 29 ta' Mejju 1982. F'din il-festa barra l-baned tat-Tridijiet ħadu sehem tliet baned is-Sibt u tlieta oħra fil-għaxija. Il-festa ta' barra qamet Lm3,225,85c.[15] Sar xogħol ta' restawr fuq l-antarjoli, statwi, pedestalli u pilandri mis-Sinjuri Chalie Turner, Joe Meilaq, Nazju Cilia u membri oħra volontiera. Saru bosta disinji ġodda għal Toroq ta' Balbi, Zerafa, SSma. Trinita' u Triq l-Marsa fuq

disinn tas-Sur Mikiel Saliba. Inħietu sett bandalori ġodda mis-Sur Toni Formosa fuq disinn u xogħol tas-Sur Louis Attard u martu Mary. Is-Sur Martin Agius ħadem il-karru tal-ħadid biex jintrema l-armar ta' disinji tal-karti flok il-karru ta' l-injam li kien hemm qabel li kien tant diffiċli biex jinġarr. Il-karru l-ġdid qam Lm112,70c barra x-xogħol kollu li sar bla ħlas.[16]

Fis-sena 1982 bdew it-taħditiet mill-membri ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' mal-Kappillan tal-parroċċa ta' San Sebastjan ta' Ħal Qormi għal xiri ta' l-istatwa ta' Kristu Rxoxt. Dan seħħ fuq inizjattiva tal-membru ta' l-Għaqda s-Sur Chalie Debattista ta' Triq is-Salib tal-Marsa. Huwa kien li ħajjar xi membri tal-Kumitat biex flimkien jikkuntattjaw lill-Kappillan Dun Vincenz Deguara. L-istatwa ta' l-Irxoxt u żewġ suldati Rumani nxtraw għas-somma ta' Lm220. Dawn il-flus inġabru fil-post ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' bejn il-membri ta' l-istess Għaqda. L-istatwa wara ġiet irranġata mill-istatwarju Alfred Camilleri Cauchi u ġiet preżentata lill-Kappillan Patri Diego Theuma f'lejliet l-Għid il-Kbir ta' l-1983. Huma wrew ix-xewqa li din tinħareġ bil-proċessjoni, liema permess qatt ma' ġie approvat mill-awtoritajiet Ekkleżjastiċi.[17]

Fis-seduta tat-12 ta' Lulju 1982 is-Sur Joseph Meilaq laħaq Viċi-President, is-Sur Chalie Turner Kaxxier, is-Sur Dione Cefai Assistant Kaxxier u żdiedu l-membri fil-Kumitat is-Sinjuri Nenu Micallef, Joeph Mercieca, Raymond Debattista u Pawlu Farrugia. Kien f'din is-seduta li twaqqfu s-solti kummissjonijiet tal-baned u logħob tan-nar.[18] Il-festa titulari ġiet iċċelebrata fid-29 ta' Mejju 1983 b'festi li jfakkru s-sebgħin sena tat-twaqqif tal-parroċċa tal-Marsa. Għal din l-okkażjoni saru festi speċjali u l-membri tal-Kumitat al-Festa kienu jiffurmaw parti mill-Kumitat apposta li twaqqaf biex tfakkar din il-ġrajja. Kien tkompla x-xogħol ta' restawr f'armar u nġiebet il-Banda "King's Own" tal-Belt Valletta, fost il-baned l-oħra.[19] Wara dik il-festa ta' 1983 kien spiċċa mill-Kappillan Patri Diego Theum O,F,M, Kap. Fil-parroċċa kienu saru festi speċjali bħala ringrazzjament. Il-Għaqda tal-Festa kienet minn ta' l-ewwel li tat is-sehem f'dawn il-festi u sar festin f'ġiehu. Huwa ngħata Kalċi mill-parroċċa fejn l-Għaqda tat is-sehem tagħha għal dan ir-rigal ta' tifkira. Il-Kappillan il-ġdid laħaq Patri Dumink Mangani O.F.M. Kap. Il-Kappillan il-ġdid kien talab lill-istess Kumitat biex ikompli jieħu ħsieb it-tħejjija għall-festa li ġejja fl-ewwel laqgħa tiegħu mal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis 18 ta Awissu 1983. Għall-festa ta' l-1984, il-membri ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' ħadmet bis-sħiħ ħalli jsiru sett ta' pavaljuni ġodda għal Triq Balbi meħjuta minn Toni Formosa u mpittra minn Patri Guido Scicluna O.F.M. Cap Saru sett ta' erba' bandalori għaz-zuntier, xogħol is-Sinjuri Mary u Louis Attard, kif ukoll żewġ bandalori ħdejn il-Papa meħjuta minn Doris Cefai u mpittra minn Mikiel Saliba. Inħadmu sett bandalori kbar għall-pjazza tal-knisja, disinn ta' Mikiel Saliba, ħjata ta' Annie Pisani u mpittra minn L. Azzopardi. Josephine Turner ħadmet sett ta' bandalori għal Triq is-Salib u Lukarda Micallef ħietet il-bandalori tat-trofejs il-kbar u ż-żgħar saru minn Doris Cefai. Barra dan ix-xogħol kollu sar restawr fi statwi u armar ieħor.[20]

## JILĦAQ IT-TIELET PRESIDENT U JITKOMPLA L-ARMAR

Għall-festa ta' l-1985 il-logħob tan-nar inħadem fil-fabbrika ta' San Gabriel ta' Ħal Balzan li għal snin twal damet taħdem hi n-nar għall-festa titulari tat-Trinita' Qaddisa kif ukoll mill-fabbrika ta' Santa Marija tal-Qrendi. Fil-festa tat-2 ta' Ġunju 1985 iżżanżnu sett pavaljuni għal Triq il-Pitkali disinn ta' P. Guido Scicluna O.F.M. Cap u meħjuta minn Toni Formosa kif ukoll żewġ settijiet ta' pavaljuni għal Triq l-Iskola disinn ta' ħjata ta' Louis u Mary Attard u l-ieħor għal Triq Migiani disinn ta' Victor Cilia u ħjata ta' Connie Cilia.[21] Tkompla bħal dejjem xogħol ta' restawr u deheru l-ewwel darba souvenirs u key chains bħala rikordju tal-festa.[22] Fil-post ta' l-Għaqda nsibu li nkixfet irħama li tfakkar il-presidenti ta' l-Għaqda. Wara l-festa ta' l-1985 fis-seduta tal-Kumitat ta' nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju inħatar it-tielet President ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma' Trinita' li kien is-Sur Joe Meilaq. Il-Kumitat kien kompost minn dawn is-Sinjuri: Viċi President Spiridione Cefai, Segretarju Nazju Cilia, Ass. Segretarju Louis Attard, Kaxxier Chalie Turner, Ass. Kaxxier Joe Mercieca u l-membri Chalie Borg, Pawlu Farrugia, Joseph Micallef u David Aquilina.[23] Nhar is-Sibt 28 ta' Settembru lejliet il-festa ta' San Franġisk fil-post tal-festa saret laqgħa għall-membri biex tfakkar l-għeluq l-għaxar snin ta' l-Għaqda tal-Festa.[24] Il-membri tal-Kumitat flimkien mal-volontiera u kolletturi tal-ġbir mit-toroq komplew jaħdmu bla serħan għall-festa tat-25 ta' Mejju 1986. Iżżanżnu sett ta' pavaljuni għal Triq Zerafa flok dawk li saru qabel. Dawn il-pavaljuni biex saru ntużaw 760 metru drapp barra l-frenza qamu fuq elf lira. Il-pavaljuni nħietu mis-Sur Tonu Formosa u Annie Pisani ta' Unjoni Karmelitani Terzjana fuq disinn tas-Sur Mikiel Saliba. Il-pittura tal-pendenti tpittret minn Patri Mario Azzopardi Kapuċċin u l-armi tan-nofs tpittru mis-Sur Anthony Azzopardi, waqt li x-xogħol ta' labardi sar minn David Aquilina. Tkompla xogħol fuq pavaljuni ta' Triq l-Iskola u Triq Miggiani minn Mary u Louis Attard u Nazju Cilia rispettivament. Sar restawrar ta' diversi pilandri mill-membri tal-Kumitat.[25] Il-festa ta' l-1986 għaddiet u fil-Kumitat ta' l-Għaqda laħaq is-Sur Dione Cefai bħala Segretarju u Viċi President is-Sur Pawlu Farrugia , waqt li bħala membri żdiedu Raymond Camilleri, Paul Mifsud, Carmelo Ellul, Emmanuel Felice, Alfred Falzon u Joe Attard.[26]

## L-ARMA TA' L-GĦAQDA

Fil-festa ta' l-1987 li ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 14 ta' Ġunju nħareġ għall-ewwel darba l-fuljett speċjali ta' "Il-Marsa" b'stampa tal-faċċata bil-kulur u nġiebet il-vara titulari armata fil-Knisja Parrokkjali. Dan seħħ bil-ħidma tal-membri tal-Kumitat tal-festa f'kollaborazzjoni ma' l-Editur ta' "Il Marsa", is-Sur Teddy J. Farrugia u l-Kappillan Patri Dumink Mangani Kapuċċin. Il-ktieb beda jiġi ppresentat bħala l-ktieb tal-festa titualri. Fl-ewwel paġna tiegħu deher ir-ritratt tal-Kumitat ta' l-Għaqda Festi Esterni

SSma. Trinita' 1986/87 u warajh tidher l-arma l-ġdida tal-Kumitat. L-arma tikkonsisti f'tarka safra li fuha hemm l-għajn tat-Trinita' bi triangolu mdawwar bis-serp fuq salib aħmar u blu, il-kuluri Trinitaji fuq sfond abjad. L'isfel hemm faxxi ħomor u blu, waqt li fil-ġenb ħirġin erba' bnadar li jirrappreżentaw il-fidi bis-salib abjad fuq l-aħmar, il-Marsa bil-kulur aħmar u blu, lil Malta bil-kulur aħmar u abjad u l-Vatikan (lill-Papa) bil-kuluri abjad u isfar. Fin-naħa ta' isfel ħierġa palma u żebbuġa li jfissru l-glorja ta' l-Għaqda u l-ħidma fis-sliem għall-Glorja tat-Trinita' Qaddisa. L-arma hija ddisinjata mis-Sur Louis Attard membru ta' l-Għaqda u fil-kumitat fiż-żmien li saret.[27] Din aktar tard ġiet ftit modifikata mis-Sur Silvio Pace minn Ħal Qormi. L-arma ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' Marsa kienet ilha tinħass mill-ewwel Kumitat, tant li kienet saret waħda mill-ewwel president is-Sur Ġiġi Vella li kienet tikkonsisti fi triangolu b'għajn tat-Trinita' n-naħa ta' fuq tagħha mpoġġija fuq tarka forma ta' bandalora maqsuma fi tnejn. Fuq isfel, sellun tiela' u n-nofs l-ieħor murtal tal-kulur, warajhom ħierġin żewġ bandieri, waħda tal-Marsa ħamra u blu u l-oħra ta' Malta bajda u ħamra, bil-faxxa taħt li fuqha kellha "Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trnita' Marsa". Għall-festa dik is-sena żżanżnu sett pavaljuni għal Triq il-Farfett, fuq disinjn tas-Sur Mikiel Saliba, ħjata ta' Annie Pisani u pittura ta' Nenu Azzopardi. Inxtraw erbatax-il antarjola kbira ta' l-injam għal quddiem il-knisja u saru labardi bl-arma tat-Trinita' Qaddisa minn David Aquilina. Tkompliet il-ħidma ta' restawr mill-membri Paul Mifsud, Raymond Camilleri, David Aquilina u Emmanuel Felice.[28]

---

1 Il-Kumitat ġie maħtur fl-elezzjoni li saret fost il-membri ta' l-Għaqda f'Laqgħa Ġenerali nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju li tmexxiet mill-Kappillan. L-ewwel seduta tal-Kumitat saret it-Tnejn 16 ta' Lulju 1979. (mill-minuti).

2 Mill-minuti tas-seduta 16-7-79

3 Mill-minuti tas-seduta 22-10-79

4 "Il-Marsa", Diċembru 1979 - Ottubru 1999.

5 Mill-minuti tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja 9-12-79.

6 Mill-minuti tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja 9-12-79.

7 Fis-seduta tad-9 ta' Novembru 1979 ġie deċiż li jsir uffiċċju u fl-istess ħin kamra tal-kumitat.

8 "Il-Marsa", Mejju 1980.

9 Programm Festa, Mejju 1980 u Rapport Ġenerali 1979/80.

10 Tagħrif meħud mir-Rapport Ġenerali u l-minuti tal-Kumitat.

11 Mill-minuti tas-seduta 28-1-81 (festin f'ġieh Fra Antnin).

12 Mir-Rapport Annwali 1980/81 fil-Laqgħa Ġenerali 19-7-81.

13 Mir-Rendikont Finanzjarju 1981.

14 Mill-minuti tas-seduta 24-7-81.

15 Rendikont finanzjarju. "Il Marsa", Awissu 1982.

16 Rendikont finanzjarju. "Il Marsa", Awissu 1982.
17 "Il Marsa" April 1999.
18 Mill-minuti tas-seduta 12-7-1982.
19 Programm Festa1983.
20 "Il-Marsa" Ġunju 1984.
21 "Il Marsa", Mejju 1985.
22 Mill-minuti tas-seduta 18-4-1985.
23 Mil-minuti tas-seduta 11-7-1985.
24 Mill-minuti tas-seduta 6-8-1985.
25 "Il Marsa" Mejju 1986.
26 Mill-minuti tas-seduta 22-7-1986.
27 Mill-minuti tas-seduta 8-9-1986 u 2-10-1986.
28 "Il Marsa" Ġunju 1987.



**Il-Vara toħroġ fil-purċissjoni fl-1980**







## Il-kaxxi tal-Monument Balbi
## u l-festi tal-75 Sena mit-twaqqif tal-Parroċċa fl-1988

# IL-FESTI TAL-75 SENA U L-ĦEĠĠA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Wara l-Laqgħa Ġenerali li saret il-Ħamis 30 ta' Lulju 1987 laħaq ir-raba' President ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni, is-Sur Emmanuel Felice.[1] Kariga li għadu jokkupa sal-lum, Viċi-President ġie maħtur is-Sur David Aquilina. Fost l-attivitajiet li bdew jiġu organnizzati fis-sajf insibu l-ħarġiet għall-festi bħal Santa Marija, il-Vittorja u oħrajn. Ma' dawn żdiedu il-"Coffee Mornings" u l-"High Teas". Dawn setgħu jsiru bil-ħidma ta' volontiera nisa li kienu Carmen Borg, Doris Bonnici, Josephine Bugeja u Rita Busuttil.[2]

## SEHEM L-GĦAQDA FIL-FESTI, 75

Nhar il-Ġimgħa 30 ta' Jannar 1987 iltaqa' l-ewwel darba il-Kumitat Festi Esterni 75 fiċ-Ċentru Parrokkjali San Piju X. L-iskop tiegħu kien li fis-sena 1988 tiġi mfakkra l-ġrajja ta' 75 sena tal-parroċċa. Nistgħu ngħidu li nofs dan il-kumitat kienu membri fil-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita'. Dan il-kumitat kien iffurmat mill-President, il-Kappillan Patri Dumink Magani O.F.M. Kap, il-Prokuratur Fra Antnin Vella O.F. Kap, Segretarju s-Sur Pawlu Dimech u s-Sinjuri membri: Gaetano Decelis, Chalie Borg, Victor Cilia, Gilardu Saliba, Joseph Portanier, Teddy Farrugia, Joe Cassar u Dione Cefai li dak iż-żmien kien segretarju tal-Kumitat tal-Festa.[3]

Il-membri ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' kienu l-id il-leminija ta' dan il-kumitat fix-xogħol kollu li sar biex tiġi ċċelebrata din il-ġrajja. L-akbar biċċa xogħol li daħal għaliha l-kumitat 75, kien il-monument tal-bronż tal-benefatturi kbar tal-Marsa Lorenzo u Marija Karmela Balbi li bnew minn flushom il-knisja parrokkjali tas-Santissima Trinita' fil-Marsa. Ix-xogħol tal-monument ġie fdat lill-iskultur Anton Agius tar-Rabat, Malta. Il-membri ta' l-Għaqda mimlija b'entużjażmu ħadmu l-kaxxi biex il-monument li kien tal-ġibs seta' jintbgħat fil-fonderrija l-Italja kif fil-fatt sar.[4] Ħadmu wkoll is-snin ta' l-1913 u l-1998 għall-faċċata tal-knisja bid-dawl. Ix-xogħol tmexxa mis-Sur David Aquilina. Għal din l-okkażjoni speċjali l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' ħarġet għall-ewwel darba l-kalendarju għas-sena 1988 u tqassam fid-djar kollha tal-parroċċa, ħaġa li ġiet milqugħa tajjeb li baqgħet tirrepeti ruħha kull sena. Il-membri ta' l-Għaqda taw l-għajnuna tagħhom fil-wirja kbira li saret fis-sala tal-Jhansi Hall, bejn is-16 u l-24 ta' April 1988. Il-ħidma ma' waqfitx hawn, imma tkompliet fl-Akkademja Mużiko-Letterarja li nżammet fil-Knisja Parrokkjali tas-SSma. Trinita' nhar is-17 ta' April u f'kull attivita' oħra li ġiet organizzata. Iżda l-qofol tax-xogħol kollu kien fl-għajnuna li taw fit-trasport, it-tqegħid u l-inawgurazzjoni tal-monument tal-bronż ta' dawn il-benefatturi maħdum f'Pietro Lucca, l-Italja. Iċ-ċerimonja tal-kxif tal-monument kienet nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 1988.[5]

Il-festa titulari dik is-sena ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 29 ta' Mejju, fejn fost l-opri l-ġodda, l-Għaqda żanżnet sett ta' erbatax-il pavaljun għal Triq il-Marsa disinn ta' David Aquilina, ħjata ta' Annie Pisani u pittura ta' Anthony Azzopardi. Il-trofejs tal-pjazza Ġian Franġisk Abela ġew restawrati minn Pawlu Mifsud u Charles Turner waqt li l-istatwi taz-zuntier irrestawrahom Patri Mario Azzopardi O.F.M. Kap. Fil-festa titulari saret ħarqa kbira tal-logħob tan-nar u bi spettaklu s-Sibt, lejliet il-festa. In-nar inħadem fil-fabbriki ta' San Gabriel ta' Ħal Balzan u Santa Marija tal-Qrendi. Taw il-kontribut fil-ġbir u l-ħruq tan-nar David Aquilina, Alfred Falzon, Rita Busuttil, Joe Attard u David Formosa.[6] Triq is-Sajjieda u Triq Fra Diego ma' kienux jaqgħu taħt l-Għaqda sa' dak iż-żmien u kellhom kummissjoni għalihom li għamlu sett pavaljuni ġodda fuq disinn tas-Sur Francis Treeby. Ħabirku biex isiru dawn il-pavaljuni, Michael Barbara, Alfred Agius, Tonio Borg u Victor Cilia u ġew meħjutin mis-Sinjuri Germaine Farrugia, Vivianne Scerri u Doris Agius fuq tfassil ta' Toni Formosa[7] 'Il quddiem, dawn it-toroq spiċċaw ukoll jiddependu mill-Għaqda tal-Festi Esterni.

## L-GĦELUQ TA' L-GĦAXAR SNIN TAL-VARA

Kif għaddew il-festi tal-75 li kienu suċċess, l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' ħejja pjan sabiex ikompli jinbidel l-armar u jsir ieħor ġdid fir-rigward tal-bandalori u l-pavaljuni f'diversi toroq. Ġew meħjuta sett bandalori għat-Telgħa ta' quddiem il-knisja minn Vincent Healey fuq disinn ta' Louis Attard u mpittra minn Anthony Azzopardi. Sett bandalori oħra nħadmu għal-Triq il-Pitkali fuq disinn ta' Patri Gwido Kapuċċin u Louis Attard li nħietu minn Annie Pisani, benefattriċi kbira ta' l-Għaqda tal-Festa fix-xogħol fejn tidħol is-sengħa tal-ħjata. Komplew jisfumaw l-pavaljuni ta' Triq Zerafa u Triq il-Farfett minn Emmanuel Micallef u Joe Farrugia taħt id-direzzjoni ta' Mikiel Saliba. Fil-kumitat dik is-sena żdied is-Sur Saviour Spiteri bħala membru. Il-festa titulari ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 21 ta' Mejju 1989 u ġiet restawrata l-istatwa tat-Trinita' ta' Triq il-Marsa minn Patri Mario Azzoaprdi O.F.M. Kap.[8]

F'Ottubru ta' l-1989 ġiet imfakkra l-għeluq ta' l-għaxar snin mil-miġja tal-vara titulari tat-Trinita' Qaddisa fil-Marsa. Għal din l-okkażjoni l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' flimkien mal-Kappillan Patri Dumink Mangani O.F.M. Kap ħejjew programm fejn matul il-ġimgħa ġiet esposta l-istatwa b'mod solenni fil-knisja parrokkjali mill-21 sad-29 ta' Ottubru. Is-Sibt 28 ta' Ottubru ġiet iċċelebrata quddiesa solenni fis-6.00 ta' fil-għaxija. Wara, waqt l-antifona nħarġet il-vara tat-Trinita' Qaddisa fuq iz-zuntier merfugħa mill-membri tal-Għaqda. Il-banda tal-Marsa "Trinita' Qaddisa" daqqet l-innu popolari lis-Santissima Trinita' u sar talb għall-parroċċa Kif daħlet fil-knisja ngħatat il-barka sagramentali u l-banda għamlet marċ brijjuż mat-toroq tal-parroċċa. Il-kant tal-funzjoni kien tmexxa mill-kor parrokkjali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Patri Anton Briffa Kapuċċin u nħaraq il-logħob tan-nar.[9]

Fl-1989 fi ħdan il-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' twaqqfet kummissjoni ta' "Helpers Żgħażagħ" iffurmat minn Dennis Scerri, Charles Zahra u Rudolph Azzopardi.[10] Fis-sena ta' wara l-Għaqda kompliet bil-pjan biex bilmod jinbidel aktar armar fit-toroq. Inħietu minn Annie Pisani erba' bandalori għall-pjazza Gian Franġisk Abela, u sett pavaljuni għal Triq San Tumas, ta' l-ewwel disinn ta' David Aquilina u t-tieni ta' Mikiel Saliba. Dawn tpittru min Anthony Azzopardi, it-tifel ta' l-istatwarju Duminku. Huwa pitterr il-pavaljuni tat' Triq Simpson fuq disinn ta' Louis Attard u meħjuta minn Vincent Healey u Annie Pisani. L-istatwa tal-Papa S. Piju X ġiet irrestawrata minn Patri Mario Azzopardi O.F.M. Kap. Bil-ħidma ta' Patri Kasjan Tabone Kapuċċin, mgħejjun mil-membri ta' l-Għaqda nħadem karru ħalli jinġarr l-armar fuqu, bħal pavaljuni u bandalori, kif ukoll "scaffolding" għall-armar ta' l-istatwi. Patri Kasjan kien irregala xi għodda lill-Għaqda. Tkompla wkoll ix-xogħol ta' restawr ta' l-armar ta' l-art minn Raymond Camilleri u Saviour Spiteri.[11] Fil-ġbir ta' l-arbural tan-nar bdew jgħinu ħafna n-nisa fosthom Carmela Felice u Rita Busuttil. Fir-rendikont tal-festa tal-Ħadd 10 ta' Ġunju 1990 li tqassam fid-djar Marsin insibu li l-festa ta' barra qamet 8,700 lira u 88 ċenteżmu.[12] B'hekk naraw kemm l-ispejjes bdew jikbru, kif kibret anke l-attivita' u l-opri ġodda fil-festa titulari. Dan seħħ bil-koperazzjoni u l-għajnuna finanzjarja tal-Marsin li kienu tant ġenerużi ma' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' u wrew li l-festa tat-Trinita' Qaddisa hija għal qalbhom.

## JITWAQQAF KUMITAT TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ FESTI ESTERNI

Kif għaddiet il-festa ta' l-1990 seħħet ġrajja oħra mportanti fi ħdan il-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' meta ġie mwaqqaf l-Ewwel Kumitat taż-Żgħażagħ fl-istess Għaqda. Il-membri li kienu jiffurmawh kienu Friggieri Stephen, Portelli Brian, Spencer Ivan, Zahra Charles, Rapa Jason, Portelli Edward, Scerri Dennis, Ciantar Ivan.[13] Il-Kumitat taż-Żgħażagħ deher biċ-ċar li ġab ħeġġa u entużjażmu u ta ħajja ġdida lill-Għaqda. Bil-ħidma tagħhom dik is-sena ġew restawrati diversi armar mgħejjuna mill-membri tal-Kumitat tal-Kbar bħal Saviour Spiteri, Chalie Turner u Raymond Meli. Il-President Emmanwel Felice u s-Segretarju Dione Cefai daħlu għal biċċa xogħol kbira, dik li jaħdmu l-antarjoli tal-ħadid flok il-ħafna ta' l-injam li xi wħud kienu jinkrew ta' kull sena. Sal-festa lestew 32 wieħed.[14] Fil-laqgħa tal-Kumitat tas-16 ta' Awissu 1990, kienet ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni li kiren ħa l-kumitat ta' qabel fil-11 ta' Awissu 1978 li l-Għaqda ma' tislifx l-ebda armar barra l-parroċċa għal festi oħra.

Fil-ġranet tal-Milied 1990 inħadmet stilla kbira makkenizzata disinn u xogħol l-imgħallem Joseph Arnoud mgħejjun minn Dione Cefai. Il-Ħadd 23 ta' Diċembru 1990 l-Għaqda bl-inizjattiva tal-Kumitat taż-Żgħażagħ ta' l-istess għaqda ħarġu bl-ideja li tinġieb il-banda u jindaqqu l-għanjiet tal-Milied fit-toroq tal-parroċċa. Għal din l-attivita' kient ġiet mistiedna l-banda tal-Marsa




**L-ewwel Kumitat taż-żgħażagħ**
**Għaqda Festi Esterni SSma Trinità**
*(nieqes mir-ritratt - Ivan Ciantar)*

"Trinita' Qaddisa" li ferħet lill-Marsin f'dawn il-ġranet sbieħ tas-sena.[15] Fi ftehim bejniethom l-Għaqda tal-Festi Esterni u l-Każin tal-Banda qasmu l-ispejjes bejn iż-żewġ naħat.

L-armar tat-toroq dejjem kien għall-qalb il-Għaqda tal-Festa u mhux biss saru ħafna opri ġodda kull sena, imma l-armar ġie restawrat biex b'hekk ma' jintilifx maż-żmien. Għall-festa ta' dik is-sena, barra li tkomplew il-pavaljuni ta' Triq Simpson, inħadmu sett ta' 16-il bandalora għat-toroq ta' San Pawl, l-Għabex, is-Sebħ u t-Tiġrija. Id-disinn sar minn Mikiel Saliba,ħjata ta' Annie Pisani u pittura ta' Anthony Azzopardi. Il-festa ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 26 ta' Mejju 1991 u barra l-marċ ta' l-ewwel Tridu, ġie organizzat wara tant snin il-marċ ta' l-aħħar, fejn daqqet il-banda Trinita' Qaddisa fuq stedina tal-Kumitat. Il-Kumitat taż-Żgħażagħ ta sehem kbir fil-marċ li sar bi briju kbir, tant li baqa' jiġi organizzat kull sena. Biex jinġabru l-finanzi barra l-ġbir tat-toroq bieb, bieb, li ssir mill-membri tal-Kumitat u xi volontiera fos-thom anke nisa bħal Marianne Vassallo li għal snin sħaħ ġabret l-Għolja u Trejqet tal-Ġiżwiti, jsiru lotteriji. Fost l-oġġetti li jittellgħu fil-lotteriji nsibu xorb, flus, deheb, bambini, xirjiet, oġġetti tad-dar bħal televixin, stereo u ħwej-jeġ oħra. Bid-dħul kollu jitħallsu l-armar il-ġdid, id-dawl, il-logħob tan-nar u l-baned. Ma' din l-organizazzjoni kollha jidħlu l-arburali u l-ħarġiet li jgħinu ħalli jittaffew l-ispejjes.

## IL-BLANZUNI MARSIN

Fil-festa ta' l-1991 grupp ta' żgħażagħ mimlija entużjażmu li kienu jkunu fil-każin tal-Marsa White Stars F.C., ġiehom il-ħsieb li jkabbru l-briju tal-marċ tal-Ħadd fil-għodu. Huma ħadmu minn flushom bosta umbrelel, kpiepel u bnadar għall-briju. Kienu disa' żgħażagħ, imma wara l-festa 1991 li fiha kellhom suċċess b'apparat li ħadmu, kibru fin-numru. Is-Sur Raymond Montebello tagħhom l-isem "Għaqda Żgħażagħ Blanzuni Marsin" u fil-festa ta' 1992 inħadem bosta xogħol tal-briju fosthom umbrella kbira. Kif għaddiet il-festa ta' 1992 issellfu l-każin l-antik tal-"Marsa White Stars" u wara krew garage fi Triq il-Marsa. Ġie ffurmat l-ewwel kumitat, bl-ewwel President is-Sur Aronne Camilleri. L-attivita' ta' l-"Għaqda Blanzuni Marsin" tkompliet tinfirex fl-ispirtu tal-briju li beda jsir waqt il-marċi mal-banda tal-pajjiż "Trinita' Qaddisa". Wara l-festa ta' 1993 il-Kumitat tal-banda offrilhom il-każin l-antik tal-banda fi Triq is-Salib biex jużawh għall-għanijiet tagħhom u sar ftehim bejniethom. B'dan il-ftehim l-Għaqda Banzuni Marsin ġiet fi ħdan is-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa, għalkemm baqgħet għaqda indipendenti u fl-istess ħin taħdem f'koperazzjoni sħiħa mal-banda billi tkabbar il-briju fil-festa titulari. Meta spiċċaw mill-każin tal-banda l-antik għax ittieħed mis-sid, il-Blanzuni Marsin sabu ruħhom fil-Każin tal-Banda Trinita' Qaddisa fi Triq Balbi. Bl-attivita' tagħhom tul is-snin komplew jqajjmu l-ispirtu ta' ferħ u briju fil-marċi tal-festa tat-Trinita' Qaddisa.[16]

Fl-1998 il-Blanzuni Marsin ma' baqgħux għaqda indipendenti, imma saru ħaġa waħda mal-Banda Trinita' Qaddisa. Huma bdew jissejħu Kummissjoni Żgħażagħ Blanzuni Marsin Għaqda Trinita' Qaddisa.

## ŻEWĠ PILANDRI KBAR B'TIFKIRA TAL-FESTA 1992

Is-sena 1991/2 bdiet b'laqgħa Ġenerali nhar il-Ġimgħa 8 ta' Awissu. Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat ġie ffirmat il-kumitat kompost minn Ex-Officio Patri Dumink Mangani O.F.M. Kap, Kappillan, il-Prokuratur Fra Antnin Vella O.F.M. Kap u Bro. Charles Azzoaprdi O.F.M. Kap, President Emmanwel Felice, Viċi-President Joe Mercieca, Segretarju Dione Cefai, Ass. Segretarju Louis Attard, Kaxxier Charles Turner, Ass. Kaxxier Mario Portelli, Delegat tal-Membri Joe Micallef, Delegat Armar Raymond Meli, Delegat Nar Alfred Falzon, Delegat Baned Saviour Spiteri, Membru Carmelo Ellul.[17] Mal-Kumitat tal-kbar ġie ffurmat l-Kumitat taż-Żgħażagħ. Fil-festa 1992 ġiet iċċelebrata l-75 sena tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali tas-SSma. Trinita' fil-Marsa. Il-Kumitat beda bil-preparazzjonijiet minn kmieni. Għal dik l-okkażjoni l-Kumitat ta' l-Għaqda xtaq jagħmel opra ta' tifkira fl-armar ta' barra u għalhekk inħadmu żewġ pedestalli kbar bil-pilandri forma ta' linef biex isebbħu n-naħa tal-knisja. Il-pedestalli bil-pilandri li minnhom ħerġin ħafna brazzi bil-globi bojod huma għoljin b'kollox 8 metri u nofs. Id-disinn tagħhom sar minn Bro. Charles Azzopardi O.F.M. Kap. Ix-xogħol ta' l-injam inbeda minn Raymond Meli fis-27 ta' Lulju 1991 fejn wara xkatla x-xogħol. Iż-żebgħa saret minn Edward Portelli u Brian Portelli. Ix-xogħol fuq il-pilandri nbeda fl-10 ta' Ottubru 1991 minn Pawlu Portelli u Dione Cefai. Taw l-għajnuna tagħhom Emanwel Felice, Chalie Turner, Rudolph Azzopardi, Alfred Coleiro u Dennis Scerri. Fit-18 ta' Diċembru, 1991 inbeda x-xogħol tal-weraq tal-brazzi. Sar xogħol ta' qtugħ ta' pjanċi u xkatlar ta' kwantita' ta' weraq u żebgħa. Bro. Charles Azzopardi fit-2 ta'Diċembru 1991 beda x-xogħol ta' l-iskultura bl-idejn, waqt li l-irħamar sar nhar mid-19 ta' Marzu 1992 'il quddiem. Il-pedestalli ġew armati taħt iz-zuntier fi Triq is-Salib tal-Marsa u tbierku nhar is-Sibt 6 ta' Ġunju mill-Kappillan Patri Dumink Mangani Kapuċċin.18

Dan ma' kienx l-uniku armar li l-Għaqda żanżnet f'dik il-festa li ġiet iffesteġġjata nhar il-Ħadd 14 ta' Ġunju 1992. Fit-18 ta' Ottubru 1991, Annie Pisani bdiet it-tfassil ta' sett pavaljuni għat-toroq ta' Sant Antnin u Nazzarenu li ġew meħjuta minn Marianne Bezzina u Tessie Azzopardi. Inħadmu pavaljuni għal Triq San Pawl u sfumar ta' bandalori. Bil-ħidma taż-żgħażagħ ta' l-Għaqda sar xogħol ta' restawr u nħadmu sett antarjoli ġodda tal-ħadid minn Emanwel Felice u Alfred Coleiro.

In-nar ta' l-art ġie maħdum fil-fabbrika ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ u dak ta' l-ajru nħadem mill-fabbrika ta' San Gabriel ta' Ħal Balzan. L-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' f'dik is-sena mxiet pass ieħor 'il

quddiem meta l-membru tal-Kumitat is-Sur Saviour Spiteri kiteb il-mużika ta' l-innu marċ lit-Trinita' Qaddisa u dan sar propjeta' ta' l-Għaqda. L-innu ndaqq għall-ewwel darba tul-il-marċi tal-festa u fil-ħruġ u d-dħul tal-vara bil-purċissjoni.[19] Ħaġa li ma' seħħietx kien il-ħsieb li f'lejliet il-festa wara li jindaqq l-innu l-kbir, idoqqu żewġ baned wara xulxin fi Triq Balbi, dik tat-Trinita' Qaddisa tal-Marsa u oħra barranija.[20] Il-proposta ma' ġietx aċċettata mill-Każin tal-Banda u kollox baqa' kif kien.[21] Fl-4 ta' Lulju saret quddiesa ta' ringrazzjament tal-festa għall-ewwel darba fil-knsija parrokkjali.[22] Tajjeb ngħidu li sa kważi mill-bidu tat-twaqqif ta' l-Għaqda bħala preparazzjoni għall-festa u qabel jibda l-armar tiġi ċċelebrata quddiesa fil-post tal-festa, ħaġa li baqgħet ssir kull sena.

Kif għaddiet il-festa titulari u l-armar tpoġġa f'postu f'Lulju 1992 inbeda x-xogħol mill-ewwel tar-restawr ta' l-armar kollu taz-zuntier mill-membri ta' l-Għaqda tal-festa u dak taż-żgħażagħ. Dan ix-xogħol flimkien mal-pedestall tat-Trinita' ta' Pjazza Gian Franġisk Abela kien jitlob ħafna ħin u ħidma li sar mill-membri ta' l-Għaqda. Ingħata bidu għal sett ta' pilandri forma ta' linef bil-brazzi għall-anġli taz-zuntier fuq disinn ta' Bro. Charles Azzopardi. Inħadmu minn Pawlu Portelli bil-għajnuna ta' Edward Portelli u Alfred Coleiro fil-post tal-festa. Dawn kienu jitolbu xogħol ta' paċenzja u ri-finezza fil-qtugħ tal-pjanċi biex saru l-weraq u l-ward li ġew sprrenjati minn Eddie Abela.[23]

## L-ISTATUT AĠĠORNAT U L-ĦIDMA TKOMPLI

L-erbgħa 12 ta' Awissu 1992 ġie aġġornat l-istatut ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' Marsa billi ġew aġġornati xi emendi. L-istatut ġie approvat mill-membri tal-Kumitat, il-kappillan u mill-membri ta' l-Għaqda, waqt il-Laqgħa Ġenerali. Fih insibu 24 emenda u jġib il-firma tal-Kappillan Patri Dumink Mangani, il-President ta' l-Għaqda s-Sur Emmanwel Felice u s-Segretarju s-Sur Dione Cefai.

Il-lokal ta' l-Għaqda tal-Festa taħt il-knisja, dejjem ħabbat wiċċu ma' problema dwar id-drain. Wara li ttieħdu l-pariri nstabet soluzzjoni permezz ta' tħaffir ta' trinka u sar xogħol konness u kellha titwaħħal pompa "automatic" għax il-post jinsab l'isfel mit-triq. Dan sewa s-somma ta' 500 lira u 66 ċenteżmu.[24] Ix-xogħol sar kollu mill-membri. L-armar tal-festa sa mit-twaqqif ta' l-Għaqda 'l hawn kien jintrefgħa f'diversi postijiet, parti fil-kantina ta' taħt il-knsija, fil-kampnari u fiż-żewġ swali ta' fuq l-Oratorju u s-Sagristija. F'waħda kienu jinżammu l-pedestalli u xi statwi, waqt li f'oħra jinżammu f'kaxxi tad-drappijiet (pavaljuni, bandalori u bnadar). Peress li fil-kantina, bit-tlugħ u nżul l-armar beda jġarrab xi ħsarat u kien kollu fuq xulxin, beda jara jinstabx xi post ieħor. Bil-ħidma tal-Kappillan Patri Dumink Mangani fi żmien il-parrokat tiegħu ġiet akkwistata lura l-art ta' wara ċ-Ċentru Parrokkjali S. Piju X u

u ngħata l-permess biex jinbena maħżen żgħir biex iservi għall-armar tat-toroq. Dan solva parti mill-problema, iżda aktar 'il quddiem il-patrijiet kellhom bżonn is-sala ta' fuq is-sagristija bil-konsegwenza li l-armar kollu taz-zuntier u ieħor sabu posthom fis-sala tal-Jhansi Hall li ssellfet lill-Għaqda sakemm jinstab post ieħor, għaliex is-sala ma' baqgħetx titnuża għat-talkies.

F'Settembru ta' l-1992 spiċċa minn Kappillan Patri Dumink Mangani O.F.M. Kap. U laħaq Kappillan Patri Effie Mallia O.F.M. Kap. F'din l-okkażjoni l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' għamlet festin f'ġieħ il-ex Kappillan fil-15 ta' Settembru 1992, fejn ingħata rigal ta' pjaneta bħala tifkira tal-ħidma tiegħu fi ħdan l-Għaqda. Taw is-sehem tagħhom fir-rigal ta' Kalċi li l-parroċċa irregalatlu f'isem il-parruċċjani. Rigali ta' tifkira kienu preżentati lil Bro. Charles Azzopardi, Patri Mario Azzopardi, Patri Kassjan Tabone, Patri Anton Briffa ta' l-għajnuna li taw lill-Kumitat.[25] Għall-festa ta' l-1993 il-Kumitat ta' l-Għaqda tal-Festa kompla bil-ħsieb tiegħu li jkompli l-armar tat-toroq. Saru żewġ settijiet ta' pavaljuni, wieħed għal Triq Balbi, u l-ieħor għal Triq Magri fuq id-disinn ta' Bro. Charles Azzopardi O.F.M. Kap. Il-ħjata saret minn Joe Callejja għal Triq Balbi u Lawrence Agius għal Triq Magri. Ma' dawn saru sett ta' pavaljuni għal Triq il-Kapuċċini fuq disinn ta' Edward Portelli, tifsil ta' Joe Sultana u l-ħjata ta' Marija Sultana. Emmanwel Micallef kien sfuma l-pavaljuni ta' diversi toroq. Fil-festa sar spettakklu sabiħ ta' logħob tan-nar u ħadu sehem bosta baned. Fil-fuljett "Il Marsa" ta' Lulju 1993 fl_Editorjal insibu miktub: "Kellna festa mill-aqwa. M'hemmx kliem ieħor biex tiddiskrivi l-festa li għaddiet. Il-poplu tagħna pparteċipa bis-sħiħ għall-festa tagħna. Kulħadd ta daqqa t'id biex nagħmlu festa kif jixraq lis-SSma' Trinita'." Skond ir-rendikont li tqassam fid-djar Marsin insibu li l-festa ta' barra ta' l-1993 qamet 11,286.00. Dan juri li l-poplu minn sena għall-oħra kompla jagħti bil-qalb l-għajnuna finanzjarja tiegħu waqt li l-Għaqda kabbret bis-sħiħ il-ħidma tagħha. Ħadd qabel l-festa nhar it-30 ta' Mejju 1993, l-E.T. it-tabib Ċensu Tabone, President ta' Malta, nawgura uffiċċjalment il-Każin ġdid ta' l-Għaqda Mużikali Trinita' Qaddisa fi Triq Balbi l-Marsa. Din il-ġrajja seħħet wara ġimgħa ta' attivitajiet.

---

1 Minuti Seduta Awissu 1987.
2 Il-Marsa Mejju 1987.
3 Minuti tal-Kumitat Festi 75, 30-1-1987.
4 Minuti tal-Kumitat Festi 75, 15-8-1987.
5 Programm Festa 1988, Il-Marsa.
6 Il-Marsa Mejju 1988.
7 Il-Marsa Mejju 1988.
8 Il-Marsa Mejju 1989.

9 Il-Marsa Ottubru 1989.

10 Fis-seduta tat-28 ta' Lulju 1989, ġie deċiż li titwaqqaf fil-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' "Fergħa Żgħażagħ". Dan wassal biex fl-1990 twaqqaf il-'"Kumitat taż-Żgħażagħ" fl-istess Għaqda.

11 Il Marsa Ġunju 1990.

12 Mir-Rendikont Finanzjarju festa 1990.

13 Il Marsa Mejju 1991.

14 Il Marsa Mejju 1991.

15 Rapport Annwali 1990.91.

16 Raymond Monteebello, ktieb Banda Trinita' Qadisa Festa 1994.

17 Minuti seduta 12-8-91 / Il Marsa 1992.

18 Rapport Annwali 1991/2..

19 L-Innu Marċ lit-Trinita' Qaddisa ġie ppubblikat fil-Ħarġa Speċjai tal-festa "Il Marsa" Ġunju 1992.

20 Korrispondenza 6-10-91.

21 Korrispondenza 30-10-91.

22 Rapport Annwali 1991/92.

23 Il Marsa Ġunju 1993.

24 Rendikont tal-festa ta' barra 1993.

25 Minuti tas-seduta 10-9-1992..



# PROĠETTI U OPRI ARTISTIĊI

Il-Ħamis 2 ta' Settembru 1993 ġie maħtur il-Kumitat il-ġdid ta' l-Għaqda tal-Festi Esteerni SSma. Trinita'. Is-Sur Mario Portelli laħaq Segretarju u Alfred Coleiro laħaq Viċi-President kif kien suġġerit fil-Laqgħa Ġenerali, dan il-Kumitat ta' sittax-il membru ried iservi għal sentejn sa l-1995.

## KWISTJONI DWAR BANED

Il-membri ta' l-Għaqda bdew il-ħidma ta' l-antarjoli ġodda tkomplija tar-restawrar ta' l-armar, sfumar ta' pavaljuni u pavaljuni ġodda għat-Triq San Pawl. Id-disinn sar minn Mikiel Saliba u ħjata ta' Marianne Bezzina. Il-festa titulari ġiet iċċelebrata l-Ħadd 29 ta' Mejju 1994.[1] Iżda f'din il-festa tfaċċa ntopp. Il-Kumitat ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' kien deherlu li jibdel xi baned barranin bħal ma' ġieli sar qabel. Dan sar fuq suġġeriment fil-Laqgħa Ġenerali tas-26 ta' Awissu 1993. Din id-deċiżjoni ġabet magħha reazzjoni min-naħa tal-Każin tal-Banda Trinita' Qaddisa li riedet li l-banda "Sagra Familja" tal-Kalkara u dik ta' "San Pawl" ta' Ħal Safi kellhom jinġiebu u jieħdu sehem għaliex dawn jistiednu lill-banda tal-Marsa.[2] L-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' kienet żammet il-prinċipju li żżomm ruħha libera fl-għażliet li taħgmel dwar il-baned kif dejjem sar[3] Fil-fatt il-banda Trinita' Qaddisa stiednet għall-ewwel darba banda barranija biex tieħu sehem fil-programm tal-festa titulari nhar is-Sibt 28 ta' Mejju 1994.[4] Il-baned tal-festa dejjem kienu jinġiebu mill-Għaqda tal-Festi Esterni, imma din il-ħaġa rrepetiet ruħha s-sena ta' wara meta ġew mistiedna mill-banda tal-Marsa, żewġ baned, dik tal-Kalkara u ta' Ħal Safi. B'dispjaċir, din kienet ir-raġuni li r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ għaqdiet "tal-Banda" u "tal-Festa" ma' baqgħux daqstant tajbin. Fil-fatt, din il-kwistjoni dwar il-baned barranin ħadet fit-tul. Il-festa ta' l-1994 qamet 11,825 lira u tlett ċenteżmi. Minn dawn tħallsu 1,790 baned, 3,268 għan-nar, 1,450 dawl u l-bqija fl-armar, etc.

## PROĠETT TA' L-ARMAR ĠDID

Wara l-festa ta' l-1994 l-Għaqda tal-festa fuq suġġeriment miż-żgħażagħ tal-Festi Esterni daħal għall-proġett li għalkemm kellu jieħu xi snin kellhom isiru pedestalli ġodda u statwi ġodda tal-kartapesta.[5] Dan ix-xogħol artistiku tħalla f'idejn l-artist magħruf u statwarju l-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi li għamel id-disinji tal-pedestalli. Ix-xogħol ta' l-injam ta' l-ewwel pedestalli nbeda minn Raymond Meli u Eddie Abela b'għajnuna ta' Edward Portelli u Brian Portelli. Għal dan il-proġett ambizzjuż il-Kumitat taż-Żgħażagħ Festi Esterni beda jiġbor l-arbural b'donazzjonijiet fix-xahar u jorganizza bosta attivitajiet biex jinġabru l-ispejjes meħtieġa. B'sodisfazzjon kbir ta' kulħadd f'lejliet il-festa, is-Sibt 10 ta' Ġunju 1995 inġiebet u tpoġġiet fuq il-pedestall l-

ewwel statwa ta' San Ġwann Battista fost il-ferħ u l-briju taż-żgħażagħ. Ġiet iffurmata banda minn bandisti tal-lokal li ngħaqdu flimkien biex din iċ-ċelebrazzjoni tkun turija ta' apprezzament u laqgħu l-istatwa tul Triq Balbi sal-post fejn tpoġġiet ħdejn il-knisja. L-istatwa qamet 500 lira. F'din il-festa bit-tħabrik taż-żgħażagħ tal-Għaqda żżanżnet bandalora kbira bl-arma ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' għal waqt il-marċi fuq disinn u ħjata tas-Sur Louis Attard.[6] Tkompliet wkoll l-ħidma fuq il-pavaljuni, bandalori u antarjoli ġodda li għalihom kkontribwixxew bix-xogħol manwali, il-membri ta' l-Għaqda tal-Festa flimkien ma' bosta volontiera.

## L-ATTIVITAJIET FL-GĦAQDA JKOMPLU JIKBRU

F'din is-sena 1994/95 l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' għażlet lil-membru tal-kumitat is-Sur Dione Cefai biex jirrappreżentha fil-Federazzjoni tal-Festi Reliġjużi Esterni ta' Malta. Din il-federazzjoni twaqqfet sabiex flimkien il-kumitat u l-għaqdiet jħarsu aktar id-drittijiet, l-interessi u jikkordinaw il-ħidma tal-festi fil-parroċċi Maltin.[7] Is-Sur Dione Cefai ta sehem sħiħ f'din il-Federazzjoni. Il-ħeġġa u d-determinazzjoni flimkien mal-moral għoli tal-membri ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' kompla kiber bil-ħidma ma' taqta' xejn lejn il-festa titulari. Kien f'dan iż-żmien li twaqqet Kummissjoni "Pjazza" sabiex tistudja dwar l-armar li hemm madwar il-knsija u t-tkomplija ta opri ġodda fuq pariri ta' disinjaturi. Ġie deċiż li jsiru statwi ta' Santi Padri, (missirijiet tal-knisja) b'rabta mat-tagħlim tal-misterju Trinitarju, kif ukoll tliet statwi bil-pedestalli liema fosthom kellha tinħadem statwa ġdida tat-Trinita' Qaddisa għal quddiem il-faċċata tal-knisja. Ma' dawn ġew proġettati pede-stalli, trofejs, u tmien kanolli bil-pilandri żgħar fihom. Ġie mqabbad id-disinjatur u artist is-Sur Silvio Pace minn Ħal Qormi li ddisinja xi armar u l-forom ta' l-iskultura tal-pedestalli l-ġodda bil-fibre glass. Ix-xogħol ħadmu s-Sur Jesmond Micallef. Is-Sur Silvio Pace ddisinja sett pavaljuni għal Triq l-Iskola, u sar xogħol fuq il-bandalori l-ġodda għal Triq it-Tiġrija u ngħata bidu għal sett ta' pavaljuni u bandalori fi Triq is-Salib tal-Marsa.

Kien ukoll f'din is-sena 1995/96 li sar xogħol strumentali fil-lokal tal-Għaqda tal-Festi Esterni Ssma. Trinita' taħt il-knisja meta tneħħa l-uffiċċju li kien hemm qabel ma' saret kamra tal-kumitat fin-naħa ta' fuq tal-lokal. Ix-xogħol sar kollu volontarjament mill-membri ta' l-istess Għaqda. B'dan it-transferiment is-Sala ġiet aktar spazjuża u għalhekk nxtara billiard biex iż-żgħażagħ ikollhom biex jirrikrejaw ruħhom f'ambjent tajjeb fil-ħin li jifdal wara l-ħidmiet li tirrikjedi l-festa. Minn żmien għall-ieħor, sa mit-twaqqif ta' l-Għaqda kemm il-darba saru attivitajiet Reliġjużi għall-membri ta l-Għaqda fosthom laqgħat ta' formazzjoni reliġjuża. Imma kien f'dan iż-żmien li l-laqgħat b'tema Reliġjuża bdew isiru fuq bażi regolari minn Patri Anton Dimech O.F.M. Kapuċċin.[8] Bil-ħafna żgħażagħ u membri tal-festa li ħafna minnhom dilettanti tal-football twaqqaf saħansitra t-team tal-football stabbli





Jaslu l-istatwi ta' Santi Padri

f'isem l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita'. Kien dan it-team kompost mi ż-żgħażagħ ta' l-Għaqda li ħa sehem ġo tournament tal-football li ġie organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-banda "Marija Reġina". Dan sar propju fid-19 ta' Marzu 1996 u ġie mirbuħ b'suċċess kbir mit-team ta' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita'. Mill-ħames logħobiet li ntlgħabu rebħuhom kollha u ħadu t-trofew peress li spiċċaw fl-ewwel post. Il-preżentazzjoni saret mis-Sindku s-Sur Francis Debono.[9]

## L-ISTATWI ĠODDA

Il-festa dik is-sena ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 2 ta' Ġunju u s-Segretarju tal-Kumitat ta' l-Għaqda kien is-Sur Saviour Spiteri. Is-Sibt 25 ta' Mejju 1996 waqt riċeviment li jsir fil-post tal-festa taħt il-knisja kull sena, ġie nawgurata l-kamra tal-kumitat mill-President is-Sur Emanwel Felice u tbierket mill-Kappillan Patri Effie Mallia Kapuċċin. Kien f'din l-okkażjoni li ġiet ippreżentata domna tad-deheb bi xbieha tat-Trinita' fuqha lill-benefattriċi s-sinjorina Katerina Farrugia li ħallset waħda mill-istatwi tas-Santi Padri u tat somma flus għall-pavaljuni ta' Triq l-Iskola.[10] Ingħatat l-arma ta' l-Għaqda tal-Festa tad-deheb lill-membri kollha tal-kumitat bħala tifkira. F'dan ir-riċeviment il-benefattur is-Sur Charles Attard (tal-Billy Engineers) barra r-rigal li jagħti kull sena lill-Għaqda, ippreżenta l-ewwel donazzjoni tiegħu għall-istatwa tat-Trinita' Qaddisa li kienet ġiet ordnata għand l-istawarju Alfred Camilleri Cauchi, li għamel l-isketch ta' l-istatwa.[11]

Ir-roundabout ta' fejn is-Salib tal-Marsa ġiet armata għall-ewwel darba f'din il-festa b'antarjoli u bnadar li saru apposta f'dan il-post. Il-Kummissjoni Żgħażagħ kompliet iżżomm it-tradizzjoni li dejjem kellha l-Għaqda li ssebbaħ b'armar il-marċi tal-festa kollha. Saret bandalora kbira b'disinji barokki u ħwejjeġ oħra ta' tiżjin bħall-imrewħa u bnadar għal waqt il-briju tal-marċijiet. Lejliet il-festa titulari, is-Sibt 1 ta' Ġunju kien jum sabiħ għall-Għaqda u ż-żgħażagħ, meta fost il-partitarji Trinitarji waslu fil-Marsa żewġ statwi ta' Santi Padri, San Bażilju l-Kbir u San Girgor Nazzjanzenu. Dawn l-istatwi nħadmu fil-kartapesta mill-istatwarju l-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi u tħallsu waħda mill-benfattriċi Katerina Farrugia u l-oħra miġbura mill-Kumitat taż-Żgħażagħ ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' bil-prezz ta' 500 lira il-waħda. Biex inġiebu kien sar "car cade" minn bosta karozzi dekorati mill-Fgura l-post fejn inħadmu sal-Marsa. Hawnhekk sabet tistenniehom banda komposta minn bosta bandisti volontiera li daru jdoqqu l-innijet Trinitarji mad-war xi toroq tal-parroċċa. X'ħin waslu ħdejn il-knisja tpoġġew fost l-entużjażmu fuq il-pedestalli.[12] F'din il-festa 1996 iżżanżan l-innu marċ lill-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita', kliem u mużika tas-Segretarju ta' l-Għaqda s-Sur Saviour Spiteri.[13] Ta' kull sena l-Għaqda bdiet toħroġ flokkijiet biex jitlibsu fil-jiem tal-festa titulari. L-ewwel flokkijiet kien ħariġhom l-ewwel kumitat bil-kwadru titulari fuqhom u fis-snin ta' wara saru diversi flokkijiet

differenti fosthom b'arma tat-Trinita', ta' l-Għaqda tal-Festa tal-Masa, il-faċċata tal-knisja u oħrajn. F'dik is-sena 1996 kienu saru flokkijiet b'disinji sbieħ kompluti b'shorts. Il-festa kienet qamet is-somma ta' 11,598,50c[14] Din id-darba n-nar ta' l-ajru nħadem fil-fabbrika ta' l-Imqabba.

## RIVALITA' BEJN IŻ-ŻEWĠ PARROĊĊI

Fil-festa ta' 1996 nħasset iktar ir-rivalita' bejn iż-żewġ parroċċi tal-Marsa fil-festi rispettivi tagħhom. Ħaġa li kibret matul is-snin u bdiet tinkwieta lill-awtoritajiet tal-buon ordni, il-pulizija u l-awtoritajiet tal-knisja. Il-Kumitat ta' l-Għaqda beda jkollu kuntatti mal-Kumitat tal-Festa ta' Marija Reġina biex jiġu evitati xi nċidenti u jbiegħedu kemm jistħgu s-sitwazzjoni taħraq bejn iż-żewġ parroċċi. Dan sar fuq talba tal-Kappillani.Il-festa ta' 1996 imex-xiet ħafna u kienet ċertifikat li għamlet aktar kuraġġ u tkompliet tħeġġeġ sabiex il-ħidma tkabbar il-ferħ tal-festa titulari.

L-għada tal-Laqgħa Ġenerali li saret fit-18 ta' Settembru 1996 ġie ffurmat il-Kumitat il-ġdid li kien kompost mill-Kappillan P. Effie Mallia, Prokuratur, Fra Antnin Vella, President Emmanwel Felice, Segretarju Saviour Spiteri, Kaxxier Charles Turner , Viċi-President Eddie Abela, Ass. Segretarju Dennis Scerri, Ass. Kaxxier Joe Mercieca, Direttur Edward Portelli, Ass. Direttur Saviour Spiteri u Membri is-Sinjuri Raymond Meli, Paul Debattista, Alfred Falzon, Silvio Cordina, Joe Falzon u Joe Micallef.[15]

Is-Sur Silvio Pace ġie nkarigat mill-Kumitat u ddisinja l-pedestall ta' l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa l-ġdida, liema pedestall kellu jiġi għoli u jħares għall-faċċata tal-knisja quddiem il-ħanut tas-Sur Espedito Tabone. Peress li ħafna żgħażagħ kienu qed jirrispondu tajjeb għall-attivitajiet li bdew isiru ġie afdat f'idejn, il-Kumitat taż-Żgħażagħ il-party tal-Milied tat-tfal. Din is-Sezzjoni taż-Żgħażagħ bdew jorganizzaw bosta attivitajiet bħal Discos għaż-żgħażagħ, f'ambjent tajjeb fil-post tal-festa. Il-membri żgħażagħ, flimkien mal-kbar komplew ix-xogħol kollu ta' l-iskultura fil-pedestalli tas-Santi Padri, waqt li saru 20 antarjol ieħor tal-ħadid u tkomplija ta' bosta pavaljuni u bandalori. Għall-ewwel darba f'din is-sena, fil-bidu ta' 1997 inħareġ djarju li tqassm bieb, bieb, lill-parruċċani kollha li fih tagħrif fuq il-parroċċa tat-Trinita' Qaddisa flimkien mal-kalendarju li jsir kull sena.[16]

---

1 Programm tal-festa 1994.
2 Korrispondenza 16-12-93.
3 Korrispondenza 21-3-94.

3 Korrispondenza 21-3-94.
4 Korrispondenza 1-5-94.
5 Mill-minuti tas-seduta 13-10-94.
6 Programm festa Ġunju 1995.
7 Nhar l-4 ta' Diċembru 1994 fis-Sala San Duminku tal-Belt Valletta twaqqfet l-Għaqda tal-Festi Esterni b'isem "Federazzjoni Festi Reliġjużi Esterni, Malta" miċ-ċirkulari 20-1-95.
8 Minuti tas-seduta 26-1-95.
9 Fuljett il-Marsa Ġunju 1996.
10 "Il Marsa" Mejju 1997.
11 Id-donazzjoni mis-Sur Charles Attard saret fil-25 ta' Mejju 1996.
12 "Il-Marsa" programm festa 1997.
13 L-Innu ġie ppubblikat fil-"Il Marsa" Ġunju 1996.
14 Rendikont festa 1996.
15 Minuti tas-seduta 19-9-1996.
16 Rapport Annwali 1996/96.



**L-Istatwa ta' San Mikiel**





L-istandard ta' l-Għaqda
u l-membri ma' l-istatwa tas-SSma Trinità

# IL-FESTI F'DAWN L-AĦĦAR SNIN

Fl-ewwel tmint ijiem ta' Marzu 1997 l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' għaddiet minn esperjenza ta' niket meta l-mewt ħasdet żewġ membri żgħażagħ fil-Kumitat taż-Żgħażagħ ta' l-istess Għaqda. Dawn kienu Evan Ciantar ta' 25 sena li miet b'disgrazzja u ġimgħa wara tħabbret il-mewt ta' Charlie Zahra ta' 22 sena. Dawn iż-żewġ membri kienu jiffurmaw parti mill-ewwel Kumitat taż-Żgħażagħ li twaqqaf fi ħdan l-Għaqda fl-1990. It-telfa ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ membri tal-kumitat kienet esperjenza xejn sabiħa li ħalliet lill-Għaqda f'luttu. Il-membri ħadu sehem attiv fiż-żewġ funerali kemm ta' Evan Ciantar li sar fil-parroċċa u ta' Charlie Zahra li sar fil-kappella taċ-ċimiterju ta' Marija Addolorata, f'Raħal il-Ġdid. Peress li l-attivitajiet tal-festa kienu tant viċin tħassru xi wħud minnhom bħala rispett lejn dawn il-membri li ħallewna.[1] Aħbar kerha oħra waslet lill-Kumitat meta tħabbret il-mewt ta' Patri Kasjan Tabone O.F.M. Kap li miet f'Mejju ġewwa Ruma u l-funeral tiegħu sar fil-parroċċa tagħna nhar il- 15 ta' Mejju. Dan il-patri Kapuċċin kien benefattur ma' l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' u għamel bosta xogħolijiet għaliha.

## FESTA BLA LOGĦOB TAN-NAR

Il-festa titulari għalkemm ġiet iċċelebrata bl-istess solennita' bħas-soltu bejn is-17 u l-25 ta' Mejju ħadet daqqa ta' ħarta, meta fl-aħħar ħinijiet l-awtoritajiet ċivili żammew l-permessi kollha tal-logħob tan-nar ta' l-ajru. Dan il-fatt ġara fil-jiem propju tal-festa meta wara ħafna preparamenti ġie miżmum kollox meta l-awtoritajiet riedu jinfurzaw ir-regolamenti u l-festa tal-Marsa kienet l-ewwel waħda f'dan ir-rigward. Din id-deċiżjoni ġabet rabja u tensjoni tant li l-mezzi tal-komunikazzjonijiet u l-ġurnali kienu f'tellieqa jitkellmu fuq dan is-suġġett. Kien hemm ħafna li tħabbtu biex il-logħob tan-nar tal-festa jinħaraq minn postijiet oħra bħal ma' huwa l-Marsa Sports Grounds u saħansitra nġieb barkun biex jinħaraq lejn il-Menqa. Fost dawk li tħabbtu mas-Segretarju u l-Membri tal-Kumitat kien hemm l-aħwa Pullu u Chalie Pace ma' Joe Meilaq u Ġużi Vella (ex-membri tal-Kumitat), flimkien mas-Sindku tal-Marsa Francis Debono. Iżda minkejja kull attentat, kollox irriżulta fin-negattiv. L-uniku permess minn fejn seta' jinħaraq in-nar ħareġ biss fuq il-baħar lejn xatt Pinto 3, kważi ħdejn it-Telgħa tal-Kurċifiss il-Furjana.[2] F'dawn iċ-ċirkustanzi kollha, il-Kumitat iddeċieda li l-festa ssir xorta waħda iżda bla nar. Din il-kwistjoni tal-permessi tal-logħob tan-nar fil-festa tal-Marsa qajjmet qagħa sħiħa fil-festi l-oħra fil-gżejjer Maltin. Tant li bdew isiru diskussjonijiet biex tinstab soluzzjoni ġusta u jiġu emendati r-regolarmenti dwar il-permessi tal-ħruq tan-nar. Iżda bħal ma' jiġri dejjem il-festa tat-Trinita' Qaddisa fil-Marsa tiġi waħda mill-ewwel festi u b'hekk iduq l-ewwel direttivi li minn żmien għall-ieħor jinħarġu fuq il-festi.

## STANDARD ĠDID

Għalkemm il-kwistjoni tan-nar ġabet ċerta diżappunt kien hemm ukoll waqtiet u ġrajjiet ta' ferħ f'din il-festa 1997. Difatti fl-okkażjoni tal-ħruġ tal-Vara minn Niċċa fuq iz-zuntier tbierek mill-Kappillan Patri Effie Mallia O.F.M. Kap l-istandard ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' fil-knisja. Dan kien ilu jinħass il-bżonn tiegħu biex f'diversi okkażjonijiet li jkollha l-parroċċa l-Għaqda tkun rappreżentata bl-istandard tagħha. Il-kruċetta ta' l-istandard ġiet irregalata lill-Għaqda mill-Viċi-Sindku s-Sur Anthony Caruana. Din inħadmet għand is-Sur Twanny Zammit minn Ħal Qormi. L-istandard sar fuq disinn ta' Noel Zerafa u ġie meħjut minn Jesmond Buhagiar, waqt li tpitter minn David Borg. L-ewwel standard ta' l-Għaqda kien sar f'Ottubru 1980 bi drapp aħmar u blu, bl-arma tat-Trinita' fuq sfond abjad. Dan tħallas mill-President is-Sur Ġiġi Vella. Il-kruċetta ġiet ipprovduta minn Fra Antnin Vella O.F.M. Kap u nxtrat virga.[3] Fl-1982 kellu jsir wieħed ġdid li kien se jiġi ordnat u jitħallas mill-kumitat, iżda għal xi raġuni ma' kienx sar.[4] Fil-festa ta' 1997 kienu ġew imżanżna f'din l-okkażjoni qomos u ngravati b'arma ta' l-Għaqda, kif ukoll saru flokkijiet oriġinali tas-satin b'sistema ġdida ta' printing f'Malta.

## L-ISTATWA TAT-TRINITA' QADDISA TA' TRIQ IS-SALIB

Meta l-festa kienet qorbot sewwa, l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa ta' faċċata tal-knisja kien għadu qed isir ix-xogħol fuqha mill-istatwarju il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi, tant li kienet bla żebgħa, bla anġli u mingħajr induratura. Il-membri ta' l-Għaqda marru għaliha f'xi d-9.00 ta' fil-għaxija f'lejliet il-festa titulari, fl-24 ta' Mejju 1997, fejn inġiebet miżbugħa biss. F'xi l-10.00 ta' fil-għaxija wara li nġiebet fuq trakk ittellgħat fuq il-pedestall miġjub mill-Kumitat tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta. Il-Marsin miġbura quddiem il-knisja, li xi wħud minnhom kienu qatgħu qalbhom li jarawha f'din il-festa nfexxu f'ċapċip u kant ta' l-innu lit-Trinita' Qaddisa, avolja l-istatwa ma' kienitx lesta għal kollox u għadha ċċappas. Ir-raġġiera ta' l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa nħadmet mis-Sur Twanny Zammit.[5] Fost dawk l-aktar li kienu ferħanin kienu żgur is-Sur Charles Attard (tal-Billy Boy) membru u benefattur ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' u għaqdiet oħra fil-Marsa. Kien is-Sur Charles Attard li minn flusu ħallas l-istatwa li qamet is-somma ta' 2153 lira. Fil-festa tas-sena ta' wara l-istatwa ġiet indurata u żiedulha tliet anġli żgħar, tnejn fil-ġnub, wieħed bi twavel tal-kmandamenti t'Alla u l-ieħor qed iżomm ma' l-univers f'idejn il-Missier. L-anġlu l-ieħor jinsab l'isfel, qalb is-sħab iżomm it-tarf tas-salib f'idejn l-Iben Sidtna Ġesu' Kristu. B'din il-ġrajja sabiħa fi ħdan il-Għaqda nisslet ix-xewqa li l-vara titulari ta' ġewwa l-knisja tiġi restawrata kif fil-fatt ġara wara. Il-Kumitat ta' l-Għaqda kien ta rigal ta' tifkira lis-Sur Charles Attard wara li dan b'ġest ta' ġenerosita' irregala l-istatwa lill-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' Marsa.



Il-Pedestall ta' l-Istatwa fi Triq is-Salib

Okkażjoni oħra sabiħa li seħħet fil-festa 1997 kien li ħabat il-Ħamsin Anniversarju tas-Sur George Camilleri bħala membru attiv fil-Marsa Scouts Group. Għalhekk il-membri tal-kumitat b'rikonoxxenza lejh u lejn il-Grupp ta' Marsa Scouts li dejjem taw is-servizz tagħhom fil-festa bla ħlas ta' xejn irregalatlu rigal bħala tifkira.[6] Minkejja li l-Għaqda tieħu ħsieb l-armar, baned u logħob tan-nar dejjem ftit jew wisq sar xi armar għal waqt il-briju tal-marċi. Biex tkompli tinżamm din it-tradizzjoni b'dedikazzjoni kbira miż-żgħażagħ saru bosta ħwejjeġ bħal umbrelel, bnadar, imriewaħ u bandalori li huma xogħol artistiku li jżidu ma' l-atmosfera tal-ħoss tal-mużika tal-baned.

Kienet għadha kemm għaddiet il-festa ta' l-1997 li nbeda x-xogħol fuq il-pedestall il-ġdid għall-istatwa tat-Trinita' Qaddisa ta' faċċata tal-knisja. Ix-xogħol fl-injam sar mis-Sur Eddie Abela u Raymond Meli, żewġ membri fil-kumitat megħjjuna mill-membri u volontiera oħra Marsin. Is-Sur Joseph Attard kien responsabbli fix-xogħol tal-ħadid bl-antarjoli l-ġodda u l-gradi ta' madwar il-pedestalli tas-Santi Padri u oħrajn. Fi ħdan l-Għaqda twettqu ħidmiet kbar ta' restawr u opri ġodda f'pavaljuni, bandalori, sfumar u ħwejjeġ oħra konnessi ma' l-armar tal-festa ta' barra. Fl-1997, fl-okkażjoni ta' l-għeluq l-10 snin mill-kariga tal-President ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' sar riċeviment f'ġieh is-Sur Emanwel Felice fejn ngħata rigal bħala tifkira.

## L-GĦAQDA TINGĦATA L-INNU TA' CASAPINTA

Fis-26 ta' Awissu 1997 l-innu l-kbir tas-Surmast Josph Casapinta ngħata b'kuntratt lill-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' Marsa. Is-Sur Mikiel Saliba b'approvazzjoni tas-Sur Frans Cilia u sħabu għaddew il-partituri kollha ta' l-innu lill-Għaqda. Hija rċeviet l-innu fejn refgħat ir-responsabilta' tiegħu u wegħdet li fl-ewwel okkażjoni dan jindaqq. Il-kuntratt ġie ffirmat mis-Sur Mikiel Saliba f'isem l-ex-kumitat ta' Triq Zerafa u ex-direttur ta' l-armar. Għall-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' iffirmaw il-President Emanwel Felice, is-Segretarju s-Sur Saviour Spiteri u l-Kaxxier Chalie Turner.

## JITRESSAQ STATUT IEĦOR

Il-Kappillan Patri Effie Mallia kien issuġerixxa u ppropona li jinbidel l-istatut u jsir wieħed ġdid li ġa kien lest u b'hekk isir ix-xoljiment tal-Kumitat.[7] Għal din il-proposta l-Kumitat ma' aċċettax u kien lest li jibqa' bl-istatut li sar qabel mal-Kappillani l-oħra. Il-Kappillan qal li din il-ħaġa se tintbagħat il-Kurja ta' l-Arċisqof, biex tmexxi hija fuq hekk.[8] Fis-16 ta' Ottubru 1997 ġie diskuss l-istatut il-ġdid u ma' ġiex approvat la fil-Kumitat tal-Kbar u lanqas f'taż-Żgħażagħ. Wara li saret laqgħa oħra mal-Gwardjan Patri Valentine Callejja u

u l-Provinċjal tal-Kapuċċini Patri Philip Cutajar, ġie deċiż illi tissejjaħ Laqgħa Ġenerali u l-membri jaraw x'jiddeċiedu huma.[9] Nhar il-11 ta' Novembru 1997 issejħet Laqgħa Ġenerali li għaliha attendew il-Kappillan, il-Gwardjan, il-Provinċjal u 41 membru. Fil-laqgħa nqara l-istatut li l-Kurja kienet taf bih u ġie spjegat. Intqal illi dan se jintbagħat lill-parroċċi oħra, iżda l-parroċċa tagħna se tkun l-ewwel waħda f'dan ir-rigward. Il-membri preżenti unanimament ma' qablux ma' dan l-istatut u jekk fil-każ iridu jinbidlu xi emendi fl-istatut, irid isir qbil mal-Kumitat u wara jiġi approvat mill-membri ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita'.[10]

## MWAQQAF IL-KUMITAT TA' 'HELPERS' NISA U L-FESTA 1998

Fit-18 ta' Novembru iltaqa' il-Kumitat il-ġdid u mal-membri tas-sena ta' qabel żdiedu Hector Scicluna u Lloyd Caruana. F'Jannar ta' l-1998 spiċċa mill-Kumitat Fra Antnin Vella O.F.M. Kap għaliex floku bħala Prokuratur ġdid laħaq Patri Charles Bugelli O.F.M. Kap u daħal fil-Kumitat.[11] Fra Antnin Vella kien ilu jattendi s-seduti tal-Kumitat sa mit-twaqqif ta' l-Għaqda u kien ta' għajnuna kbira lill-Għaqda. Il-Għaqda dejjem kellha nisa u tfajliet li jaħdmu volontarjament b'imħabba lejn il-festa titulari. F'din is-sena 1998 ġie mwaqqaf il-Kumitat ta' 'helpers' nisa ta' l-Għaqda li kien iffurmat mis-Sinjura Patricia Abela, is-Sinjura Michelle Scicluna, is-Sinjura Josephine Bugeja, is-Sinjura Salvina Dimech u s-Sinjorina Graziella Schembri.[12] Fl-ewwel sena ta' ħidma tagħhom organizzaw diversi attivitajiet, fosthom Bar-B-Ques u ħarġiet għall-festi u għall-ewwel darba kompetizzjoni għall-aħjar kostum fil-jiem tal-Karnival. Dan intrebaħ minn Christian Busuttil. Il-'helpers' nisa għenu wkoll fix-xogħol manwali billi żebgħu l-gradi tal-pedestalli u xogħol ieħor.

Is-Sezzjoni Sports ta' l-Għaqda kienet waħda attiva tant li sar Summer League għall-membi, saru kompetizzjonijiet tal-Billiard Singles, ieħor Double u "One Day Tournament" ta' l-Snooker. Saret kompetizzjoni tad-darts u t-tim ta' l-Għaqda fil-football għat-tieni sena ħa sehem fil-kompetizzjoni ta' l-A.S.C. fejn ħa l-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni. Ma' ninsewx li meta t-tim jilgħab, jiġbed lejh supporters Trinitarji

Il-festa titulari ġiet iċċelebrata nhar is-7 ta' Ġunju 1998. Il-problema tannar f'din il-festa ġiet solvuta peress li ngħata permess li jista' jiġi sparat in-nar mill-inħawi tal-Marsa Sports Ground magħrufa bħala l-Marsa ta' l-Ingliżi. Iddawl ġie fdat lill-kuntrattur Laurence Cassar u għall-festa tlestiet l-istatwa ta' San Mikiel Arkanġlu li nħadmet mis-Sur Pawlu Aquilina f'Għawdex u ġiet irregalata lill-Għaqda mill-Kumitat taż-Żgħażagħ u qamet 450 lira. Din inġiebet il-Ġimgħa fil-għaxija u ttellgħet is-Sibt fuq il-pedestall misluf mill-Kumitat tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Gżira. Għall-festa, wara sena ħidma

kontinwa saru diversi opri ta' restawr, pavaljuni ġodda u oħrajn ġew sfumati. Inħadmu arbli, labardi u l-pedestalli tal-Papa u l-Qaddisin ta' Triq Zerafa ngħataw dehra ġdida bir-restawr li sar fuqhom. F'din is-sena kien inħadem l-ewwel fażi tal-pedestall tat-Trinita' Qaddisa ta' faċċata tal-knisja bit-tħabbrik ta' Raymond Meli u Eddie Abela, mgħejjuna minn bosta volontieri u membri. In-nar ta' l-ajru nħadem fil-fabbrika ta' l-Imqabba u dak ta' l-art ġie maħdum mill-Għaqda Mużikali "Victoria" tan-Naxxar u tħallset is-somma ta' 600 lira għall-ġiġġifogu. Il-festa ta' 1998 qamet lill-Kumitat ta' l-Għaqda s-somma ta' 14,881.56 ċenteżmu.[13] Il-membri ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' sa mit-twaqqif tagħha, dejjem tat l-għajnuna meħtieġa fil-knisja parrokkjali tat-Trinita' Qaddis fl-armar li din tirrekjedi matul is-sena kollha. L-Għaqda wkoll għandha rabta mal-vara titulari u biex issaħħaħ din il-ħaġa rregalat somma flus għar-restawr tal-vara u l-membri Eddie Abela u Raymond Meli mgħejjuna minn sħabhom ħadmu bankun tal-ġewż għall-forċini. L-arma u l-iskultura saret mis-Sur Marcellino Grech mill-Marsa. Dan ġie rregalat lill-knisja mill-Għaqda u s-sena ta' wara ġie llustrat.

## L-GĦAQDA WAQT IL-PROVA

Wara l-festa ta' 1998 saret il-Laqgħa Ġenerali fejn minħabba li riedu jsiru ċerti preparamenti għas-sena 2000 li jaħbat il-25 anniversarju mit-twaqqif ta' l-Għaqda ġie deċiż li l-Kumitat jitla' għal sentejn 1998-2000. Dan kien ġie ffurmat mill-Kappillan Patri Effie Mallia Kapuċċin, Patri Charles Bugelli Kapuċċin, President Emanwel Felice, Segretarju Saviour Spiteri, Kaxxier Charles Turner, Viċi-President Eddie Abela, Ass. Segretarju Mario Portelli, Ass. Kaxxier Brian Portelli, Direttur Hector Scicluna, Ass. Direttur Edward Portelli u l-membri Joe Micallef, Alfred Falzon, Joe Mercieca, Raymond Meli, Lloyd Caruana, Charles Zammit, Paul Debattista.[14] Il-Kumitat taż-Żgħażagħ ġie iffurmat minn dawn il-persuni: Elton Scicluna, Dino Farrugia, Jean Pierre Grech, William Debattista, Hugh Abela, Rudolph Azzopardi, Joseph Spiteri, Jason Rapa, Mario Scerri, Joseph Debono, Emmanuel Scicluna.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju beda x-xogħol fuq il-pedestalli u trofej taz-zuntier u l-pedestalli l-kbar kif ukoll it-tkomplija fuq il-pedestall il-ġdid tat-Trinita' Qaddisa kemm tal-faċċata tal-knsija u dak ta' Triq il-Marsa. Ħafna statwi, fosthom taz-zuntier u tat-Trinita' ta' Triq il-Marsa ġew meħudin Għawdex għal xogħol ta' restawr minn Pawlu Aquilina. Il-ħidma qabdet ir-ritmu tas-soltu. Iżda f'daqqa waħda reġgħet tfaċċat il-problema ta' l-istatut il-ġdid li l-Kappillan xtaq iressaq bi ftehim mal-Kurja. Il-Kumitat ma' dan l-istatut xtaq li jibqa' bl-istatut li sar qabel. B'hekk ma' kienx se jiġi rikonoxxut la hu u lanqas l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita'.[15] Il-Kumitat f'isem l-Għaqda ħa l-parir ta' l-avukat Jose' Herrera. Il-kwistjoni kompliet, meta ġie maqful il-Jhansi Hall fejn kien hemm xi armar tal-festa u ġew iffirżati l-flus tal-festa titulari.[16] Bdew isiru laqgħat mal-Vigarju Ġenerali Mons. Annetto

Depasquale biex tinstab soluzzjoni. Għalkemm iż-żmien baqa' għaddej, il-ħidma fi ħdan l-Għaqda baqgħet sejra xorta waħda. Is-sitwazzjoni ħarġet fil-ġurnali b'diversi artikli u peress li l-ġranet igerrbu malajr, il-Ġimgħa 26 ta' Marzu 1999 tqasmet ċirkolari fid-djar tal-parroċċa. Din kienet tispjega li jekk l-affarijiet jibqgħu kif inhuma, il-festa ta' barra ma' kienitx ser issir u sejħet lil dawk interessati u l-membri ta' l-Għaqda għal-Laqgħa Ġenerali Staordinarja. Din kellha ssir nhar Ħadd il-Palm 28 ta' Marzu fil-post tal-festa.[17] Is-Sibt 27 ta' Marzu 1999 il-Kumitat ġie mkeċċi mill-pulizija fuq ordni ta' l-awtorita' tal-parroċċa minħabba ċ-ċirkolari li tqassmet lill-parruċċjani.[18] Il-membri mgħejjnua minn diversi volontiera Marsin ġarrew l-affarijiet kollha ta' l-Għaqda għall-post 19, Triq il-Għolja tal-Ġiżwiti, li nkera biex iservi post temporarju għall-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita'. Wara din il-ġrajja li ħolqot ferment sħiħ fil-parroċċa reġgħu bdew isiru l-laqgħat mill-partijiet kollha konċernati, il-Kurja, il-Kappillan, il-Provinċjal u l-Għaqda biex is-sitwazzjoni tirranġa ruħha. Għal din il-laqgħa kienu preżenti l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Awżiljarju Annetto Depasquale, il-Proviċjali, Rev. Patri Krispin Kapuċċin, il-Kappillan Effie Mallia u f'isem l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita', Marsa il-President is-Sur Emanwel Felice, Segretarju s-Sur Saviour Spiteri, Kaxxier is-Sur Chalies Turner u l-Viċi President is-Sur Eddie Abela.[19] Wara diskussjonijet fit-tul intlaħaq ftehim nhar is-Sibt 10 ta' April u b'hekk kollox reġa' ġie kif kien qabel u l-Għaqda rritornat fil-lokal fejn twaqqfet erbgħa u għoxrin sena qabel.[20] Minkejja l-problemi kollha, l-Għaqda baqgħet miexja fis-sezzjonijiet, tal-Kbar, Żgħażagħ, Helpers Nisa u s-Sezzjoni Sports. Tant li ġie organizzat League għal kulħadd u ħadu sehem 8 timijiet. F'dan it-tournament it-tim ta' l-Għaqda spiċċa fit-tieni post. F'Settembru t-team tal-football reġa' beda fl-Ewwel Diviżjoni tal-kampjonat tal-A.S.C. u spiċċa ma' l-ewwel erbgħa u f'kull okkażjoni li lagħab dejjem kellu support mill-partitarji Trinitarji.

## IL-FESTA SSIR BĦAS-SNIN L-IMGĦODDIJA

Il-festa ġie iċċelebrata bħas-soltu nhar it-30 ta' Mejju 1999. Fost l-armar ġdid tlestew iż-żewġ statwi l-oħra tas-Santi Padri San Atanasju u San Ilarju. Dawn inħadmu mill-istatwarju Alfred Camilleri Cauchi u qamu 600 lira 'l waħda.[21] L-amar taz-zuntier u ta' madwar il-knisja ġie miżbugħ mill-membri u rħamat kollu minn Carmelo Pisani minn Ħal Luqa. Nhar il-festa titulari ta' l-1999 kien ġara nċident meta karozza fi Triq Zerafa baqgħet dieħla fuq il-pedestall u l-istatwa ta' Beatu Diedigus u għamlitlu ħsara kbira.[22] Inċidenti simili ġraw fis-snin l-imgħoddija f'arbli u pilandri l-iktar fi Triq il-Marsa. Ħsarat oħra fuq l-armar tal-festa seħħew bħal fil-marċ tal-Ġimgħa fil-festa 1977, meta tkisser anġlu fi Triq Balbi jew inkella bil-maltemp li ġieli ħakem waqt il-jiem tal-festa. Fl-1999 l-Għaqda fil-festa ħarġet l-ewwel C.D. fil-Marsa b'innijiet tat-Trinita' Qaddisa u ta'l-Għaqda. Fiha hemm ukoll żewġ diski "Champions tal-Festa" u "Le Le Ma Niċħdek Qatt". F'din il-festa, il-Każin tal-



**Il-bankun tal-forċini tal-Vara Titulari li għandha rabta ma' l-Għaqda**

Banda żanżan l-ewwel fażi tal-planċier il-ġdid li jrid jiġi nawgurat 'il quddiem. Dan inħadem mill-membri tal-Każin tal-Banda Trinita' Qaddisa li huma s-Sinjuri Kenneth Vella, Tonio Borg, Salvu Testa u Joe Zammit.

Pass pożittiv fil-festa ta' 1999 kien li bejn il-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' u l-Banda Trinita' Qaddisa bdew jsiru laqgħat biex ir-relazzjonijiet jerġgħu lura għan-normal. Din il-ħaġa ntlaqgħet tajjeb mill-Marsin u b'hekk inħasset iktar l-għaqda fil-jiem tal-festa b'sodisfazzjon għal kulħadd. Dawn id-diskussjonijiet tkomplew wara l-festa. Ġie mifthiem li jsir ftehim bejn iż-żewġ partijiet involuti u l-Kappillan il-ġdid tal-parroċċa Patri Emanwel Abela O.F.M. Cap., qed jaħdem għal dan il-ftehim minn mindu laħaq Kappillan. Kien f'Settembru 1999, li l-Kappillan Patri Effie Mallia Kapuċċin spiċċa minn Kappillan tal-parroċċa. Il-Kumitat ta' l-Għaqda rregala lill-Kappillan pjaneta li ngħatat nhar il-Ħadd 24 ta' Ottubru fl-aħħar quddiesa tiegħu fil-parroċċa. F'din l-okkażjoni ngħata kalċi bħala tifkira mill-parroċċa, fejn l-Għaqda tat is-sehem tagħha għal dan ir-rigal. F'Novembru tħabbret il-ħatra tal-Kappillan il-ġdid Patri Emanwel Abela, Kapuċċin mill-Marsa.

## ĊELEBRAZZJONIJIET TA' TIFKIRA

Il-preparazzjoni għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-għeluq il-25 sena ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinita' fil-Marsa bdew ħafna qabel iż-żmien, imma laħqu l-qofol tagħhom meta nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju 1999 saret laqgħa għall-Kumitati tal-Kbar, taż-Żgħażagħ u Sezzjoni Helpers Nisa, biex flimkien jaħdmu f'kummissjonijiet għall-ewwel festa tal-millennju u li fiha jitfakkar kif inhu xieraq l-anniversarju ta' l-Għaqda. Ġew iffurmati diversi kummissjonijiet għall-attivitajiet diversi bejn Mejju u Ġunju. Fil-programm insibu quddiesa ta' radd il-ħajr, exhibition, laqgħat reliġjużi, soċjali, karittativi, avvenimenti sportivi, baned u Akkademja Mużiko Letterarja fis-sala tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu', il-Marsa taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta Dr. Guido De Marco. Fiha ser jindaqq l-Innu l-Kbir tas-Surmast Joseph Casapinta. Il-quċċata tal-festi jagħlqu f'jum il-festa titulari li se tiġi ċċelebrata l-Ħadd 18 ta' Ġunju 2000.

## ARMAR ĠDID DIN IS-SENA

F'din l-aħħar sena saru bosta opri ġodda artistiċi fost l-oħrajn l-istatwa ta' San Girgor ta' Nissa. Dan inħadem mill-istatwarju l-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi u nġabret mill-Kumitat taż-Żgħażagħ Festi Esterni SSma. Trinita'.

Minn wara l-festa 1999 sal-festa tas-sena 2000 sar sforz kbir biex għall-okkażjoni tal-25 sena anniversarju ta' l-Għaqda jsiru wkoll opri ġodda. F'din is-sena se jiġi mżanżan minn kolox il-pedestall il-kbir tat-Trinita' Qaddisa

ta' quddiem il-knsija. Il-pedestall jintrama f'38 biċċa u huwa tassew opra artistika. Ix-xogħol fl-injam inħadem minn Raymond Meli u Eddie Abela mgħejjuna mill-membri ta' l-Għaqda. Sar xogħol għalih tal-ħadid minn Joe Attard, waqt li l-iskultura saret minn Jesmond Fenech u nduratura ta' Joe Fenech. L-irħamar sar minn Carmelo Pisani. Huwa irħama l-pedestalli l-kbar ta' taħt iz-zuntier wara li ġew restawrati u miżbugħa mill-membri. Fil-waqt li fil-pilandri u l-brazzi tad-dawl saret sistema ġdida ta' armar u dawl minn Dione Cefai. Il-pedestall ta' Malta Rebbieħa ġie kważi maħdum mill-ġdid fuq l-istil oriġinali tiegħu mill-membri ta' l-Għaqda. Wara kemm il-pedestall kif ukoll l-istatwa ta' Malta ġew miżbugħa minn Emanwel Fenech. Mal-pedestall żdiedu l-armi ta' Malta u ta' tliet Gran Mastri ta' l-Ordni ta' San Ġwann li għandhom rabta ma' l-Assedji u l-Marsa. Dawn huma il-Gran Mastru Jean de La Vallette, Jean d'Omedes u Mauel Pinto. Il-pedestalli tal-qaddisin ta' Triq Zerafa saritilhom skultura minn Jesmond Fenech fuq disinji ta' Joe Saliba. L-istatwa tal-Beatu Diedigus li ġarrbet ħsara fil-festa 1999 ġiet irranġata minn Fabrimar Ltd.u Emanwel Fenech. Fl-istess ħin, l-istatwa tat-Trinita' Qaddisa ta' Triq il-Marsa nżebgħat mill-ġdid minn Joe Fenech. Pedestall ġdid ieħor sar għall-istatwa ta' San Mikiel fuq disinn ta' Silvio Pace u xogħol fl-injam ta' Adrian Caruana, l-istess wieħed li ħadem l-iskultura għall-kanolli ta' Triq Balbi. Inħietu minn Annie Pisani l-4 bandalori ġodda għaz-zuntier fuq disinn ta' Silvio Pace. Matul dawn l-aħħar żminijiet is-Sur Silvio Cordina kompla bil-paċenzja jaħdem il-liedna tal-fustuni għal kważi t-toroq tal-parroċċa kollha flok il-qodma. John Camilleri ndura l-iskultura tal-pedestalli l-kbar u taz-zuntier. Bil-ħidma tal-membri ta' l-Għaqda għall-vara titulari sar is-salib tal-kewba maħdum minn Raymond Meli u x-xettru tad-deheb minn Louis Carabott u nġiebu l-flus minn għand benefattriċ għar-Raġġiera tal-vara.

Għall-okkażjoni tal-25 sena anniversarju sar xogħol estensiv u biex tingaħta dehra attrajenti lill-post tal-Għaqda li huwa l-bejta ta' l-attivitajiet u l-moħħ tal-festa. Fuq inizjattiva u disinn tal-Kappillan Patri Emanwel Abela O.F.M. Kap, il-membri ħadmu pavaljun tad-dawl fi Triq Balbi bis-snin1975,2000 fi tliet ċrieki u l-emblema tat-Trinita' Qaddisa fin-nofs li tpoġġa f'Jannar għal tul is-sena kollha. Għall-Grazzja t'Alla, l-Għaqda dejjem kienet imżejjna b'nies ta' sengħa u diversi volontiera u membri oħrajn li taw ħinhom fis-skiet f'xogħol li ma' jidhirx u mpossibbli tniżżel l-ismjiet tagħhom kollha. Dan ix-xogħol ta' ħidma jiswew mitqlu deheb bħal ma' huma l-ġbir, żebgħa, xkatlar, tindif, trasporti, dawl, xogħol f'armar u mitt ħaġa oħra li ssir b'imħabba lejn il-festa titulari tat-Trinita' Qaddisa.

---

[1] Rapport Annwali 1996/97. Il-Marsa Mejju 1997.
[2] Il-Marsa Ġunju 1998.
[3] Mill-minuti tas-Seduta 29-10-80.

4 Mill-minuti seduta 11-3-82.
5 Rapport Annwali 1997/98.
6 Il Marsa Mejju 1997.
7 Mill-minuti tas-seduta 21-8-97.
8 Mill-minuti tas-seduta 26-8--97.
9 Mill-minuti tas-seduta 30-10-97.
10 Mill-minuti tas-Seduta Ġenerali 11-11-97.
11 Mil-minuti tas-Seduta 20-1-98.
12 Il Marsa Ġunju 1998.
13 Rendikont tal-festa ta' barra 1998.
14 Mill-minuti tas-seduta 12-10-1998.
15 Mill-minuti tas-seduta 16-10-1998.
16 Mill-minuti tas-seduta 16-10-1998.
17 Miċ-ċirkulari li tqassmet fid-djar.
18 Nota fil-minuti 27-3-99.
19 Il Marsa Mejju 1999.
20 Mill-minuti tas-seduta 15-4-1999
21 Tagħrif miġbur minn Edward Portelli ta' Triq Zerafa.
22 The Times 31-5-99.

## NOTA:

Ħafna mit-tagħrif huwa meħud mill-minuti tas-seduti ta' diversi snin tal-kumitati ta' l-Għaqda, Rapporti Annwali, finanzjarji, Laqgħat Ġenerali, "Il Marsa" u minn persuni li għexu l-ġrajjiet involuti.











## Kappillani fl-Għaqda tal-Festa

# LEJN FUTUR B'OTTIMIŻMU

Meta wieħed iħares lura lejn din l-attivita' kollha u ħafna ħwejjeġ oħra li mpossibbli li nsemmu kull ħaġa li seħħet fil-ħidma għall-festa titulari tintela bil-kuraġġ.

Kif jgħidu l-imħabba tagħmel il-mirakli u hekk hu: għaliex ħafna Marsin taw l-enerġija tagħhom mgħejjuna mill-ġenerosita' tal-poplu Marsi għall-festa għażiża tat-Trinita' Qaddisa, li kienet u għadha fi qlub il-Marsin. Fi żmien pjuttost qasir ħdejn ċerti parroċċi oħra qodma, il-festa tat-Trinita' Qaddisa fil-Marsa stabilixxiet ruħha tajjeb. Wara, dawk kollha li ħadmu b'sagrifiċċji personali hemm il-familji tagħhom li nkoraġġuhom u għinuhom f'dak kollu li ġie mwettaq. Magħhom hemm il-Marsin li dejjem kienu lesti li jagħtu kull għajnuna f'dak li kien meħtieġ għall-festa li hija l-ikbar ġrajja li sseħħ fil-parroċċa fejn tinvolvi tista' tgħid lil kulħadd.

B'din il-kitba ppruvajt inwassal xi ġrajjiet importanti, kemm fuq il-festa fl-imgħoddi u l-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita' Marsa, l-Għaqda li f'dawn l-aħħar 25 sena tat kontribut siewi għall-festi fil-Marsa. B'ħarsitna 'l quddiem mix-xitla li tħawwlet minn ta' qabilna u bl-enerġija taż-żgħar u żgħażagħ li fihom tinħass tbaqbaq l-imħabba lejn il-festa titulari, huwa tassew awgurju tajjeb lejn futur b'ottimiżmu li jqawwina lkoll. It-Trinita' Qaddisa tibqa' tbierek, tgħin u xxerred fuq il-Għaqda SSma. Trinita' u l-Marsin kollha xita ta' grazzji speċjali.






Il-Presidenti fl-Għaqda tal-Festa

# KARIGI FIL-GHAQDA FESTI ESTERNI SSMA. TRINITA', MARSA

## KAPPILLANI

| | | | |
|---|---|---|---|
| W.R.P. Diego Theuma O.F.M. Kap | 1975 | - | 1983 |
| W.R.P. Dumink Mangani O.F.M. Kap | 1983 | - | 1992 |
| W.R.P. Effie Mallia O.F.M. Kap | 1992 | - | 1999 |
| W.R.P. Emanuwel Abela O.F.M. Kap | 1999 | - | |

## PROKURATURI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Bro. Anthony Vella O.F.M. Kap | 1975 | - | 1998 |
| W.R.P. Charles Bugelli O.F.M. Kap | 1998 | - | |

## PRESIDENTI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Ġiġi Vella | 1975 | - | 1981 |
| Is-Sur Chalie Borg | 1981 | - | 1985 |
| Is-Sur Joseph Meilaq | 1985 | - | 1987 |
| Is-Sur Emanwel Felice | 1987 | - | |

## SEGRETARJI

| | | | |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Pawlu Dimech | 1975 | - | 1981 |
| Is-Sur Victor Cilia | 1981 | - | 1985 |
| Is-Sur Nazju Cilia | 1985 | - | 1986 |
| Is-Sur Dione Cefai | 1986 | - | 1993 |
| Is-Sur Mario Portelli | 1993 | - | 1995 |
| Is-Sur Saviour Spiteri | 1995 | - | |

## KAXXIERA

| | | | |
|---|---|---|---|
| Is-Sur Joe Vella | 1975 | - | 1982 |
| Is-Sur Matin Agius | 1982 | | |
| Is-Sur Chalie Turner | 1982 | - | |

## BANED LI NĠIEBU MILL-GĦAQDA TAL-FESTI ESTERNI SSMA. TRINITA'

## F'DAWN L-AĦĦAR 25 SENA FIL-FESTI FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| Banda Trinita' Qaddisa | Marsa |
| Banda San Ġużepp | Ħal Kirkop |
| Banda San Ġorġ | Ħal Qormi |
| Banda San Mikiel | Ħaż-Żabbar |
| Banda 12th May | Ħaż-Żebbuġ |
| Banda 'De Rohan' | Ħaż-Żebbuġ |
| Banda San Gabriel | Ħal Balzan |
| Banda La Vallette | Valletta |
| Banda Santa Katarina | Żurrieq |
| Banda King's Own | Valleta |
| Banda Marija Reġina | Marsa |
| Banda Queen Victoria | Żurrieq |
| Banda St. Helen | B'Kara |
| Banda Imperial | Mellieħa |
| Banda Mater Grazia | Ħaż-Żabbar |
| Banda Sagra Familja | Kalkara |
| Banda San Pawl | Ħal Safi |
| Banda Madonna tal-Karmnu | Balluta |
| Banda Anici | Ħal Qormi |
| Banda Beland | Żejtun |
| Banda S. Pietru fil-Ktajjen | B'Bugia |
| Banda Mount Carmel | Gzira |
| Banda Vittoria | Naxxar |
| Banda Santa Venera | Sta. Venera |
| Banda Sliema | Sliema |
| Banda San Gejtanu | Ħamrun |
| Banda Sant Andrija | Ħal Luqa |
| Banda Santa Marija | Mosta |
| Banda Brass Phoenix | Ingilterra |

## L-ISMIJIET TA' L-IRĠIEL U ŻGHAŻAGH LI TAW SEHEMHOM FL-GHAQDA TAL-FESTI ESTERNI SSMA. TRINITA' TAL-MARSA, BhHALA MEMBRI FIL-KUMITAT F'DAWN L-AHHAR 25 SENA MIT-TWAQQIF TA' L-GHAQDA.

1. Abela Eddie
2. Abela Hugh
3. Agius Martin
4. Aquilina David
5. Arnould Jesmond
6. Attard Joe
7. Attard James
8. Attard Louis
9. Attard Stephen
10. Azzopardi Charles O.F.M. Kap.
11. Azzopardi Rudolph
12. Bartolo Domnic
13. Borg Chalies
14. Caccatalo Philip (R.I.P.)
15. Camilleri Christain
16. Camilleri Jurgen
17. Camilleri Raymond
18. Caruana Lloyd
19. Cefai Dione
20. Ciantar Ivan (R.I.P.)
21. Cilia Nazju
22. Cilia Victor
23. Coleiro Alfred
24. Cordina Jean Paul
25. Cordina Silvio
26. Debattista Pawlu
27. Debattista Raymond
28. Debattista Stephen
29. Debattista William
30. Debono Joseph
31. Debrincat Joseph
32. Dimech Pawlu
33. Ellul Carmelo (R.I.P.)
34. Falzon Joseph
35. Falzon Alfred
36. Farrugia Chalie
37. Farrugia Dino
38. Farrugia Pawlu
39. Felice Emmawel
40. Felice Joseph
41. Fenech Josef
42. Formosa Anthony
43. Formosa Ivan (R.I.P.)
44. Friggieri Stephen
45. Grech Jean Paul
46. Grech Sidor
47. Grima Alfred (R.I.P.)
48. Grima Alfred (Tal-Qaddis)
49. Grima Dennis
50. Grima Domnic
51. Meilaq Joe
52. Meli Raymond
53. Mercieca Joe
54. Micallef Carmelo
55. Micallef Joe
56. Mifsud Pawlu
57. Mizzi Josmark
58. Pace Jean Pierre
59. Pace Joseph
60. Portelli Brian
61. Portelli Dennis
62. Portelli Edward
63. Portelli Mario
64. Portelli Pawlu
65. Portelli Stephen
66. Rapa Jason
67. Role' Mario
68. Saliba Renzo
69. Scerrri Dennis
70. Scerri Mario
71. Sciberras Mario
72. Scicluna Elton
73. Scicluna Emmanuel
74. Scicluna Hector
75. Spencer Domnic
76. Spencer Ivan
77. Spiteri Joseph
78. Spiteri Sandro
79. Spiteri Saviour
80. Turner Chalie
81. Vella Ġiġi
82. Vella Joe
83. Zahra Charles (R.I.P.)
84. Zammit Chalie

## INNU MARĊ LIT-TRINITA' QADDISA

Aħna l-Marsin b'fehma waħda nġbarna,
Biex ma' dawn in-noti nkantaw,
Xi kliem sabiħ joħroġ minn xufftejna.
Li bih infaħħru lit-Trinita'.

Glorja lill-Missier, l-Iben u lill-Ispirtu s-Santu,
Dawn fil-għerf u l-kobor daqs xulxin,
Tliet Persuni f'Alla Wieħed,
F'dan tassew nemmnu l-Marsin! (RIP. 2)

### TRIO

Bla ma' nifhmu aħna nemmnu,
Illi dan misteru kbir,
Minn għajnejna toħroġ demgħa,
Il-verita' nuru qegħdin!

Alla tagħna b'idejk fuqna,
Il-bogħod begħdna mit-tiġrib,
Kollha ngħidu b'vuċi soda,
Viva t-Trinita' f'kull ħin! (RIP. 2)

## INNU MARĊ GĦAQDA FESTI ESTERNI SSMA. TRINITA'

Fl-aħħar waslet il-ġurnata
Li tagħmilna ferħanin
Aħna tal-Festi Esterni
B'din il-Festa mkabbrin

Aħna naħdmu s-sena kollha
Sabiex nagħmlu dan l-armar
Ħalli festa kbira jkollna
Kif jixraq lit-Trinita' (RIO. 2)

### TRIO

Aħmar u Blu l-kulur tagħna
Dan Iżommna magħqudin
Bnadar, bżieżaq jew umbrelel
Inxejru Ikoll ħenjin

Ngħidu Viva l-Festa tagħna
Ngħidu Viva t-Trinita'
Aħna tal-Festi Esterni
B'għajta waħda nkantaw. (RIP.2)

# INNU LIT-TRINITA QADDISA

**Versi ta' Dun Frans Camilleri**
**Mużika tas-Surmast Philip Gatt**

Bil-qima u bil-ħlewwa
Jinsġulu l-innijiet
Ta' ġieħ u mħabba 'l Alla
L-Arkanġli tas-smewwiet.

U magħhom, bla ma' jieqfu,
Qtajjiet ta' Anġli sbieħ
Jingħaqdu fit-tislima,
U jroddu ħajr u ġieħ.

Tifħir u ġieħ lil Alla
Kull waqt u kullimkien
Il-ħlejjaq b'leħen wieħed
Jagħtuh ilkoll flimkien!

Inbierku 'l Alla wieħed
Fi Tlieta magħqudin
Fl-imħabba, fil-qdusija,
Fis-sliem bla tarf ħenjin.

'L Missier kull ġieħ u 'l Iben
L-Ispirtu s-Santu wkoll
Bil-qima. B'ruħna safja
Minn qalbna nagħtu lkoll.

Tifħir u ġieħ lil Alla eċċ.

Insellmu 'l Min ħalaqna
U ħabbna bħala wliedu;
Li ried mill-ġdid jerfagħna
Mill-jasar, mill-ħtijiet.

Inbierku 'l Min kull għodwa
Jagħtina d-dawl u l-ferħ,
Jgħajjixna u jqawwina
U jtina s-sliem u s-serħ.

Tifħir u ġieħ lil Alla eċċ.

# Innu lis-SSma. Trinita'

## TITULAR TAL-PARROĊĊA TAL-MARSA

***Versi Ta' P. Mattew Sultana O.F.M. Cap.***
***Mużika Tas-Surmast Jos. Casapinta F.L.C.M.***

Li Int Alla wieħed għalkemm tliet persuni,
Nistqarru Mulejja bla nagħtu tifsir
Kif intom f'natura waħdiena w divina,
Għax intom għalina misteru wisq kbir.

Min jista' kburitek iħaddan Mulejja?
Min jista' qawwietek ikejjel bil-ħsieb
Kif int Alla wieħed fi tlieta, le moħħna
Mnejn jidħol jew joħroġ ma jsib ebda bieb?

L-għerf kollu qatt ma jasal
Biex lilek tarf iqiegħed
Min jaħseb li jkun wasal
Isib li għadu mbiegħed
Sa jibqa' biex kburitek
Ma jifhem qatt u qatt.

Kbir Int O Missier u Ħallieq Sid ta' kollox,
Kbir Int O Feddej li tħallat mal-bnedmin,
Xejn iżjed jew inqas mit-tnejn, Ruħ il-Qodos,
Għax f'kollox it-tlieta l-istess daqs Xulxin.

Xejn m'għandkom, ma fikom ma kienx sa minn dejjem,
Xejn qabel jew wara, ma kollox flimkien
Iż-żmien ma jafx jgħid f'liema waqt intom bdejtu
Minn dejjem teżistu bla bidu bla tmiem.

Nistqarru mingħajr biża'
Bi ħsieb li nċarċru demmna
Li fik tliet persuni
Bħal ma tgħallimna l-Emmna
It-tlieta f'Alla wieħed
Magħżula minn xulxin.

Art, baħar, xemx, kwiekeb fil-kobor u n-numru
Jiċċekknu, jixxejnu għal kollox. x'ħin ħdejk
Il-bniedem bi ħsiebu flimkien iressaqhom
U jsib li taħkimhom fuq xiber idejk.

Minn għandkom it-tlieta l-ħolqien ħa kull bidu
Warrabtu bil-FIAT ix-xejn, ħlaqtu n-nies
Id-dalma ħarrabtu w id-dinja libbistu
Fil-baħar ferrixtu dak l-ilma bla qies.

O Alla ta' kobor quddiemek niċċekknu
Missier, Kristu Iben u Spirtu qaddis
Għalkemm tliet persuni 'mma lkoll Alla wieħed
Ferħana nistqarru f'dal jum hekk għażiż.

Glorja Lilek Missier Alla
Talli ħlaqtna lkoll nagħtuk
Glorja Lilek, Għażiż Iben
B'Feddej tagħna nistqarruk
Glorja lkoll, ġieħ, qima nagħtu
Lilek Spirtu tal-Mulej
Mal-Missier talli qaddistna
Mal-Maħbub Iben Feddej

**4-3-46**

**Nihil Obstat**
**Datum Melitae, die 29 Martii 1946**
**Fr. BERNARDUS Ma. a. Hamrun O.F.M. Cap.**
**Cens. Theol.**

***Fuq stedina ta' l-Ghaqda Festi Esterni SSma. Trinita' Marsa, dan l-Innu ndaqq mill-Banda "Mater Grazia" ta' Ħaż-Żabbar, nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju fis-sala tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu' il-Marsa. Fuq stedina ta' l-Għaqda ukoll, il-Banda "Sliema" kienet ħadet sehem fil-festa ta' San Franġisk fil-parroċċa tagħna. Għall-Festi tal- 25 Sena Anniversarju ħadu sehem ukoll l-"Odyssey Brass Band"u l-"Stafforshire Youth Jazz Band" ta' l-Ingilterra.***

# INNU POPOLARI LIS-SSMA. TRINITA'

Ġieh u qima nroddulek, Mulejna,
bl-ogħla mħabba lkoll nadurawk;
għalkemm Tlieta Persuni tingħaddu,
Alla Wieħed bil-fidi narawk.

Ħajr u qima minn qalbna nagħtuk:
Alla tagħna ferrieħa nqisuk.

Missier Alla, b'setgħatek mimlija
huma s-sema u l-ħlejjaq ta l-art:
Mix-xejn lilhom f'dagħdija ta'mħabba.
Int ħlaqthom u b'ħiltek fawwart.

Ħajr u qima minn qalbna nagħtuk:
Alla tagħna ferrieħa nqisuk.

Int Waħdieni l-Imnissel minn Verġni,
sabiex b'demmek stajt tifdi 'il-bnedmin:
ukoll Lilek tifħir inroddulek,
ma ħallejtx Inti lilna mjassrin.

Ħajr u qima minn qalbna nagħtuk:
Alla tagħna ferrieħa nqisuk.

Spirtu Mqaddes, fawwara ta' mħabba:
Spirtu Safi, int l-għajn ta' kull ġid:
l-għanja tagħna b'imħabba ninsġulek,
għax ta' qlubna b'imħabba int waħdek is-sid.
Ħajr u qima minn qalbna nagħtuk:
Alla tagħna ferrieħa nqisuk.

Missier, Iben u Spirtu Mqaddes,
flimkien Lilkom inroddu kull qima,
f'dan il-jum li miġbura madwarkom,
Lilkom nagħtu ferħana t-tislima.

Ħajr u qima minn qalbna nagħtuk:
Alla tagħna ferrieħa nqisuk.

Inroddulkom tislima ta' fidi,
għaliex Wieħed fiTlieta naraw:
inroddulek tislima ta' mħabba:
Alla Wieħed flimkien naduraw.

Ħajr u qima minn qalbna nagħtuk:
Alla tagħna ferrieħa nqisuk.



*Pawlu Dimech twieled fit-8 ta' Lulju 1954, fid-dar 37 Triq is-Sajjieda l-Marsa, minn Anthony u Annie nee' Farrugia "Ta' Gerbieblu". Huwa ha l-edukazzjoni tieghu fl-iskola tas-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu' u l-iskola Primarja tal-Marsa. Daħal fl-iskola Sekondarja "Capuchin's Serafic School", il-Furjana u fi Stella Maris il-Gżira. Kompla fis-Seminarju maġġuri tal-Kapuċċini. Illum jaħdem ta' Storekeeper ma' ditta privata. Pawlu huwa kitteb ta' bosta poeżiji, drammi u artikli ta' l-istorja tal-Marsa f'gurnali u rivisti. Huwa kien u għadu attiv f'diversi għaqdiet u serva ta' Segretarju f'Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita', Marsa fit-twaqqif tagħha.*



Nar lest għall-Festa tat-Trinità Qaddisa

*L-Għaqda tal-Festi Esterni SSma. Trinita', Marsa*
*tixtieq turi l-apprezzament tagħha*
*għall-għajnuna kollha li sabet*
*mingħand il-Ministru ta' l-Edukazzjoni*
*l-Onor. Dr. Louis Galea, B.A., LL.D.*








